ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 87

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 55

24 ta' Marzu 2012

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 263/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 li jimplimenta l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan** ..... 1

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 264/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 359/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran** ..... 26

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 265/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 li jimplimenta l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja** ..... 37

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 266/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 li jimplimenta l-Artikolu 32(1) tar-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja** ..... 45

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

**Prezz: EUR 7**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/166/PESK tat-23 ta' Marzu 2012 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva** ........................... 49

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/167/PESK tat-23 ta' Marzu 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan** ........................................ 60

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/168/PESK tat-23 ta' Marzu 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2011/235/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran** ........................................................................... 85

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/169/PESK tat-23 ta' Marzu 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran** ............................................ 90

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/170/PESK tat-23 ta' Marzu 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/573/PESK li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldova** ....................................................................... 92

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/171/PESK tat-23 ta' Marzu 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/639/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja** ........................ 95

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/172/PESK tat-23 ta' Marzu 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/782/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja** .............................. 103

MT

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 263/2012

**tat-23 ta' Marzu 2012**

**li jimplimenta l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 753/2011 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-1 ta' Awwissu 2011, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 753/2011.

(2) Fid-29 ta' Novembru 2011, fis-6 ta' Jannar 2012, fit-13 ta' Frar 2012, fl-1 ta' Marzu 2012 u fis-16 ta' Marzu 2012, il-Kumitat stabbilit skont il-paragrafu 30 tar-Riżoluzzjoni 1988 (2011) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, aġġorna l-lista ta' individwi, gruppi, impriżi u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.

(3) L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 753/2011 għandu għalhekk jiġi emendat kif adatt,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 753/2011 huwa b'dan sostitwit bit-test li jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

---

[1] ĠU L 199, 2.8.2011, p. 1.

*ANNESS*

*"ANNESS*

**LISTA TA' PERSUNI FIŻIĊI U ĠURIDIĊI, GRUPPI, IMPRIŻI U ENTITAJIET IMSEMMIJIN FL-ARTIKOLU 4**

A. *Individwi assoċjati mat-Taliban*

(1) **Abdul Baqi Haqqani Bashir Mohammad**

**Titlu:** **(a)** Maulavi; **(b)** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Gvernatur tal-provinċji ta' Khost u Paktika taħt ir-reġim Taliban; **(b)** Viċi Ministru tal-Informazzjoni u l-Kultura taħt ir-reġim Taliban; **(c)** Dipartiment Konsulari tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1960-1962 **Post tat-twelid:** **(a)** Belt ta' Jalalabad, Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan; **(b)** Distrett ta' Shinwar, Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan; **(b)** membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Nangarhar fl-2008. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Abdul Baqi inizjalment kien il-Gvernatur tal-provinċji ta' Khost u Paktika għar-reġim Taliban. Sussegwentement inħatar Viċi Ministru tal-Informazzjoni u l-Kultura. Ħadem ukoll fid-Dipartiment Konsulari tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tar-reġim Taliban.

Matul l-2003, Abdul Baqi kien involut f'attivitajiet militari kontra l-gvern fid-Distretti ta' Shinwar, Achin, Naziyan u Dur Baba tal-Provinċja ta' Nangarhar. Mill-2009 kien impenjat fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet militanti fir-reġjun tal-Lvant, b'mod partikolari fil-Provinċja ta' Nangarhar u fil-Belt ta' Jalalabad.

(2) **Abdul Qadeer Abdul Baseer** (magħruf ukoll bħala **(a)** Abdul Qadir **(b)** Ahmad Haji **(c)** Abdul Qadir Haqqani).

**Titlu:** **(a)** Ġeneral, **(b)** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Attaché Militari, Ambaxxata tat-Taliban, Islamabad, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** 1964. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Surkh Rod, Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** D 000974 (passaport Afgan). **Informazzjoni oħra:** **(a)** Konsulent finanzjarju għall-Kunsill Militari tat-Taliban f'Peshawar u Kap tal-Kummissjoni Finanzjarja tat-Taliban f'Peshawar, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Abdul Qadeer Abdul Baseer kien it-teżorier tat-Taliban f'Peshawar, il-Pakistan, fl-2009. Kien il-konsulent finanzjarju tal-Kunsill Militari tat-Taliban f'Peshawar u l-kap tal-Kummissjoni Finanzjarja tat-Taliban f'Peshawar fil-bidu tal-2010. Huwa jgħaddi personalment il-flus mit-tmexxija tax-shura tat-Taliban lill-gruppi Talibani fil-Pakistan kollu.

(3) **Amir Abdullah** (magħruf ukoll bħala Amir Abdullah Sahib).

**Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ex Viċi Gvernatur tat-Taliban fil-Provinċja ta' Kandahar. **Indirizz:** Karachi, il-Pakistan. **Data tat-twelid**: Bejn wieħed u ieħor 1972. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Paktika, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Ivvjaġġa lejn il-Kuwajt, l-Arabja Sawdija, il-Ġamaħirija Għarbija Libjana u l-Emirati Għarab Magħquda biex jiġbor fondi għat-Taliban, **(b)** Teżorier għal Abdul Ghani Baradar Abdul Ahmad Turk, **(c)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 20.7.2010.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Amir Abdullah kien it-teżorier tal-mexxej anzjan Taliban Abdul Ghani Baradar (TI.B.24.01.) u qabel kien il-viċi tal-gvernatur Taliban tal-provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. Amir Abdullah ivvjaġġa lejn il-Kuwajt, l-Arabja Sawdija, il-Libja u l-Emirati Għarab Magħquda biex jiġbor fondi għat-Taliban. Huwa ffaċilita wkoll il-komunikazzjoni għat-tmexxija Talibana u kkoordina laqgħat ta' livell għoli fil-parti tad-dar maħsuba għall-mistednin tar-residenza tiegħu fil-Pakistan. Abdullah għen lil bosta membri anzjani Talibani li ħarbu mill-Afganistan fl-2001 biex jistabbilixxu ruħhom fil-Pakistan.

(4) **Abdul Manan**

**Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Attaché Kummerċjali, l-Ambaxxata tat-Taliban, Abu Dhabi, l-Emirati Għarab Magħquda. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1975. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Abdul Manan sar kmandant anzjan Taliban fil-Provinċji ta' Paktia, Paktika u Khost tal-Lvant tal-Afganistan. Kien ukoll responsabbli għall-moviment tal-ġellieda u l-armi Talibani minn naħa għal oħra tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan.

(5) **Abdul Razaq Ekhtiyar Mohammad**.

**Titlu:** **(a)** Maulavi, **(b)** Mawlana. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tal-Kummerċ taħt ir-reġim Taliban **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1955-1958. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Shah Wali Kot, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** 077513 (Karta tal-identifikazzjoni nazzjonali (tazkira) maħruġa fid-Distrett ta' Paghman, Provinċja ta' Kabul, l-Afganistan). **Indirizz:** it-Tieni Triq, Żona Qalaie-e-Kashif, Distrett Nru 5, Kabul, l-Afganistan. **Informazzjoni oħra:** Involut fit-traffikar tad-drogi. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

(6) **Abdul Wahab**.

**Titlu:** Malawi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Chargé d'Affaires tat-Taliban f'Riyadh, l-Arabja Sawdija, **(b)** l-Ewwel Segretarju, Ambaxxata tat-Taliban f'Islamabad, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1973. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Khogyani, Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tax-Shura tat-Taliban fi Quetta fl-2010, **(b)** Irrappurtat deċedut fil-bidu tal-2011 fil-Pakistan, **(c)** Kien jappartjeni għat-tribù Khogyani. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(7) **Abdul Rahman Agha**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Prim Imħallef tal-Qorti Militari taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1958. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** **(a)** Afgana, **(b)** Pakistana. **Informazzjoni oħra:** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(8) **Abdul Wasay Mu'tasim Agha**. (magħruf ukoll bħala **(a)** Mutasim Aga Jan, **(b)** Agha Jan, **(c)** Abdul Wasay Agha Jan Motasem).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tal-Finanzi taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** **(a)** 1961, **(b)** Bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid:** **(a)** Raħal ta' Jelawur, Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, **(b)** Raħal ta' Speerwan, Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Jiġbor fondi għat-Taliban u jivvjaġġa spiss lejn l-Istati tal-Golf, **(b)** Membru tal-Kummissjoni Finanzjarja tal-Kunsill Suprem tat-Taliban fl-2011, **(c)** Il-familja tiegħu marbuta permezz ta' żwieġ ma' Mullah Mohammed Omar, **(d)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(e)** Jappartjeni għall-grupp etniku tas-Sadat. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

(9) **Janan Agha** (magħruf ukoll bħala Abdullah Jan Agha).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Faryab (l-Afganistan) taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** **(a)** Bejn wieħed u ieħor 1958, **(b)** Bejn wieħed u ieħor 1953. **Post tat-twelid:** Belt ta' Tirin Kot, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban u konsulent għal Mullah Mohammed Omar f'Ġunju 2010, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Jappartjeni għall-grupp etniku tas-Sadat. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(10) **Sayed Mohammad Azim Agha** (magħruf ukoll bħala **(a)** Sayed Mohammad Azim Agha, **(b)** Agha Saheb).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Direttur tad-Dipartiment tal-Passaporti u l-Viżi fil-Ministeru tal-Intern taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** **(a)** Bejn wieħed u ieħor 1966; **(b)** Bejn wieħed u ieħor 1969. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Il-kariga ta' Sayed Mohammad Azim Agha bħala impjegat mad-Dipartiment tal-Passaporti u l-Viżi kienet fil-Ministeru tal-Intern tar-reġim tat-Taliban.

(11) **Sayyed Ghiassouddine Agha** (magħruf ukoll bħala **(a)** Sayed Ghiasuddin Sayed Ghousuddin, **(b)** Sayyed Ghayasudin, **(c)** Sayed Ghias).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Ministru tal-Affarijiet tal-Haj u Affarijiet Reliġjużi taħt ir-reġim tat-Taliban, **(b)** Ministru tal-Edukazzjoni taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1961. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Kohistan, Provinċja ta' Faryab, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċji ta' Faryab, Jawzjan, Sari Pul u Balkh, l-Afganistan, f'Ġunju 2010, **(b)** Involut fit-traffikar tad-drogi, **(c)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban u l-Kunsill Militari tat-Taliban f'Diċembru 2009, **(d)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(e)** Jappartjeni għall-grupp etniku tas-Sadat. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Sayyed Ghiassouddine Agha kien ukoll Ministru tal-Edukazzjoni tar-reġim tat-Taliban. Kien ukoll il-membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Faryab, l-Afganistan, f'Mejju 2007. Hu maħsub li jinsab involut fit-traffikar tad-drogi.

(12) **Mohammad Ahmadi**.

**Titlu:** **(a)** Mullah, **(b)** Haji. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** President tal-Bank Ċentrali (Da Afghanistan Bank) taħt ir-reġim tat-Taliban, **(b)** Ministru tal-Finanzi taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1963. **Post tat-twelid:** **(a)** Distrett ta' Daman, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, **(b)** Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Kakar, **(c)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(13) **Mohammad Shafiq Ahmadi**.

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Samangan (l-Afganistan) taħt ir-reġim tat-Taliban. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(14) **Ahmadullah** (magħruf ukoll bħala **(a)** Ahmadulla **(b)** Mohammad Ahmadullah).

**Titlu:** Qari. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tas-Sigurtà (Intelligence) taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** **(a)** Bejn wieħed u ieħor 1975, **(b)** Bejn wieħed u ieħor 1965. **Post tat-twelid:** **(a)** Iż-żona ta' Khogyani, Distrett ta' Qarabagh, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan, **(b)** Distrett ta' Andar, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Irrappurtat deċedut f'Diċembru 2001, **(b)** Kien jappartjeni għat-tribù Khogyani. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Fl-2003, Ahmadullah iddistribwixxa tagħmir splussiv lil militanti u tahom struzzjonijiet biex iwettqu attakki fl-Afganistan.

(15) **Abdul Bari Akhund** (magħruf ukoll bħala **(a)** Haji Mullah Sahib **(b)** Zakir).

**Titlu:** **(a)** Maulavi, **(b)** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Helmand taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1953. **Post tat-twelid:** **(a)** Distrett ta' Baghran, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan, **(b)** Distrett ta' Now Zad, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'Ġunju 2009, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Alokozai, **(d)** Membru tat-tmexxija tat-Taliban fil-Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(16) **Ahmed Jan Akhundzada Wazir** (magħruf ukoll bħala **(a)** Haji Ahmad Jan, **(b)** Ahmed Jan Akhund).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tal-Ilma u l-Elettriku taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1953 u l-1958. **Post tat-twelid:** **(a)** Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan; **(b)** Distrett ta' Tirin Kot, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Militari Suprem tat-Taliban fl-2009, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(17) **Attiqullah Akhund**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Agrikoltura taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1953. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Shah Wali Kot, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Militari Suprem tat-Taliban kif ukoll tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'Ġunju 2010, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Popalzai. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(18) **Hamidullah Akhund Sher Mohammad** (magħruf ukoll bħala **(a)** Janat Gul **(b)** Hamidullah Akhund).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Kap tal-Ariana Afghan Airlines taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1972 u l-1973. **Post tat-twelid:** **(a)** Ir-raħal ta' Sarpolad, Distrett ta' Washer, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan, **(b)** Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Jappartjeni għat-tribù Ghilzai. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(19) **Mohammad Hassan Akhund**.

**Titlu:** **(a)** Mullah, **(b)** Haji. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** (a) L-Ewwel Viċi, Kunsill tal-Ministri taħt ir-reġim tat-Taliban, **(b)** Ministru tal-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim tat-Taliban, **(c)** Gvernatur ta' Kandahar taħt ir-reġim tat-Taliban, **(d)** Konsulent Politiku ta' Mullah Mohammed Omar. **Data tat-twelid:** **(a)** Bejn wieħed u ieħor 1955-1958, **(b)** Bejn wieħed u ieħor 1945-1950. **Post tat-twelid:** Ir-raħal ta' Pashmul, Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Assoċjat qrib ta' Mullah Mohammed Omar, **(b)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'Diċembru 2009, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Kakar. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Mohammad Hassan Akhund huwa assoċjat qrib ta' Mohammed Omar.

Mohammad Hassan Akhund kien għadu mexxej attiv tat-Taliban f'nofs l-2009. Huwa kien wieħed mill-aktar kmandanti effettivi tat-Taliban fil-bidu tal-2010.

(20) **Mohammad Abbas Akhund**.

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tas-Saħħa Pubblika taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1963. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Khas Uruzgan, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afghanistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban inkarigat mill-Kumitat Mediku f'Jannar 2011, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Barakzai. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(21) **Mohammad Essa Akhund**.

**Titlu:** **(a)** Alhaj, **(b)** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tal-Ilma, is-Sanità u l-Elettriku taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1958. **Post tat-twelid:** Iż-żona ta' Mial, Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Jappartjeni għat-tribù Nurzai. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(22) **Ubaidullah Akhund** (magħruf ukoll bħala **(a)** Obaidullah Akhund, **(b)** Obaid Ullah Akhund). 0

**Titlu:** **(a)** Mullah, **(b)** Hadji, **(c)** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tad-Difiża taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid:** **(a)** Ir-raħal ta' Sangisar, Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, **(b)** Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Kien wieħed mill-viċi ta' Mullah Mohammed Omar, **(b)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban, inkarigat minn operazzjonijiet militari, **(c)** Arrestat fl-2007 u miżmum taħt kustodja fil-Pakistan fl-2011, **(d)** Rabta permezz ta' żwieġ ma' Saleh Mohammad Kakar Akhtar Muhammad, **(e)** Jappartjeni għat-tribù Alokozai. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Ubaidullah Akhund kien viċi ta' Mohammed Omar u membru tat-tmexxija tat-Taliban inkarigat minn operazzjonijiet militari.

(23) **Ahmad Jan Akhundzada Shukoor Akhundzada** (magħruf ukoll bħala **(a)** Ahmad Jan Akhunzada **(b)** Ahmad Jan Akhund Zada).

**Titlu:** **(a)** Maulavi **(b)** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċji ta' Zabol u Uruzgan taħt ir-reġim tat-Taliban. **Post tat-twelid:** **(a)** Ir-raħal ta' Lablan, Distrett ta' Dehrawood, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afghanistan, **(b)** Distrett ta' Zurmat, Provinċja ta' Paktia, l-Afghanistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Uruzgan, l-Afghanistan, fil-bidu tal-2007, **(b)** Ħaten Mullah Mohammed Omar, **(c)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Ahmad Jan Akhunzada Shukoor Akhunzada kien il-membru tat-Taliban inkarigat mill-Provinċja ta' Uruzgan fil-bidu tal-2007.

(24) **Mohammad Eshaq Akhunzada** (magħruf ukoll bħala Mohammad Ishaq Akhund).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Laghman (l-Afganistan) taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1963 u l-1968. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Andar, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Fl-2008, Mohammad Eshaq Akhunzada kien il-kmandant provinċjali tat-Taliban għall-Provinċja ta' Ghazni, l-Afghanistan, u kien għadu attiv fil-provinċja fl-2011.

(25) **Agha Jan Alizai** (magħruf ukoll bħala (a) Haji Agha Jan Alizai **(b)** Hajji Agha Jan **(c)** Agha Jan Alazai **(d)** Haji Loi Lala **(e)** Loi Agha).

**Titlu:** Haji. **Data tat-twelid:** **(a)** 15.10.1963, **(b)** 14.2.1973, **(c)** 1967, **(d)** Bejn wieħed u ieħor 1957. **Post tat-twelid:** (a) Ir-raħal ta' Hitemchai, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan, **(b)** Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** (a) Mexxa netwerk ta' traffikar tad-droga f'Helmand, l-Afganistan, **(b)** Ivvjaġġa regolarment lejn il-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 4.11.2010.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Agha Jan Alizai mexxa waħda mill-ikbar netwerks ta' traffikar tad-drogi f'Helmand, l-Afganistan, u pprovda fondi għat-Taliban bi skambju għall-protezzjoni tal-attivitajiet tiegħu ta' traffikar ta' narkotiċi. Fl-2008, grupp ta' traffikanti ta' narkotiċi, inkluż Alizai, qabel li jħallas it-taxxa tat-Taliban fuq l-art fejn kien jinżergħa l-peprin xaħxieħi bi skambju għall-qbil mit-Taliban li jiġi organizzat it-trasport għal materjali narkotiċi.

It-Taliban qablu wkoll li jipprovdu s-sigurtà għat-traffikanti tan-narkotiċi u s-siti ta' ħżin tagħhom, filwaqt li t-traffikanti jipprovdu kenn u trasport għall-ġellieda Talibani. Alizai kien involut ukoll fix-xiri ta' armi għat-Taliban u vvjaġġa regolarment lejn il-Pakistan biex jiltaqa' ma' mexxejja anzjani tat-Taliban. Alizai ffaċilita wkoll l-akkwist ta' passaporti foloz Iranjani minn membri tat-Taliban sabiex jivvjaġġaw lejn l-Iran għat-taħriġ. Fl-2009, Alizai ipprovda passaport u fondi lil kmandant tat-Taliban biex jivvjaġġa lejn l-Iran.

(26) **Allah Dad Mati** (magħruf ukoll bħala **(a)** Allahdad, **(b)** Shahidwror, **(c)** Akhund).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Ministru tal-Iżvilupp Urban taħt ir-reġim tat-Taliban, **(b)** President tal-Bank Ċentrali (Da Afghanistan Bank) taħt ir-reġim tat-Taliban, **(c)** Kap tal-Ariana Afghan Airlines taħt ir-reġim tat-Taliban **Data tat-twelid:** **(a)** Bejn wieħed u ieħor 1953, **(b)** Bejn wieħed u ieħor 1960. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Tilef sieq fi splużjoni ta' mina, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Nurzai. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Allahdad, membru tat-tribù Nurzai minn Spin Boldak, inħatar Ministru tal-Kostruzzjoni u d-Djar wara li kellu karigi oħra fiċ-ċivil taħt ir-reġim tat-Taliban.

(27) **Aminullah Amin Quddus** (magħruf ukoll bħala **(a)** Muhammad Yusuf **(b)** Aminullah Amin).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Saripul (l-Afganistan) taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1973. **Post tat-twelid:** Ir-raħal ta' Loy Karez, Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban fl-2011, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Nurzai. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(28) **Mohammad Sadiq Amir Mohammad**.

**Titlu:** **(a)** Alhaj, **(b)** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Kap tal-Aġenzija tal-Kummerċ Afgan, Peshawar, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** 1934. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** SE 011252 (passaport Afgan). **Informazzjoni oħra:** Irrappurtat deċedut. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Mohammad Sadiq Amir Mohammad kien membru tal-Majlis-ash-Shura ġdida rrappurtata li tħabbret minn Mohammed Omar f'Ottubru 2006.

(29) **Muhammad Taher Anwari** (magħruf ukoll bħala **(a)** Mohammad Taher Anwari, **(b)** Muhammad Tahir Anwari, **(c)** Mohammad Tahre Anwari).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Direttur tal-Affarijiet Amministrattivi taħt ir-reġim tat-Taliban, **(b)** Ministru tal-Finanzi taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1961. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Zurmat, Provinċja ta' Paktia, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Jappartjeni għat-tribù Andar. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Il-kariga ta' Muhammad Taher Anwari bħala Direttur tal-Affarijiet Amministrattivi kienet taqa' taħt il-Kunsill tal-Ministri tar-reġim tat-Taliban, li kien l-ogħla livell fil-ġerarkija Talibana. Kien ukoll Ministru tal-Finanzi tar-reġim tat-Taliban.

Kien ukoll jikteb diskorsi għall-Mexxej Suprem tat-Taliban Mohammed Omar (TI.O.4.01).

(30) **Arefullah Aref**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Viċi Ministru tal-Finanzi taħt ir-reġim Taliban, **(b)** Gvernatur tal-Provinċja Ghazni taħt ir-reġim Taliban, **(c)** Gvernatur tal-Provinċja Paktia taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1958. **Post tat-twelid:** **(a)** Distrett ta' Zurmat, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan, **(b)** Distrett ta' Andar, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** (a) Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Andar **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

(31) **Sayed Esmatullah Asem** (magħruf ukoll bħala **(a)** Esmatullah Asem **(b)** Asmatullah Asem).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** (a) Viċi Ministru tal-Prevenzjoni tal-Vizzji u l-Propagazzjoni tal-Virtù taħt ir-reġim tat-Taliban, **(b)** Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà Afgana tan-Nofs Qamar Aħmar (ARCS) taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1967. **Post tat-twelid:** Qalayi Shaikh, Distrett ta' Chaparhar, Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'Mejju 2007, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Membru tax-Shura tat-Taliban f'Peshawar, **(d)** Responsabbli għal attivitajiet Talibani Afgani f'Żoni Tribali taħt Ammistrazzjoni Federali, il-Pakistan, fl-2008. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Fil-mument meta ddaħħal fil-lista, Sayed Esmatullah Asem kien ukoll is-Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà Afgana tan-Nofs Qamar Aħmar (ARCS) taħt ir-reġim tat-Taliban. Minn Mejju 2007, sar membru tat-tmexxija tat-Taliban. Kien ukoll membru ta' Kunsill reġjonali tat-Taliban fl-2009.

Sayed Esmatullah Asem kien il-kmandant ta' grupp ta' ġellieda Talibani fid-Distrett ta' Chaparhar, fil-Provinċja ta' Nangarhar, l-Afghanistan. Huwa kien kmandant tat-Taliban fil-Provinċja ta' Konar li, fl-2007, bagħat attakki suwiċidi lejn diversi provinċji fil-Lvant tal-Afganistan.

Lejn tmiem l-2008, Sayed Esmatullah Asem kien inkarigat minn bażi tat-taħriġ tat-Taliban fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan.

(32) **Atiqullah**.

**Titlu:** **(a)** Haji, **(b)** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi taħt ir-reġim tat-Taliban. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kummissjoni Politika tal-Kunsill Suprem tat-Taliban fl-2010, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Kakar. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Wara li Kabul inqabdet mit-Taliban fl-1996, Atiqullah inħatar għal kariga f'Kandahar. Fl-1999 jew l-2000, huwa nħatar l-Ewwel Viċi Ministru tal-Agrikoltura, imbagħad Viċi Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi fir-reġim tat-Taliban.

Wara l-waqgħa tar-reġim tat-Taliban, Atiqullah sar uffiċjal tal-operazzjonijiet tat-Taliban fin-Nofsinhar tal-Afganistan. Fl-2008, huwa sar viċi tal-Gvernatur Taliban tal-Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan.

(33) **Azizirahman Abdul Ahad**

**Titlu:** Sur **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** It-Tielet Segretarju, l-Ambaxxata tat-Taliban, Abu Dhabi, l-Emirati Gharab Magħquda. **Data tat-twelid:** 1972. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Shega, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** 44323 (karta ta' identifikazzjoni nazzjonali Afgana (tazkira)). **Informazzjoni oħra:** Jappartjeni għat-tribù Hotak. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(34) **Abdul Ghani Baradar Abdul Ahmad Turk** (magħruf ukoll bħala **(a)** Mullah Baradar Akhund **(b)** Abdul Ghani Baradar).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tad-Difiża taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid:** Ir-raħal ta' Yatimak, Distrett ta' Dehrawood, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Arrestat fi Frar 2010 u miżmum taħt kustodja fil-Pakistan, **(b)** Talba għall-estradizzjoni lejn l-Afganistan pendenti fil-Qorti Superjuri ta' Lahore, il-Pakistan, f'Ġunju 2011, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Popalzai, **(d)** Kmandant militari anzjan tat-Taliban u membru tal-"Quetta Council" f'Mejju 2007. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Abdul Ghani Baradar kien kmandant militari anzjan tat-Taliban u membru tat-tmexxija tat-Taliban fi Frar 2010.

Bħala l-Viċi Ministru tad-Difiża tat-Taliban, kien meqjus bħala wieħed mill-viċi ta' Mohammed Omar (TI.O.4.01) u mexxa t-taqsima tal-affarijiet militari tat-Taliban.

Huwa kien membru prinċipali tan-netwerk tat-Taliban u organizza operazzjonijiet Talibani kontra l-Gvern Afgan u l-Forza Internazzjonali ta' Assistenza għas-Sigurtà f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Ministru tad-Difiża tat-Taliban, Ubaidullah Akhund (TI.A.22.01).

(35) **Shahabuddin Delawar**

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi tal-Qorti Superjuri taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** **(a)** 1957, **(b)** 1953. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Logar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Viċi Kap tal-Ambaxxata tat-Taliban f'Riyadh, l-Arabja Sawdija, sal-25 ta' Settembru 1998, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(36) **Dost Mohammad** (magħruf ukoll bħala Doost Mohammad)

**Titlu:** **(a)** Mullah, **(b)** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Ghazni taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1968 u l-1973. **Post tat-twelid:** Ir-raħal ta' Nawi Deh, Distrett ta' Daman, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Assoċjat ma' Mullah Jalil Haqqani, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Popalzai. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Dost Mohammad inħatar ukoll mit-tmexxija tat-Taliban biex ikun inkarigat mill-operazzjonijiet militari f'Angora, fil-provinċja ta' Nuristan fl-Afganistan.

F'Marzu 2010, Dost Mohammad kien shadow gvernatur Taliban tal-provinċja ta' Nuristan u l-mexxej ta' madrassa li minnha kien jirrekluta ġellieda.

(37) **Mohammad Azam Elmi** (magħruf ukoll bħala Muhammad Azami).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Minjieri u l-Industriji taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Sayd Karam, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** irrappurtat deċedut fl-2005. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(38) **Faiz**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Kap tad-Dipartiment tal-Informazzjoni, Ministeru tal-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1969. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(39) **Rustum Hanafi Habibullah** (magħruf ukoll bħala **(a)** Rostam Nuristani **(b)** Hanafi Sahib).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1963. **Post tat-twelid:** Dara Kolum, Distrett ta' Do Aab, Provinċja ta' Nuristan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Nuristan, l-Afganistan, f'Mejju 2007, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Nuristani. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(40) **Gul Ahmad Hakimi**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Attaché Kummerċjali, Konsulat Ġenerali tat-Taliban, Karachi, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** 1964. **Post tat-twelid:** **(a)** Provinċja ta' Logar, l-Afganistan, **(b)** Provinċja ta' Kabul, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Gul Ahmad Hakimi kien ukoll id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment għall-Edukazzjoni Sekondarja tal-Ministeru tal-Edukazzjoni f'Kabul tar-reġim tat-Taliban qabel ma ntbagħat f'Karachi fl-1996.

(41) **Abdullah Hamad Mohammad Karim** (magħruf ukoll bħala al-Hammad)

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Konslu Ġenerali, Konsulat Ġenerali tat-Taliban, Quetta, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** 1972. **Post tat-twelid:** ir-raħal ta' Darweshan, iż-żona Hazar Juft, Distrett ta' Garmser, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-passaport:** D 000857 (maħruġ fl-20.11.1997). **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** 300786 (karta ta' identifikazzjoni nazzjonali Afgana (tazkira)). **Informazzjoni oħra:** **(a)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(b)** Jappartjeni għall-grupp etniku Baloch. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(42) **Hamdullah Allah Noor**

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Attaché tar-Ripatrijazzjoni, Konsulat Ġenerali tat-Taliban, Quetta, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** 1973. **Post tat-twelid:** Distrett Numru 6, il-Belt ta' Kandahar, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** 4414 (karta ta' identifikazzjoni Afgana (tazkira)). **Informazzjoni oħra:** **(a)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(b)** Jappartjeni għall-grupp etniku Baloch. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(43) **Zabihullah Hamidi** (magħruf ukoll bħala Taj Mir)

**Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Edukazzjoni Għolja taħt ir-reġim tat-Taliban. **Post tat-twelid:** Ir-raħal ta' Payeen Bagh, Distrett ta' Kahmard, Provinċja ta' Bamyan, l-Afganistan. **Indirizz:** Iż-żona ta' Dashti Shor, Mazari Sharif, Provinċja ta' Balkh, l-Afganistan **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(44) **Din Mohammad Hanif** (magħruf ukoll bħala Qari Din Mohammad).

**Titlu:** Qari. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Ministru tal-Ippjanar taħt ir-reġim tat-Taliban, **(b)** Ministru tal-Edukazzjoni Għolja taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1955. **Post tat-twelid:** Ir-raħal ta' Shakarlab, Distrett ta' Yaftali Pain, Provinċja ta' Badakhshan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban responsabbli għall-provinċji ta' Takhar u Badakhshan; **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(45) **Abdul Jalil Haqqani** (magħruf ukoll bħala **(a)** Abdul Jalil Akhund **(b)** Mullah Akhtar **(c)** Nazar Jan)

**Titlu:** **(a)** Maulavi, **(b)** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1963. **Post tat-twelid:** **(a)** Distrett ta' Arghandaab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, **(b)** Belt ta' Kandahar, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Numru tal-Passaport:** OR 1961825 (maħruġ taħt l-isem Mullah Akhtar, passaport maħruġ fl-4 ta' Frar 2003 mill-Konsulat Afgan fi Quetta, il-Pakistan, skada 2 ta' Frar 2006). **Informazzjoni oħra:** **(a)** Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(b)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban minn Mejju 2007, **(c)** Membru tal-Kummissjoni Finanzjarja tal-Kunsill tat-Taliban. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(46) **Badruddin Haqqani** (magħruf ukoll bħala Atiqullah).

**Indirizz:** Miram Shah, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1975-1979. **Informazzjoni oħra:** **(a)** kmandant tal-operazzjonijiet tan-Netwerk ta' Haqqani u membru tax-shura tat-Taliban f'Miram Shah, **(b)** għen fit-tmexxija ta' attakki kontra miri fix-Xlokk tal-Afganistan, **(c)** iben Jalaluddin Haqqani, ħu Sirajuddin Jallaloudine Haqqani u Nasiruddin Haqqani, in-neputi ta' Khalil Ahmed Haqqani. **Data tan-nomina min-NU:** 11.5.2011.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Badruddin Haqqani huwa l-kmandant tal-operazzjonijiet għan-Netwerk ta' Haqqani, grupp ta' militanti affiljati mat-Taliban li jopera mill-Aġenzija tat-Tramuntana tal-Waziristan fiż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan. In-Netwerk ta' Haqqani jinsab fuq il-quddiem nett tal-attivitajiet ta' ribelljoni fl-Afganistan, responsabbli għal bosta attakki ta' profil għoli. It-tmexxija tan-Netwerk ta' Haqqani hija magħmula mit-tliet ulied subien il-kbar tal-fundatur tiegħu Jalaluddin Haqqani, li ngħaqad mar-reġim tat-Taliban ta' Mullah Mohammed Omar f'nofs is-snin 90. Badruddin huwa iben Jalaluddin u ħu Nasiruddin Haqqani u Sirajuddin Haqqani, kif ukoll in-neputi ta' Khalil Ahmed Haqqani.

Badruddin jgħin fit-tmexxija tar-ribelli assoċjati mat-Taliban u l-ġellieda barranin fl-attakki kontra miri fix-Xlokk tal-Afganistan. Badruddin ipoġġi fuq ix-shura tat-Taliban f'Miram Shah, li għandha awtorità fuq l-attivitajiet tan-Netwerk ta' Haqqani.

Huwa maħsub ukoll li Badruddin huwa responsabbli għall-ħtif ta' nies għan-Netwerk ta' Haqqani. Huwa kien responsabbli għall-ħtif ta' bosta Afgani u ċittadini barranin fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan.

(47) **Ezatullah Haqqani Khan Sayyid** (magħruf ukoll bħala Ezatullah Haqqani).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Ippjanar taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1957. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Alingar, Provinċja ta' Laghman, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tax-Shura tat-Taliban f'Peshawar mill-2008, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Ezatullah Haqqani kien oriġinarjament jidher fuq il-lista bħala Maulavi Ezatullah fit-23 ta' Frar 2001. Iż-żieda ta' "Haqqani" fuq il-lista saret fis-27 ta' Settembru 2007.

Mill-2009, Ezatullah Haqqani kien membru ta' Kunsill reġjonali tat-Taliban.

(48) **Jalaluddin Haqqani** (magħruf ukoll bħala **(a)** Jalaluddin **Haqani,** **(b)** Jallalouddin **Haqqani,** **(c)** Jallalouddine Haqani).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tal-Affarijiet tal-Fruntieri taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** **(a)** Bejn wieħed u ieħor 1942; **(b)** Bejn wieħed u ieħor 1948. **Post tat-twelid:** **(a)** żona ta' Garda Saray, Distrett ta' Waza Zadran, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan; **(b)** Distrett ta' Neka, Provinċja ta' Paktika, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Missier Sirajuddin Jallaloudine Haqqani; Nasiruddin Haqqani u Badruddin Haqqani; **(b** Ħu Mohammad Ibrahim Omari u Khalil Ahmed Haqqani; **(c)** Mexxej attiv tat-Taliban, **(d)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(e)** Kap tax-Shura tat-Taliban f'Miram Shah fl-2008, **(f)** Jappartjeni għat-tribù Zadran. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Jalaluddin Haqqani għandu relazzjonijiet mill-qrib ma' Usama bin Laden u Mohammed Omar. Huwa missier Sirajuddin Jallaloudine Haqqani u mexxej attiv tat-Taliban. Jalaluddin Haqqani kien ukoll il-kollegament bejn Al-Qaida u t-Taliban fl-2007. Huwa kien il-President tal-"Kunsill Miram Shah" tat-Taliban f'Ġunju 2008.

Kien oriġinarjament kmandant għall-Partit Iżlamiku Mwalawi Hezbi fil-provinċji ta' Khost, Paktika u Paktia. Aktar tard ingħaqad mat-Taliban u nħatar Ministru tal-Affarijiet tal-Fruntieri. Wara l-waqa' tar-reġim tat-Taliban, flimkien ma' elementi tat-Taliban u ta' Al-Qaida, huwa ħarab lejn it-tramuntana tal-Waziristan u beda' jerġa' jgħaqqad il-milizzji tiegħu għall-ġlieda kontra l-Gvern tal-Afganistan.

Haqqani ġie akkużat bl-involviment fl-attakki bil-bombi kontra l-Ambaxxata Indjana f'Kabul fl-2008 u bit-tentattiv tal-assassinju tal-President Karzai matul parata militari f'Kabul aktar kmieni l-istess sena. Haqqani kien ukoll implikat f'attakk fuq bini ministerjali f'Kabul fi Frar 2009.

(49) **Khalil Ahmed Haqqani** (magħruf ukoll bħala **(a)** Khalil Al-Rahman Haqqani, **(b)** Khalil ur Rahman Haqqani, **(c)** Khaleel Haqqani).

**Titlu:** Haji. **Indirizz:** **(a)** Peshawar, il-Pakistan; **(b)** Qrib Dergey Manday Madrasa fir-Raħal ta' Dergey Manday, qrib Miram Shah, Aġenzija tat-Tramuntana tal-Waziristan (NWA), Żoni Tribali Amministrati Federalment (FATA), il-Pakistan, **(c)** Raħal ta' Kayla qrib Miram Shah, Aġenzija tat-Tramuntana tal-Waziristan (NWA), Żoni Tribali Amministrati Federalment (FATA), il-Pakistan; **(d)** Raħal ta' Sarana Zadran, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Data tat-twelid:** **(a)** 1.1.1966, **(b)** bejn l-1958 u l-1964. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru anzjan tan-Netwerk ta' Haqqani, li jopera mit-Tramuntana tal-Waziristan fiż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan, **(b)** Qabel kien ivvjaġġa lejn, u ġabar fondi f'Dubai, Emirati Għarab Magħquda, **(c)** Ħu Jalaluddin Haqqani u ziju ta' Sirajuddin Jallaloudine Haqqani. **Data tan-nomina min-NU:** 9.2.2011.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Khalil Ahmed Haqqani huwa membru anzjan tan-Netwerk ta' Haqqani, grupp ta' militanti affiljati mat-Taliban li topera mill-Aġenzija tat-Tramuntana tal-Waziristan fiż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan. In-Netwerk ta' Haqqani, li jinsab fuq il-quddiem nett tal-attivitajiet ta' ribelljoni fl-Afganistan, twaqqaf minn ħu Khalil Haqqani, Jalaluddin Haqqani (TI.H.40.01.), li ngħaqad mar-reġim tat-Taliban ta' Mullah Mohammed Omar f'nofs is-snin 90.

Khalil Haqqani jieħu sehem f'attivitajiet ta' ġbir ta' fondi f'isem it-Taliban u n-Netwerk ta' Haqqani, u ta' spiss jivvjaġġa barra mill-pajjiż biex jiltaqa' ma' persuni li jagħtu appoġġ finanzjarju. Minn Settembru 2009, Khalil Haqqani vvjaġġa lejn l-istati tal-Golf u ġabar fondi minn sorsi hemmhekk, kif ukoll minn sorsi fin-Nofsinhar u fil-Lvant tal-Asja.

Khalil Haqqani jipprovdi wkoll appoġġ lit-Taliban u lin-Netwerk ta' Haqqani li joperaw fl-Afganistan. Minn kmieni fl-2010, Khalil Haqqani pprovda fondi lil ċelloli tat-Taliban fil-Provinċja ta' Logar, l-Afganistan. Fl-2009, Khalil Haqqani pprovda u kkontrolla madwar 160 kumbattenti fil-Provinċja ta' Logar, l-Afganistan, u kien wieħed minn diversi persuni responsabbli għad-detenzjoni ta' priġunieri għedewwa maqbuda mit-Taliban u min-Netwerk ta' Haqqani. Khalil Haqqani ħa ordnijiet għal operazzjonijiet tat-Taliban minn Sirajuddin Haqqani, in-neputi tiegħu.

Khalil Haqqani aġixxa wkoll f'isem Al-Qaida u kellu konnessjoni mal-operazzjonijiet militari tagħha. Fl-2002, Khalil Haqqani skjera persunal biex issaħħu elementi ta' Al-Qaida fil-Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan.

(50) **Mohammad Moslim Haqqani Muhammadi Gul** (magħruf ukoll bħala Moslim **Haqqani**).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Viċi Ministru tal-Haj u tal-Affarijiet Reliġjużi taħt ir-reġim tat-Taliban, **(b)** Viċi Ministru tal-Edukazzjoni Għolja taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** 1965. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Gorgan, Distrett ta' Pul-e-Khumri, Provinċja ta' Baghlan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** 1136 (karta ta' identifikazzjoni nazzjonali Afgana (tazkira)). **Informazzjoni oħra:** **(a)** Pashtun Etniku mill-Provinċja ta' Baghlan, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Mohammad Moslim Haqqani kien ukoll Viċi Ministru tal-Edukazzjoni Għolja tar-reġim tat-Taliban. Din in-nomina żdiedet mal-Lista fit-18 ta' Lulju 2007.

(51) **Mohammad Salim Haqqani**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Prevenzjoni tal-Vizzji u l-Propagazzjoni tal-Virtù taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1966-1967. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Alingar, Provinċja ta' Laghman, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Viċi Kmandant ta' Ezatullah Haqqani Khan Sayyid f'Mar. 2010, **(b)** Membru tal-Kunsill Militari tat-Taliban f'Peshawar f'Ġunju 2010, **(c)** Jappartjeni għall-grupp etniku Pashai. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Fl-2006, Mohammad Salim Haqqani kien membru ta' kunsill tat-Taliban li ppjana attakki kontra l-forzi tal-gvern Afgan fil-Provinċja ta' Laghman, l-Afganistan. Huwa kien kmandant tat-Taliban għall-provinċja lejn tmiem l-2004.

(52) **Nasiruddin Haqqani** (magħruf ukoll bħala **(a)** Naseer Haqqani, **(b)** Dr. Naseer Haqqani, **(c)** Nassir Haqqani, **(d)** Nashir Haqqani, **(e)** Naseruddin, **(f)** Dr. Alim Ghair).

**Indirizz:** Pakistan. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1970-1973. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Neka, Provinċja ta' Paktika, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Mexxej tan-Netwerk ta' Haqqani, li jopera mit-Tramuntana tal-Waziristan fiż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan. Iben Jalaluddin Haqqani. Huwa vvjaġġa lejn l-Arabja Sawdija u l-Emirati Għarab Magħquda biex jiġbor fondi għat-Taliban. **Data tan-nomina min-NU:** 20.7.2010.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

In-Netwerk ta' Haqqani huwa grupp ta' militanti affiljati mat-Taliban li jopera mill-Aġenzija tat-Tramuntana tal-Waziristan fiż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan. Huwa jinsab fuq il-quddiem nett tal-attivitajiet ta' ribelljoni fl-Afganistan, responsabbli għal bosta attakki ta' profil għoli. It-tmexxija tan-Netwerk ta' Haqqani hija magħmula mit-tliet ulied subien il-kbar ta' Jalaluddin Haqqani, li wieħed minnhom huwa Nasiruddin Haqqani.

Nasiruddin Haqqani jaħdem bħala emissarju għan-Netwerk ta' Haqqani u jqatta' bosta mill-ħin tiegħu jiġbor il-fondi. Fl-2004, Haqqani vvjaġġa lejn l-Arabja Sawdija ma' assoċjat tat-Taliban biex jiġbor fondi għat-Taliban. Huwa pprovda wkoll fondi fl-2004 lil militanti fl-Afganistan sabiex jiġu mfixkla l-elezzjonijiet presidenzjali Afgani. Mill-inqas bejn l-2005 u l-2008, Nasiruddin Haqqani ġabar fondi għan-Netwerk ta' Haqqani permezz ta' diversi vjaġġi għall-ġbir ta' fondi, inkluż matul vjaġġi regolari lejn l-Emirati Għarab Magħquda fl-2007 u permezz ta' vjaġġ ieħor għall-ġbir ta' fondi lejn stat ieħor tal-Golf fl-2008. Minn nofs l-2007, Haqqani kellu allegatament tliet sorsi prinċipali ta' finanzjament: donazzjonijiet mir-reġjun tal-Golf, traffikar ta' drogi, u ħlasijiet minn Al-Qaida. Lejn tmiem l-2009, Nasiruddin Haqqani rċieva bosta mijiet ta' eluf ta' dollari minn individwi assoċjati ma' Al-Qaida fil-Peniżola Għarbija sabiex dawn jintużaw għall-attivitajiet tan-Netwerk ta' Haqqani.

(53) **Sayyed Mohammed Haqqani** (magħruf ukoll bħala Sayyed Mohammad Haqqani).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Direttur tal-Affarijiet Amministrattivi taħt ir-reġim tat-Taliban, (b) Kap tal-Informazzjoni u l-Kultura fil-Provinċja ta' Kandahar taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1965. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Chaharbagh, Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Gradwat tal-Madrrassa ta' Haqqanija f'Akora Khattak, il-Pakistan, **(b)** Maħsub li kellu relazzjonijiet mill-qrib mal-mexxej tat-Taliban Mullah Mohammad Omar, **(c)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(d)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'Ġunju 2010, **(e)** Jappartjeni għat-tribù Barakzay. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Sayyed Mohammed Haqqani huwa alleat ma' Gulbbudin Hekmatyar u ilu bosta snin jappoġġa lil Mullah Mohammad Omar. Bħala Direttur tal-Affarijiet Amministrattivi tar-reġim tat-Taliban, huwa ddistribwixxa karti tal-identità Afgani lil barranin marbuta ma' Al-Qaida li ġġieldu fl-Afganistan u ġabar ammont sinifikanti ta' fondi minn għandhom.

Sayyed Mohammed Haqqani ltaqa' diversi drabi ma' Aiman Muhammed Rabi al-Zawahiri u Farhad, is-segretarju ta' Mohammed Omar, fl-2003 u l-2004. Huwa fetaħ ħanut tal-kotba fil-bażar ta' Qissa Khwani, f'Peshawar, il-Pakistan, li kien implikat fil-finanzjament tat-Taliban. Sa Marzu 2009, hu kien għadu mexxej attiv tar-ribelli Talibani.

(54) **Sirajuddin Jallaloudine Haqqani** (magħruf ukoll bħala **(a)** Siraj Haqqani, **(b)** Serajuddin Haqani, **(c)** Siraj Haqani, **(d)** Saraj Haqani, **(e)** Khalifa).

**Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Na'ib Amir (Viċi Kmandant). **Indirizz:** **(a)** Inħawi ta' Kela/inħawi ta' Danda, Miramshah, Tramuntana tal-Waziristan, il-Pakistan; **(b)** Manba'ul uloom Madrasa, Miramshah, Tramuntana tal-Waziristan, il-Pakistan, **(c)** Dergey Manday Madrasa, Miramshah, Tramuntana tal-Waziristan, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1977/1978. **Post tat-twelid:** **(a)** Danda, Miramshah, Tramuntana tal-Waziristan, il-Pakistan, **(b)** Raħal ta' Srana, Distrett ta' Garda Saray, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan, **(c)** Distrett ta' Neka, Provinċja ta' Paktika, l-Afganistan, **(d)** Provinċja ta' Khost, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Mill-2004, kmandant prinċipali tal-operazzjonijiet fir-reġjuni tal-Lvant u n-Nofsinhar tal-Afganistan. **(b)** Iben Jallaloudine Haqani. **(c)** Jappartjeni għat-taqsima tas-Sultan Khel, it-tribù Zardan ta' Garda Saray tal-provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **(d)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 13.9.2007.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Sirajuddin Jallaloudine Haqqani huwa wieħed mill-mexxejja l-aktar prominenti, influwenti, karismatiċi u b'esperjenza fin-netwerk ta' Haqqani, grupp ta' ġellieda b'assoċjazzjoni mill-qrib kemm mat-Taliban kif ukoll ma' Al-Qaida, u kien wieħed mill-kmandanti prinċipali tal-operazzjonijiet tan-netwerk mill-2004.

Ħafna mis-setgħa u l-awtorità ta' Sirajuddin Haqqani ġejja minn missieru, Jalaluddin Haqqani, ex-Ministru tar-reġim tat-Taliban, li kien kmandant militari tat-Taliban u intermedjarju għal Al-Qaida u t-Taliban fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Matul il-kariga tiegħu bħala Ministru tar-reġim tat-Taliban, Jalaluddin Haqqani stabbilixxa rabtiet ferm mill-qrib ma' Al-Qaida.

Sirajuddin Haqqani għandu assoċjazzjonijiet qawwija mat-Taliban, li jipprovdulu finanzjament għall-operazzjonijiet tiegħu. Huwa jirċievi wkoll finanzjament minn diversi gruppi u individwi oħra, inklużi barunijiet tad-droga. Huwa intermedjarju ċentrali għall-operazzjonijiet terroristiċi fl-Afganistan u attivitajiet ta' appoġġ fiż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan. Ir-rabtiet tiegħu mat-Taliban saru pubbliċi f'Mejju 2006 minn Mullah Dadullah, f'dak iż-żmien wieħed mill-ogħla kmandanti militari tat-Taliban, li ddikjara li ħadem ma' Sirajuddin Haqqani u ppjana operazzjonijiet miegħu. Huwa għandu wkoll rabtiet ma' Jaish-i-Mohammed.

Sirajuddin Haqqani huwa attivament involut fl-ippjanar u l-eżekuzzjoni ta' attakki mmirati konta l-Forzi Internazzjonali ta' Assistenza għas-Sigurtà (ISAF), uffiċjali u pajżana Afgani, prinċipalment fir-reġjuni tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-Afganistan. Huwa jirrekluta wkoll u jibgħat regolarment ġellieda fil-Provinċji ta' Khost, Paktia u Paktika fl-Afganistan.

Sirajuddin Haqqani kien involut fl-attakk suwiċida bil-bombi kontra xarabank tal-Akkademja tal-Pulizija f'Kabul fit-18 ta' Ġunju 2007 fejn inqatlu 35 uffiċjal tal-pulizija.

(55) **Abdul Hai Hazem Abdul Qader** (magħruf ukoll bħala Abdul Hai Hazem)

**Titlu:** **(a)** Maulavi, **(b)** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** L-Ewwel Segretarju, Konsulat Ġenerali tat-Taliban, Quetta, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** 1971. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Pashawal Yargatoo, Distrett ta' Andar, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** D 0001203 (Passaport Afgan). **Indirizz:** **(a)** Raħal ta' Iltifat, Distrett ta' Shakardara, Provinċja ta' Kabul, l-Afganistan, **(b)** Żona ta' Puli Charkhi, Distrett Numru 9, Belt ta' Kabul, Provinċja ta' Kabul. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(56) **Hidayatullah** (magħruf ukoll bħala Abu Turab)

**Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Avjazzjoni Ċivili u t-Turiżmu taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Ghilzai. **Data tan-nomina min-NU:** 8.3.2001.

(57) **Abdul Rahman Ahmad Hottak** (magħruf ukoll bħala Hottak Sahib)

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Viċi Ministru (Kulturali) tal-Informazzjoni u l-Kultura taħt ir-reġim tat-Taliban; **(b)** Kap tad-Dipartiment Konsulari tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1957. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan; **(b)** Jappartjeni għat-tribù Hottak. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(58) **Najibullah Haqqani Hidayatullah** (magħruf ukoll bħala Najibullah Haqani)

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Finanzi tar-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** **(a)** Bejn wieħed u ieħor 1964, **(b)** 1969. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Moni, Distrett ta' Shigal, Provinċja ta' Kunar. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Kuġin ta' Moulavi Noor Jalal, **(b)** Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Laghman minn tard fl-2010. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Najibullah Haqqani Hydayetullah kien ukoll Viċi Ministru tal-Finanzi tar-reġim tat-Taliban. Din in-nomina żdiedet mal-Lista fit-18 ta' Lulju 2007. Fis-27 ta' Settembru 2007, dan l-isem fuq il-lista ġie aġġornat biex tneħħiet in-nomina oriġinali ta' "Viċi Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi tar-reġim tat-Taliban".

Najibullah Haqqani Hydayetullah kien membru tal-Kunsill tat-Taliban fil-Provinċja ta' Kunar, l-Afganistan, f'Mejju 2007. Huwa kuġin ta' Noor Jalal.

F'Ġunju 2008, it-tmexxija tat-Taliban ħatritu bħala l-persuna responsabbli għall-attività militari fil-Provinċja ta' Kunar.

(59) **Gul Agha Ishakzai** (magħruf ukoll bħala **(a)** Mullah Gul Agha **(b)** Mullah Gul Agha Akhund **(c)** Hidayatullah **(d)** Haji Hidayatullah **(e)** Hayadatullah)

**Indirizz:** Pakistan. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1972. **Post tat-twelid:** Band-e-Timor, Distrett ta' Maiwand, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru ta' Kunsill tat-Taliban li jikkoordina l-ġbir ta' zakat (taxxa Iżlamika) mill-Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan, **(b)** Kap tal-Kummissjoni Finanzjarja tat-Taliban, **(c)** Assoċjat ma' Mullah Mohammed Omar, **(d)** Kien l-uffiċċjal finanzjarju prinċipali ta' Omar u wieħed mill-konsulenti l-aktar qrib tiegħu, **(e)** Jappartjeni għat-tribù Ishaqzai. **Data tan-nomina min-NU:** 20.7.2010.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Gul Agha Ishakzai huwa l-kap tal-kummissjoni finanzjarja tat-Taliban u jagħmel parti minn kunsill Taliban maħluq reċentement li jikkoordina l-ġbir ta' *zakat* (taxxa Iżlamika) mill-Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan. Huwa ġabar ukoll flus għal attakki suwiċidi f'Kandahar, l-Afganistan, u kien involut fil-ħruġ ta' fondi għal ġellieda Talibani u l-familji tagħhom.

Gul Agha Ishakzai, ħabib tat-tfulija tal-mexxej tat-Taliban Mullah Mohammed Omar, kien l-uffiċjal finanzjarju prinċipali ta' Omar u wieħed mill-konsulenti l-aktar qrib tiegħu. Kien hemm żmien meta ħadd ma kellu l-permess jiltaqa' ma' Mullah Omar mingħajr l-approvazzjoni tiegħu. Huwa għex fil-palazz presidenzjali ma' Omar matul ir-reġim tat-Taliban.

F'Diċembru 2005, Gul Agha Ishakzai ffaċilita l-moviment ta' persuni u merkanżija lejn il-kampijiet ta' taħriġ tat-Taliban; lejn tmiem l-2006 huwa vvjaġġa barra mill-pajjiż biex jikseb partijiet għall-armi.

(60) **Qudratullah Jamal** (magħruf ukoll bħala Haji Sahib).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tal-Informazzjoni taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1963. **Post tat-twelid:** Gardez, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban u membru tal-Kummissjoni Kulturali tat-Taliban fl-2010; **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

F'April 2009, it-tmexxija tat-Taliban ħabbret li Qudratullah Jamal kien ġie nkarigat bħala l-Uffiċjal ta' Kollegament tagħha għas-sostenituri u l-ħbieb tagħha fid-dinja kollha.

(61) **Saleh Mohammad Kakar Akhtar Muhammad** (magħruf ukoll bħala Saleh Mohammad).

**Data tat-twelid:** **(a)** Bejn wieħed u ieħor 1962, **(b)** 1961. **Post tat-twelid:** **(a)** Raħal ta' Nulgham, Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, **(b)** Raħal ta' Sangesar, Distrett ta' Panjway, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Mexxa netwerk organizzata ta' kuntrabandu fil-provinċji ta' Kandahar u Helmand, l-Afganistan, **(b)** Qabel ħaddem laboratorji ta' pproċessar ta' eroina f'Band-e-Timor, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, **(c)** Kien proprjetarju ta' negozju tal-karozzi f'Mirwais Mena, Distrett ta' Dand fil-Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, **(d)** Arrestat fl-2008-2009 u nżamm taħt kustodja fl-Afganistan fl-2011, **(e)** Konness biż-żwieġ ma' Mullah Ubaidullah Akhund, **(f)** Jappartjeni għat-tribù Kakar. **Data tan-nomina min-NU:** 4.11.2010.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Saleh Mohammad Kakar huwa traffikant tan-narkotiċi li mexxa netwerk organizzata ta' kuntrabandu fil-Provinċji ta' Kandahar u Helmand, l-Afganistan, li kienet tissodisfa l-ħtiġijiet loġistiċi u finanzjarji tat-Taliban. Qabel ma ġie arrestat mill-awtoritajiet Afgani, Saleh Mohammad Kakar ħaddem laboratorji ta' pproċessar ta' eroina fl-inħawi ta' Band-e-Timor tal-Provinċja ta' Kandahar, li kienu protetti mit-Taliban.

Kakar kien f'kuntatt ma' mexxejja anzjani tat-Taliban, ġabar flus kontanti f'isimhom mit-traffikanti tan-narkotiċi, u amministra u ħeba flus li kienu jappartjenu lil membri anzjani tat-Taliban. Huwa kien ukoll responsabbli biex jiffaċilita l-ħlasijiet tat-taxxa lit-Taliban f'isem it-traffikanti tan-narkotiċi. Kakar kien proprjetarju ta' negozju tal-karozzi f'Kandahar u pprovda lit-Taliban b'vetturi biex jintużaw f'attakki suwiċidi.

(62) **Rahmatullah Kakazada** (magħruf ukoll bħala **(a)** Rehmatullah, **(b)** Kakazada, **(c)** Mullah Nasir).

**Titlu:** **(a)** Maulavi, **(b)** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Konslu Ġenerali, Konsulat Ġenerali tat-Taliban, Karachi, Pakistan. **Data tat-twelid:** 1968. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Zurmant, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** D 000952 (passaport Afgan maħruġ fis-7.1.1999). **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan, minn Mejju 2007, **(b)** Kap ta' netwerk tal-intelligence, **(c)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(d)** Jappartjeni għat-tribù Suleimankheil. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(63) **Abdul Rauf Khadem** (magħruf ukoll bħala Mullah Abdul Rauf Aliza).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Kmandant tal-Korp Ċentrali taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** **(a)** Bejn l-1958 u l-1963, **(b)** Bejn wieħed u ieħor 1970. **Post tat-twelid:** **(a)** Raħal ta' Azan, Distrett ta' Kajaki, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan, **(b)** Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tax-Shura tat-Taliban fi Quetta fl-2009, **(b)** Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan, fl-2011. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Il-Korpi Ċentrali ġew taħt il-Ministeru tad-Difiża tar-reġim tat-Taliban.

Abdul Rauf Khadem kien il-membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Logar fl-2009.

Abdul Rauf Khadem kien il-kmandant militari ġenerali ta' diversi provinċji fl-Afganistan.

(64) **Khairullah Khairkhwah** (magħruf ukoll bħala **(a)** Mullah Khairullah **Khairkhwah**, **(b)** Khirullah Said Wali **Khairkhwa**).

**Titlu:** **(a)** Maulavi **(b)** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Gvernatur tal-Provinċja ta' Herat (l-Afganistan) taħt ir-reġim tat-Taliban, **(b)** kelliem tar-reġim tat-Taliban, **(c)** Gvernatur tal-Provinċja ta' Kabul taħt ir-reġim tat-Taliban, **(d)** Ministru tal-Affarijiet Interni taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** **(a)** Bejn wieħed u ieħor 1963, **(b)** 1 ta' Jannar 1967. **Post tat-twelid:** **(a)** Distrett ta' Arghistan, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, **(b)** Kandahar **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Miżmum taħt kustodja mill-Istati Uniti tal-Amerika fl-2010, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Popalzai. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(65) Abdul Razaq Akhund Lala Akhund.

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Ministru tal-Affarijiet Interni taħt ir-reġim tat-Taliban, **(b)** Kap tal-pulizija ta' Kabul taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1958. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, fl-inħawi fil-fruntiera mad-Distrett ta' Chaman, Quetta, il-Pakistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'Ġunju 2008, **(b)** Viċi ta' Mullah Mohammed Omar f'Marzu 2010, **(c)** Involut fit-traffikar ta' drogi, **(d)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(66) Jan Mohmmad Madani.

**Titlu:** Sur **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Chargé d'Affaires, Ambaxxata Talibana, Abu Dhabi, l-Emirati Gharab Maghquda. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(67) **Zia-ur-Rahman Madani** (magħruf ukoll bħala **(a)** Ziaurrahman **Madani** **(b)** Zaia u Rahman **Madani** **(c)** **Madani** Saheb **(d)** Diya' al-Rahman Madani)

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Logar (l-Afganistan) taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1960. **Post tat-twelid:** Taliqan, Provinċja ta' Takhar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Involut fit-traffikar ta' drogi, **(b)** Membru tat-Taliban responsabbli għal affarijiet militari fil-provinċja ta' Takhar, l-Afganistan, minn Mejju 2007, **(c)** Iffaċilita l-ġbir ta' fondi fil-Golf f'isem it-Taliban mill-2003, **(d)** Iffaċilita wkoll laqgħat bejn uffiċċjali tat-Taliban u persuni għonja li jagħtu appoġġ u għamel arranġamenti biex aktar minn tnax-il individwu jivvjaġġaw lejn Kabul, l-Afganistan, għal attakki suwiċidi, **(e)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(68) **Abdul Latif Mansur** (magħruf ukoll bħala **(a)** Abdul Latif **Mansoor** **(b)** Wali Mohammad)

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tal-Agrikoltura taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid:** **(a)** Distrett ta' Zurmat, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan, **(b)** Distrett ta' Garda Saray, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tax-Shura tat-Taliban f'Miram Shah minn Mejju 2007, **(b)** Membru tal-Qorti Suprema tat-Taliban u Kap tal-Kummissjoni Politika tal-Kunsill fl-2009, **(c)** Kmandant tat-Taliban fil-Lvant tal-Afganistan mill-2010, **(d)** Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Nangarhar, l-Afghanistan minn tard fl-2009, **(e)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(f)** Jappartjeni għat-tribù Sahak (Ghilzai). **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Abdul Latif Mansur kien membru tal-"Kunsill Miram Shah" tat-Taliban f'Mejju 2007. Huwa kien ix-shadow governor tat-Taliban tal-provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan, fl-2009 u l-Kap tal-kummissjoni politika tat-Taliban min-nofs l-2009. F'Mejju 2010, Abdul Latif Mansur kien kmandant anzjan tat-Taliban fil-Lvant tal-Afganistan.

(69) **Mohammadullah Mati** (magħruf ukoll bħala Mawlawi Nanai).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tax-Xogħolijiet Pubbliċi taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1961. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Tilef sieq waħda fis-snin 80, **(b)** Kap interim tal-Kunsill Suprem tat-Taliban minn Frar sa April 2010, **(c)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(d)** Jappartjeni għat-tribù Isakzai. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Mohammadullah Mati kien ukoll Ministru tal-Komunikazzjoni tar-reġim tat-Taliban taħt l-isem "Ahmadullah Mutie".

(70) **Matiullah**.

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Direttur, Dwana ta' Kabul taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1973. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Daman, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan; **(b)** Jappartjeni għat-tribù Popalzai. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(71) **Abdul Quddus Mazhari** ( magħruf ukoll bħala Akhtar Mohammad Maz-hari).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Attaché tal-Edukazzjoni, Konsulat Ġenerali tat-Taliban, Peshawar, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** 1970. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Kunduz, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Indirizz:** Kushal Khan Mena, Distrett Nru 5, Kabul, l-Afganistan. **Nru tal-Passaport:** SE 012820 (passaport Afgan maħruġ fl-4.11.2000). **Informazzjoni oħra:** Jappartjeni għat-tribù Popalzai. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(72) **Fazl Mohammad Mazloom** (magħruf ukoll bħala **(a)** Molah Fazl, **(b)** Fazel Mohammad Mazloom).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Kap tal-Persunal tal-Armata tar-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1963 u l-1968. **Post tat-twelid:** Uruzgan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Fazl Mohammed Mazloom kien assoċjat qrib ta' Mohammed Omar u għenu jistabbilixxi l-Gvern tat-Taliban. Mazloom kien fil-kamp ta' taħrig ta' Al-Farouq stabbilit minn Al-Qaida. Huwa kellu għarfien li t-Taliban ipprovda għajnuna lill-Moviment Iżlamiku tal-Uzbekistan fil-forma ta' appoġġ finanzjarju, armi u appoġġ loġistiku bi skambju għall-forniment ta' suldati lit-Taliban.

Huwa kien kmandant ta' madwar 3,000 suldat Taliban front-line fil-provinċja ta' Takhar f'Ottubru 2001.

(73) **Nazar Mohammad**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-provinċja ta' Kunduz (l-Afganistan) taħt ir-reġim tat-Taliban. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(74) **Mohammad Homayoon Mohammad Yonus Kohistani** (magħruf ukoll bħala Mohammad Homayoon Kohistani).

**Titlu:** Inġinier. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Ilma u d-Dawl taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** 1 ta' Frar 1958. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Kohistan, Provinċja ta' Kapisa, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** 446963 (karta ta' identifikazzjoni nazzjonali Afgana (tazkira)). **Indirizz:** It-Tmien Triq, Żona Taymani, Distrett Nru 4, Kabul, l-Afganistan. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(75) **Mohammad Shafiq Mohammadi**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Gvernatur tal-Provinċja ta' Khost (l-Afganistan) taħt ir-reġim tat-Taliban, **(b)** Gvernatur Ġenerali tal-Provinċji ta' Paktia, Paktika, Khost u Ghazni taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1948. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Tirin Kot, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:(a)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Hottak. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(76) **Abdul Kabir Mohammad Jan** (magħruf ukoll bħala A. Kabir).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** It-Tieni Viċi, Affarijiet Ekonomiċi, il-Kunsill taħt il-Ministri tar-reġim tat-Taliban, **(b)** Gvernatur tal-Provinċja ta' Nangarhar taħt ir-reġim tat-Taliban, **(c)** Kap taż-Żona tal-Lvant taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1963. **Post tat-twelid:** **(a)** Distrett ta' Pul-e-Khumri jew Baghlan Jadid, Provinċja ta' Baghlan, l-Afganistan, **(b)** Distrett ta' Neka, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Attiv f'operazzjonijiet terroristiċi fil-Lvant tal-Afganistan, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Zadran. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Abdul Kabir Mohammad Jan kien membru tal-kunsill għoli tat-tmexxija tat-Taliban kif imħabbar minn Mohammed Omar f'Ottubru 2006, u kien maħtur kmandant militari taż-żona tal-Lvant f'Ottubru 2007

(77) **Mohammad Rasul Ayyub** (magħruf ukoll bħala Gurg).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Nimroz (l-Afganistan) taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1958 u l-1963. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Robat, Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tax-Shura tat-Taliban fi Quetta, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Nurzay. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(78) Mohammad Wali.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru fil-Ministeru tal-Prevenzjoni tal-Vizzji u l-Propagazzjoni tal-Virtù taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1965. **Post tat-twelid:** **(a)** Raħal ta' Jelawur, Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan; **(b)** Raħal ta' Siyachoy, Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Irrappurtat deċedut, **(b)** Kien jappartjeni għat-tribù Ghilzai. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Fil-pożizzjoni tiegħu fil-Ministeru tal-Prevenzjoni tal-Vizzji u l-Propagazzjoni tal-Virtù taħt ir-reġim tat-Taliban, Mohammad Wali ta' spiss uża t-tortura u mezzi oħra biex jintimida l-popolazzjoni. Mohammad Wali għadu attiv fit-Taliban fil-Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, wara l-waqgħa tar-reġim tat-Taliban.

(79) **Mohammad Yaqoub**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Kap tal-Aġenzija tal-Informazzjoni Bakhtar (BIA) taħt ir-reġim tat-Taliban. **Post tat-twelid:** **(a)** Distrett ta' Shahjoi, Provinċja ta' Zabul, l-Afganistan **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kummissjoni Kulturali tat-Taliban, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Kharoti. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Mill-2009, Mohammad Yaqoub kien membru prinċipali tat-Taliban fid-distrett ta' Yousef Khel fil-provinċja ta' Paktika.

(80) **Amir Khan Motaqi** (magħruf ukoll bħala Amir Khan Muttaqi).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Ministru tal-Edukazzjoni taħt ir-reġim tat-Taliban, **(b)** Rappreżentant tat-Taliban f'taħditiet immexxija min-NU taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid:** **(a)** Distrett ta' Zurmat, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan **(b)** Raħal ta' Shin Kalai, Distrett ta' Nad-e-Ali, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'Ġunju 2007, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Sulaimankhel. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Amir Khan Motaqi kien ukoll rappreżentant tat-Taliban f'taħditiet immexxija min-Nazzjonijiet Uniti matul ir-reġim tat-Taliban.

Amir Khan Motaqi huwa kkunsidrat bħala membru prominenti tat-Taliban u kien ukoll Ministru tal-Informazzjoni u l-Kultura matul ir-reġim tat-Taliban. Amir Khan Motaqi kien membru ta' Kunsill reġjonali tat-Taliban f'Ġunju 2007.

(81) **Abdulhai Motmaen**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Direttur tad-Dipartiment tal-Informazzjoni u l-Kultura fil-Provinċja ta' Kandahar taħt ir-reġim tat-Taliban, **(b)** Kelliem tar-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1973. **Post tat-twelid:** **(a)** Raħal ta' Shinkalai, Distrett ta' Nad-e-Ali, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan; **(b)** Provinċja ta' Zabul, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban u kelliem għal Mullah Mohammed Omar minn Ġunju 2007, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Kharoti. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Abdulhai Motmaen kien il-kelliem anzjan għat-Taliban u kien iwassal dikjarazzjonijiet tat-Talibani dwar il-politika barranija. Huwa kien ukoll assoċjat qrib ta' Mohammed Omar.

(82) **Allah Dad Tayeb Wali Muhammad** (magħruf ukoll bħala (**a**) Allah Dad Tayyab, (**b**) Allah Dad Tabeeb).

**Titlu:** (**a**) Mullah, (**b**) Haji. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru taħt Komunikazzjoni tar-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1963. **Post tat-twelid:** (**a**) Distrett ta' Ghorak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, (**b**) Distrett ta' Nesh, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Jappartjeni għat-tribù Popalzai. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(83) **Najibullah Muhammad Juma** (magħruf ukoll bħala Najib Ullah).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Konslu Ġenerali, Konsulat Ġenerali tat-Taliban, Peshawar, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** 1958. **Post tat-twelid:** Żona ta' Zere Kohi, Distrett ta' Shindand, Provinċja ta' Farah, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** 000737 (passaport Afgan maħruġ fl-20.10.1996). **Informazzjoni oħra:** (**a**) Membru tal-Kunsill Militari tat-Taliban f'Peshawar fl-2010, (**b**) Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(84) **Mohammad Naim Barich** (magħruf ukoll bħala (**a**) Mullah Naeem Barech (**b**) Mullah Naeem Baraich (**c**) Mullah Naimullah (**d**) Mullah Naim Bareh (**e**) Mohammad Naim (**f**) Mullah Naim Barich (**g**) Mullah Naim Barech (**h**) Mullah Naim Barech Akhund (**i**) Mullah Naeem Baric (**j**) Naim Berich (**k**) Haji Gul Mohammed Naim Barich (**l**) Gul Mohammad (**m**) Haji Ghul Mohammad (**n**) Spen Zrae).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru taħt Avjazzjoni Ċivili tar-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1975. **Post tat-twelid:** (**a**) Raħal ta' Lakhi, Żona ta' Hazarjuft, Distrett ta' Garmsir, Provinċja ta' Helmand, l-Afghanistan, (**b**) Raħal ta' Laki, Distrett ta' Garmsir, Provinċja ta' Helmand, l-Afghanistan, (**c**) Raħal ta' Lakari, Distrett ta' Garmsir, Provinċja ta' Helmand, l-Afghanistan, (**d**) Darvishan, Distrett ta' Garmsir, Provinċja ta' Helmand, l-Afghanistan, (**e**) Raħal ta' De Luy Wiyalah, Distrett ta' Garmsir, Provinċja ta' Helmand, l-Afghanistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** (**a**) Membru tal-Kunsill Gerd-e-Jangal tat-Taliban minn Ġunju 2008, (**b**) Membru tal-Kummissjoni Militari tat-Taliban minn Marzu 2010, (**c**) Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Helmand, l-Afghanistan mill-2008, (**d**) Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, (**e**) Jappartjeni għat-tribù Barich. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Mohammed Naim huwa membru tal-"Kunsill Gerdi Jangal" Taliban. Huwa l-Ex-viċi ta' Akhtar Mohammad Mansour Shah Mohammed, persuna prominenti fil-bord tat-tmexxija Taliban. Mohammed Naim jikkontrolla bażi militari fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan.

(85) **Nik Mohammad**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Kummerċ taħt ir-reġim Taliban. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Zangi Abad, Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** (a) Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan, (**b**) Jappartjena għat-tribù Nurzai. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Nik Mohammad ġie inkluż fil-lista fil-31 ta' Jannar 2001 bħala Viċi Ministru tal-Kummerċ taħt ir-reġim Taliban, b'hekk jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet tar-Riżoluzzjonijiet 1267 (1999) u 1333 (2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti rigward atti u attivitajiet tal-awtoritajiet Talibani.

(86) **Hamdullah Nomani**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** (**a**) Ministru tal-Edukazzjoni Gholja taħt ir-reġim Taliban. (**b**) Sindku tal-Belt Kabul taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Sipayaw, Distrett ta' Andar, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** (**a**) Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban; (**b**) Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(87) **Mohammad Aleem Noorani**.

**Titlu:** Mufti. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** L-ewwel Segretarju, Konsulat Ġenerali Taliban, Karachi, Pakistan. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1963. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(88) **Nurullah Nuri** (magħruf ukoll bħala Norullah Noori).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** (a) Gvernatur tal-Provinċja ta' Balkh (l-Afganistan) taħt ir-reġim Taliban, **(b)** Kap taż-Żona tat-Tramuntana taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** **(a)** Bejn wieħed u ieħor 1958, **(b)** l-1 ta' Jannar 1967. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Shahjoe, Provinċja ta' Zabul, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Miżmum taħt kustodja mill-Istati Uniti tal-Amerika fl-2010, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Tokhi. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(89) **Abdul Manan Nyazi** (magħruf ukoll bħala **(a)** Abdul Manan Nayazi, **(b)** Abdul Manan Niazi, **(c)** Baryaly, **(d)** Baryalai).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Gvernatur tal-Provinċja ta' Kabul taħt ir-reġim Taliban, **(b)** Gvernatur tal-Provinċja ta' Balk taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid:** **(a)**Distrett ta' Pashtoon Zarghoon, Provinċja ta' Herat, l-Afganistan, **(b)** raħal ta' Sardar, Distrett ta' Kohsan, il-Provinċja Heart, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tat-Taliban responsabbli għall-provinċji ta' Herat, Farah u Nimroz min-nofs tal-2009, **(b)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban u s-Shura tal-Quetta, **(c)** Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntieri bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan, **(d)** Jappartjeni għat-tribù Niazi, **(e)** Involut fit-trasport ta' bombi suwiċida lejn l-l-Afganistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Abdul Manan Nyazi kien ukoll kelliem tat-Taliban u mbagħad Gvernatur Provinċjali ta' Mazar-e-Sharif u l-provinċji ta' Kabul taħt ir-reġim Taliban.

Abdul Manan Nyazi kien kmandant anzjan Taliban fil-Punent tal-l-Afganistan, li kien jopera fil-provinċji ta' Farah, Herat u Nimroz, min-nofs l-2009.

Abdul Manan Nyazi kien membru ta' kunsill reġjonali Taliban u maħtur bħala l-gvernatur Taliban tal-provinċja ta' Herat f'Mejju 2010.

Abdul Manan Nyazi huwa kmandant Taliban involut fit-trasport ta' bombi suwiċida lejn l-l-Afganistan.

(90) **Mohammed Omar**.

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Mexxej tal-Fidili ("Amir ul-Mumineen"), l-Afganistan. **Data tat-twelid:** **(a)** Bejn wieħed u ieħor 1966, **(b)** 1960, **(c)** 1953. **Post tat-twelid:** **(a)** Ir-raħal ta' Naw Deh, Distrett ta' Deh Rawud, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan, **(b)** raħal ta' Noori, Distrett ta' Maiwand, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** L-għajn tax-xellug nieqsa, **(b)** Ħaten Ahmad Jan Akhundzada Shukoor Akhundzada, **(c)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan, **(d)** Jappartjeni għat-tribù Hotak. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Mohammad Omar għandu t-titolu ta' "Kmandant tal-Fidili tal-Emirat Islamiku tal-l-Afganistan" u huwa l-mexxej suprem tal-moviment Taliban fil-ġerarkija Talibana. Huwa ta kenn lil Usama bin Laden u lin-netwerk tal-Al-Qaida tiegħu fis-snin qabel l-attakki tal-11 ta' Settembru 2001 fl-Istati Uniti. Huwa kien ilu jidderieġi lit-Taliban kontra l-Gvern tal-l-Afganistan u l-alleati tagħhom fl-l-Afganistan mill-2001.

Mohammed Omar jikkmanda lill-alleanza ta' mexxeja prominenti militari oħra fir-reġjun, bħal Jalaluddin Haqqani. Gulbuddin Hekmatyar ikkoopera wkoll ma' Mohammed Omar u t-Taliban.

(91) **Abdul Jabbar Omari**. (magħruf ukoll bħala **(a)** Mullah Jabar **(b)** Muawin Jabbar)

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Baghlan (l-Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1958. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Zabul, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Zabul fl-2008, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Hottak. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Abdul Jabbar Omari, minn Ġunju 2008, ħadem bħala viċi għal Amir Khan Haqqani u bħala kmandant ta' grupp armat fid-distrett ta' Siuri fil-provinċja ta' Zabul. F'Ġunju 2008, bil-ħsieb li ssaħħaħ l-attività tagħhom fiż-żona, it-tmexxija Talibana ħatritu shadow Gvernatur għall-provinċja ta' Zabul.

(92) **Mohammad Ibrahim Omari**. (magħruf ukoll bħala Ibrahim Haqqani)

**Titlu:** Alhaj. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Affarijiet tal-Fruntieri taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1958. **Post tat-twelid:** Garda Saray, Provinċja ta' Waza Zadran, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Ħu Jalaluddin Haqqani. Hu maħsub li qiegħed fl-l-Afganistan jew il-Pakistan fl-inħawi tal-fruntiera. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(93) **Nooruddin Turabi Muhammad Qasim** (magħruf ukoll bħala **(a)**Noor ud Din Turabi **(b)** Haji Karim).

**Titlu:** **(a)** Mullah **(b)** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tal-Ġustizzja taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** **(a)** Bejn wieħed u ieħor 1963; **(b)** Bejn wieħed u ieħor 1955, **(c)** Bejn wieħed u ieħor 1956. **Post tat-twelid:** **(a)** Id-Distrett Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, Afgsnistan **(b)** Distrett ta' Chora, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan, **(c)** Distrett ta' Dehrawood, Provinċja ta' Uruzgan Province, l-Afganistan **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Viċi għal Mullah Mohammed Omar. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Nooruddin Turabi Muhammad Qasim kien maħtur bħala kmandant militari Taliban fl-l-Afganistan min-nofs l-2009. Huwa kien maħtur bħala viċi għall-mexxej suprem Taliban Mohammed Omar u pparteċipa fil-laqgħat Talibani tax-shura sa mill-bidu tal-2009.

(94) **Abdul Salam Hanafi Ali Mardan Qul** (magħruf ukoll bħala **(a)** Abdussalam Hanifi, **(b)** Hanafi Saheb).

**Titlu:** **(a)** Mullah, **(b)** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Edukazzjoni taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid:** **(a)** Id-Distrett ta' Darzab, Provinċja ta' Faryab, l-Afganistan, **(b)** Id-Distrett ta' Qush Tepa, Provinċja ta' Jawzjan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Jawzjan fl-l-Afganistan tat-Tramuntana sal-2008, **(b)** Involut fit-traffikar tad-drogi, **(c)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Minn Mejju 2007, it-tmexxija Talibana poġġiet lil Abdul Salam Hanafi Ali Mardan Qul responsabbli mill-provinċja ta' Jawzujan. Huwa kien ukoll il-membru Taliban responsabbli mill-l-Afganistan tat-Tramuntana minn Mejju 2007. Huwa maħsub li huwa involut fit-traffikar tad-drogi.

(95) **Abdul Ghafar Qurishi Abdul Ghani** (magħruf ukoll bħala Abdul Ghaffar Qureshi).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Attaché tar-Ripatriazzjoni, fl-Ambaxxata tat-Taliban f'Islamabad, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** **(a)** 1970, **(b)** 1967. **Post tat-twelid:** Ir-raħal ta' Turshut, Distrett ta' Warduj, Provinċja ta' Takhar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** D 000933 (passaport Afgan maħruġ f'Kabul fit-13 ta' Settembru 1998). **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** 55130 (karta ta' identifikazzjoni nazzjonali Afgana (tazkira)). **Indirizz:** It-Taqsima Khairkhana Numru 3, Kabul, l-Afganistan. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Involut fit-traffikar tad-drogi, **(b)** Jappartjeni għall-grupp etniku Tajik. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(96) **Yar Mohammad Rahimi**.

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tal-Komunikazzjoni taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1953. **Post tat-twelid:** Ir-raħal ta' Talugan, Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'Ġunju 2009, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Nurzai. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(97) **Mohammad Hasan Rahmani** (magħruf ukoll bħala Gud Mullah Mohammad **Hassan**).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Kandahar (l-Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1963. **Post tat-twelid:(a)** Id-Distrett Deh Rawud, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan, **(b)** Id-Distrett ta' Chora, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Għandu riġlejh tal-lemin prostetika, (b) Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban u viċi tal-Mullah Mohammed Omar **minn** Marzu 2010, **(c)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan **(d)** Jappartjeni għat-tribù Achakzai. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(98) **Habibullah Reshad**.

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Kap tad-Dipartiment tal-Investigazzjoni, Ministeru tas-Sigurtà (Intelligence) taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1968 u l-1973. **Post tat-twelid:** Id-Distrett ta' Waghaz, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Viċi Kap (Intelligence) tal-Kunsill Militari Quetta mill-2009, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(99) **Abdulhai Salek**

**Titlu:** Maulavi Raġuni għall-inklużjoni fil-lista: Gvernatur tal-Provinċja ta' Uruzgan taħt ir-reġim Taliban. **Post tat-twelid:** Id-Distrett ta' Chaki Wardak, Provinċja ta' Maidan Wardak, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Irrappurtat deċedut, **(b)** Kien jappartjeni għat-tribù Wardak. Data tan-nomina min-NU: 23.2.2001.

(100) **Hamdullah Sunani** (magħruf ukoll bħala Sanani)

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Kap tad-Dar-ul-Efta (Dipatiment tal-Fatwa) tal-Qorti Suprema taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u l-ieħor 1923. **Post tat-twelid:** Id-Distrett ta' Dai Chopan, Provinċja ta' Zabul, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Irrappurtat deċedut f'Diċembru 2001, **(b)** Kien jappartjeni għat-tribù Kakar. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Il-pożizzjoni ta' Sanani bħala Kap tad-Dar-ul-Efta ġiet taħt il-Qorti Għolja taħt ir-reġim Taliban.

(101) **Noor Mohammad Saqib**.

**Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Prim Imħallef tal-Qorti Suprema taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1958. **Post tat-twelid:** **(a)** Id-Distrett ta' Bagrami, Provinċja ta' Kabul, l-Afganistan, **(b)** Iż-żona Tarakhel, Distrett ta' Deh Sabz, Provinċja ta' Kabul, l-Afganistan **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Noord Mohammed Saqib huwa membru tat-tmexxija Talibana u kap tal-Kumitat Reliġjuż tagħha, li jaġixxi bħala fergħa ġudizzjarja tat-Taliban.

(102) **Ehsanullah Sarfida Hesamuddin Akhundzada** (magħruf ukoll bħala **(a)** Ehsanullah Sarfadi **(b)** Ehsanullah Sarfida)

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tas-Sigurtà (Intelligence) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1962-1963. **Post tat-twelid:** Id-Distrett ta' Gelan, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Min-nofs l-2007, huwa pprovda appoġġ lit-Taliban fil-forma ta' armi u flus, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Taraki. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Ehsanullah Sarfida kien ukoll President tal-Bank Ċentrali tat-Taliban. Aktar tard, huwa nħatar bħala l-Amministratur Taliban tal-Provinċji Maħtufa. Ehsanullah Sarfida kien membru tax-Shura Interna Talibana.

Ehsanullah Sarfida kien affiljat tal-Al-Qaida li pprovda appoġġ lit-Taliban fil-forma ta' armi u flus. Huwa kien il-kap tad-distrett ta' Marja, il-provinċja ta' Helmand, l-l-Afganistan, f'nofs l-2007.

(103) **Saduddin Sayyed** (magħruf ukoll bħala **(a)** Sadudin Sayed, **(b)** Sadruddin).

**Titlu:** **(a)** Maulavi, **(b)** Alhaj, **(c)** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Viċi Ministru tal-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali taħt ir-reġim Taliban, **(b)** Sindku tal-Belt ta' Kabul taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid:** **(a)** Distrett ta' Chaman, Pakistan. **(b)** Id-Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Barakzai **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Saduddin Sayyed serva wkoll bħala Viċi Ministru tal-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali taħt ir-reġim Taliban. Il-Lista ġiet aġġornata fit-8 ta' Marzu 2001 biex tirrifletti dan.

(104) **Abdul Wali Seddiqi**.

**Titlu:** Qari. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** It-Tielet Segretarju, Konsulat Ġenerali Taliban, Peshawar, Pakistan. **Data tat-twelid:** 1974. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Zilzilay, Distrett ta' Andar, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** D 000769 (passaport Afgan maħruġ fit-2.2.1997). **Informazzjoni oħra:** Maħsub li jinsab fl-l-Afganistan jew il-Pakistan fl-inħawi tal-fruntiera. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(105) **Abdul Wahed Shafiq**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Gvernatur tal-Provinċja ta' Kabul (l-Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(106) **Said Ahmed Shahidkhel**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Edukazzjoni taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1975. **Post tat-twelid:** Id-Distrett ta' Andar, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** F'Lulju 2003 kien miżmum taħt kustodja f'Kabul, l-Afganistan, **(b)** Rilaxxat minn taħt il-kustodja fl-2007, **(c)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(d)** Jappartjeni għat-tribù Andar. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(107) **Akhtar Mohammad Mansour Shah Mohammed** (magħruf ukoll bħala **(a)** Akhtar Mohammad Mansour Khan Muhammad, **(b)** Akhtar Muhammad Mansoor, **(c)** Akhtar Mohammad Mansoor, **(d)** Naib Imam).

**Titlu:** **(a)** Maulavi, **(b)** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tal-Avjazzjoni Ċivili u t-Trasport taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** **(a)** Bejn wieħed u l-ieħor 1960, **(b)** 1966. **Post tat-twelid:** **(a)** Raħal ta' Band-e-Timor, Distrett ta' Maiwand, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** SE-011697 (numru tal-passaport Afgan maħruġ fil-25 ta' Jannar 1988 f'Kabul, skada fit-23 ta' Frar 2000). **Informazzjoni oħra:** **(a)** Involut fit-traffikar tad-drogi mill-2011, primarjament permezz tal-Gerd-e- Jangal, l-Afganistan, **(b)** Attiv fil-provinċji ta' Khost, Paktia u Paktika, l-Afganistan minn Mejju 2007, **(c)** "Gvernatur" tat-Taliban ta' Kandaharas minn Mejju 2007, **(d)** Viċi għall-Mullah Abdul Ghani Baradar fil-Kunsill Suprem tat-Taliban mill-2009, **(e)** uffiċjal tat-Taliban responsabbli għal erba' provinċji fin-nofsinhar tal-l-Afganistan, **(f)** Wara l-arrest tal-Mullah Baradar fi Frar 2010 hu kien temporanjament - responsabbli għall-Kunsill Suprem tat-Taliban, **(g)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(h)** Jappartjeni għat-tribù Ishagzay. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Akhtar Mohammad Mansour Shah Mohammed huwa membru prominenti tat-tmexxija Talibana. Huwa kien ripatrijat lejn l-l-Afganistan f'Settembru 2006 wara detenzjoni fil-Pakistan. Huwa involut fit-traffikar tad-drogi u kien attivi fil-provinċji ta' Khost, Paktia u Paktika fl-l-Afganistan minn Mejju 2007. Huwa kien ukoll il-"Gvernatur" Taliban ta' Kandahar minn Mejju 2007.

Huwa kien b'mod attiv involut f'attività antigovernattiva, b'mod partikolari, kien jirrekluta individwi mat-Taliban biex jiġġieldu kontra l-Gvern Afgan u l-Forza Internazzjonali ta' Assistenza għas-Sigurtà.

Akhtar Mohammad Mansour Shah Mohammed kien il-viċi kap tax-shura Talibana suprema min-nofs l-2009. Huwa membru tal-kunsill tat-tmexxija Taliban u kien assenjat ir-rwol ta' Kap tal-Affarijiet Militari tal-"Kunsill Gerdi Jangal" Taliban qabel ma nħatar bħala viċi għal Mohammed Omar f'Marzu 2010. Fl-2010, Akhtar Mohammad Mansour Shah Mohammed kien direttament responsabbli mill-attivitajiet Talibani f'erba' provinċji fin-Nofsinhar tal-Afganistan u kien maħtur bħala kap tax-shura ċivili Talibana mill-bidu tal-2010.

(108) **Shamsuddin** (magħruf ukoll bħala Pahlawan Shamsuddin).

**Titlu:** **(a)** Maulavi; **(b)** Qari. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Wardak (Maidan) (l-Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid:** Id-Distrett ta' Keshim, Provinċja ta' Badakhshan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Maħsub li jinsab fl-Afganistan jew il-Pakistan fl-inħawi tal-fruntiera. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(109) **Mohammad Sharif Masood Mohammad Akbar**.

**Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Kap tal-Akkademja tal-Pulizija, Ministru tal-Affarijiet Interni taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** 1958. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Uzba, id-Distrett Jaghatu, Provinċja ta' Maidan Wardak, l-Afganistan. **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** 4156 (Karta ta' identifikazzjoni nazzjonali (tazkira) maħruġa fit-13 ta' Awwissu 1996). **Indirizz:** Kushal Khan Mena, id-Distrett Nru 5, Kabul, l-l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Kap tal-Persunal għall-Viċi tal-Affarijiet Amministrattivi tal-Ministeru tal-Akkademja Interna tal-Pulizija tar-Repubblika Iżlamika tal-l-Afganistan f'Kabul mill-2011, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Masud. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(110) **Shams Ur-Rahman Abdurahman** (magħruf ukoll bħala **(a)** Shamsurrahman **(b)** Shams-u-Rahman **(c)** Shamsurrahman Abdurahman).

**Titlu:** **(a)** Mullah **(b)** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Agrikoltura taħt ir-reġim Taliban. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Waka Uzbin, Distrett ta' Sarobi, Provinċja ta' Kabul, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(b)** Involut fit-traffikar tad-drogi, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Ghilzai. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

F'Ġunju 2007, Shams ur-Rahman Sher Alam kien il-membru Taliban responsabbli mill-provinċja ta' Kabul. Huwa kien responsabbli mill-operazzjonijiet militari tat-Taliban f'Kabul u fil-madwar tiegħu u kien involut f'ħafna attakki.

(111) **Abdul Ghafar Shinwari**

**Titlu:** Haji. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** It-Tielet Segretarju, Konsulat Ġenerali tat-Taliban, Karachi, Pakistan. **Data tat-twelid:** 29.3.1965. **Post tat-twelid:** Il-Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** D 000763 (maħruġ fid-9.1.1997). **Informazzjoni oħra:** **(a)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Safi. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(112) **Mohammad Sarwar Siddiqmal Mohammad Masood** (magħruf ukoll bħala Mohammad Sarwar Siddiqmal)

**Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** It-Tielet Segretarju, Ambaxxata Talibana, Islamabad, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** 1963. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Jani Khel, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** 19657 (karta ta' identifikazzjoni Afgana (tazkira)). **Informazzjoni oħra:** Jappartjeni għat-tribù Mangal. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(113) **Sher Mohammad Abbas Stanekzai Padshah Khan**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Viċi Ministru tas-Saħħa Pubblika taħt ir-reġim Taliban. **(b)** Viċi Ministru tal-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1963. **Post tat-twelid:** Qala-e-Abbas, iż-żona Shah Mazar, Distrett ta' Baraki Barak, Provinċja ta' Logar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Hu maħsub li jinsab fl-Afganistan jew il-Pakistan fl-inħawi tal-fruntiera. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(114) **Ahmad Taha Khalid Abdul Qadir**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Paktia (l-Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1963. **Post tat-twelid:** **(a)** Il-Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan, **(b)** Provinċja ta' Khost, l-Afganistan, **(c)** Raħal ta' Siddiq Khel, Distrett ta' Naka, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Nangarhar mill-2011, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Zadran. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Taha kien ukoll Gvernatur taħt ir-reġim Taliban fil-provinċja ta' Kunar fl-aħħar tal-2001. Huwa kien responsabbli mill-Provinċja ta' Wardak għat-Taliban f'Settembru 2009.

(115) **Tahis** (magħruf ukoll bħala Tahib).

**Titlu:** Haji. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Avjazzjoni Ċivili taħt ir-reġim Taliban. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

(116) **Abdul Raqib Takhari**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tar-Ripatrijazzjoni taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1968 u l-1973. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Takhar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban responsabbli għall-provinċji ta' Takhar u Badakhshan f'Diċembru 2009 **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Jappartjeni għall-grupp etniku Tajik. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(117) **Walijan**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista**: Gvernatur tal-Provinċja ta' Jawzjan (l-Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid:** **(a)** Quetta, Pakistan; **(b)** Provinċja ta' Nimroz, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tas-Shura Talibana Gerd-e-Jangal u Kap tal-Kumitat Taliban tal-Ħabsin u r-Refuġjati, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Ishaqzai. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(118) **Nazirullah Hanafi Waliullah** (magħruf ukoll bħala Nazirullah Aanafi Waliullah).

**Titlu:** **(a)** Maulavi, **(b)** Haji. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Attaché Kummerċjali, Ambaxxata Talibana, Islamabad, Pakistan. **Data tat-twelid:** 1962. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** D 000912 (passaport Afgan maħruġ fit-30.6.1998). **Informazzjoni oħra:** Maħsub li jinsab fl-Afganistan jew il-Pakistan fl-inħawi tal-fruntiera. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(119) **Abdul-Haq Wassiq** (magħruf ukoll bħala Abdul-Haq Wasseq).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tas-Sigurtà (Intelligence) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** **(a)** Bejn wieħed u ieħor 1975, **(b)** 1971. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Miżmum taħt kustodja fl-Istati Uniti tal-Amerika mill-2011. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Abdul-Haq Wassiq huwa alleat ma' Gulbuddin Hekmatyar. Taħt ir-reġim Taliban, huwa kellu pożizzjonijiet suċċessivi bħala kmandant lokali fil-provinċji ta' Nimroz u ta' Kandahar. Huwa mbagħad sar Viċi Direttur Ġenerali tal-Intelligence u rrapporta lil Qari Ahmadullah. F'din il-funzjoni, huwa kien responsabbli għall-ġestjoni tar-relazzjonijiet ma' ġellieda barranin marbuta ma' Al-Qaida u l-kampijiet ta' taħriġ tagħhom fl-Afganistan. Huwa kien ukoll magħruf għall-metodi repressivi tiegħu kontra l-oppożituri tat-Taliban fin-Nofsinhar tal-Afganistan.

(120) **Mohammad Jawad Waziri**.

**Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Dipartiment tan-NU, Ministeru tal-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim Taliban. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **(b)** Jappartjeni għat-tribù Wazir. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(121) **Sangeen Zadran** (magħruf ukoll bħala **(a)** Sangin **(b)** Sangin Zadran **(c)** Sangeen Khan Zadran **(d)** Sangeen **(e)** Fateh)

**Titlu:** **a)** Maulavi (tinkiteb ukoll: Maulvi) **b)** Mullah. **Data tat-twelid:** **a)** Bejn wieħed u ieħor 1976 **b)** Bejn wieħed u ieħor 1979. **Post tat-twelid:** Tang Stor Khel, Distrett ta' Ziruk, Provinċja ta' Paktika, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Shadow Gvernatur għall-provinċja ta' Paktika, l-l-Afganistan, u kmandant tan-Netwerk Haqqani, grupp ta' militanti affiljati mat-Taliban li jopera fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afgansitan u l-Pakistan. Logutenent Anzjan għal Sirajuddin Lallaloudine Haqqani. **Data tan-nomina min-NU:** 16.08.2011.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Sangeen Zadran huwa mexxej tar-ribelljoni fil-provinċja ta' Paktika, l-Afganistan u kmandant tan-Netwerk ta' Haqqani. In-Netwerk ta' Haqqani, grupp ta' militanti affiljati mat-Taliban li jopera fir-reġjun tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan, kien fuq quddiem tal-attività tar-ribelljoni fl-l-Afganistan, responsabbli għal ħafna attakki ta' profil għoli. Zadran jaġixxi bħala logutenent anzjan għall-mexxej tan-Netwerk ta' Haqqani Sirajuddin Haqqani.

Sangeen Zadran jgħin fit-tmexxija ta' ġellieda f'attakki fix-Xlokk kollu tal-Afganistan, u huwa maħsub li ppjana u kkoordina il-moviment ta' ġellieda barranin fl-Afganistan. Sangeen Zadran kien ukoll involut f'bosta attakki fejn intuża apparat splussiv improvizzat (IED).

Barra mir-rwol tiegħu f'dawn l-attakki, Sangeen Zadran kien ukoll involut fil-ħtif ta' Afgani u ċittadini barrani fir-reġjun tal-Fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan.

(122) **Abdul Rahman Zahed** (magħruf ukoll bħala Abdul Rehman Zahid).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1963. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Kharwar, Provinċja ta' Logar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(123) **Mohammad Zahid**.

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** It-Tielet Segretarju, Ambaxxata Talibana, Islamabad, Pakistan. **Data tat-twelid:** 1971. **Post tat-twelid:** Il-Provinċja ta' Logar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** D 001206 (maħruġ fis-17.7.2000). **Informazzjoni oħra:** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(124) **Faizullah Khan Noorzai** (magħruf ukoll bħala **(a)** Hajji Faizullah Khan Noorzai, **(b)** Haji Faizuulah Khan Norezai, **(c)** Haji Faizullah Khan, **(d)** Haji Fiazullah, **(e)** Haji Faizullah Noori, **(f)** Haji Faizullah Noor, **(g)** Faizullah Noorzai Akhtar Mohammed Mira Khan **(h)** Haji Pazullah Noorzai, **(i)** Haji Mullah Faizullah).

**Titlu:** Haji. **Indirizz:** Triq Boghra, Raħal ta' Miralzei, Chaman, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** **(a)** 1962, **(b)** 1961, **(c)** bejn1968 u1970. **Post tat-twelid:** **(a)** Lowy Kariz, Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, **(b)** Kadanay, Distrett ta' Spin Boldak Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. Ċittadinanza: Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Finanzier prominenti Taliban. **(b)** Minn nofs l-2009, ipprovda armi, munizzjon, splussivi u tagħmir mediku lill-ġellieda Talibani; ġabar fondi għat-Taliban, u pprovda taħriġ għalihom, fir-reġjun tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan/Pakistan. **(c)** Qabel organizza u ffinanzja operazzjonijiet Talibani fil-Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **(d)** Mill-2010, ivvjaġġa lejn u kellu negozji f'Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda, u l-Ġappun. (e) Jappartjeni għat-tribù Noorzai, is-sottotribù Miralzai. **(f)** Ħu Malik Noorzai. **(g)** Isem il-missier huwa Akhtar Mohammed (magħruf bħala: Haji Mira Khan). **Data tan-nomina min-NU:** 04.10.2011.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet**:

Faizullah Noorzai Akhtar Mohammed Mira Khan serva bħala finanzier prominenti Taliban li miegħu investew fondi l-mexxejja kbar Talibani. Huwa ġabar aktar minn USD 100,000 għat-Taliban mid-donaturi fil-Golf u fl-2009 ta somma mill-flus tiegħu stess. Huwa appoġġa finanzjarjament ukoll lill-kmandant Taliban fil-Provinċja ta' Kandahar u pprovda fondi biex jgħin fit-taħriġ tal-ġellieda Talibani u tal-Al-Qaida li kellhom imexxu l-attakki kontra l-Koalizzjoni u l-forzi militari Afgani. Minn nofs l-2005, Faizullah organizza u ffinanzja operazzjonijiet tat-Taliban fil-Provinċja ta' Kandahar, fl-Afganistan. Minbarra l-appoġġ finanzjarju tiegħu, Faizullah iffaċilita b'mod ieħor it-taħriġ u l-operazzjonijiet Talibani. Min-nofs l-2009, Faizullah ipprovda armi, munizzjon, splussivi u tagħmir mediku għall-ġellieda Talibani min-Nofsinhar tal-Afganistan. Minn nofs l-2008, Faizullah kien responsabbli għall-akkomodazzjoni ta' qattiela suwiċidi bil-bombi Talibani u li jittrasferihom mill-Pakistan għall-Afganistan. Faizullah ipprovda wkoll missili kontra inġenji tal-ajru għat-Taliban, għen biex imexxi lill-ġellieda Talibani madwar Provinċja ta' Helmand, fl-Afganistan, iffaċilita l-operazzjonijiet suwiċida bil-bombi Talibani, u ta radji u vetturi lill-membri Talibani fil-Pakistan.

Min-nofs l-2009, Faizullah mexxa madrassa (skola reliġjuża) fir-reġjun tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan/Pakistan, fejn inġabru għexieren ta' eluf ta' dollari għat-Taliban. L-artijiet tal-madrassa ta' Faizullah intużaw biex jipprovdu taħriġ għall-ġellieda tat-Taliban fil-bini u l-użu ta' apparat splussiv improvizzat (IEDs). Tard fl-2007, il-madrassa ta' Faizullah serviet biex tharreġ lill-ġellieda tal-Al-Qaida li iktar tard intbagħtu fil-Provinċja ta' Kandahar, fl-l-Afganistan.

Fl-2010, Faizullah kellu uffiċini u possibbilment proprjetajiet, inklużi lukandi, f'Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda. Faizullah ivvjaġġa regolarment lejn id-Dubai u l-Ġappun ma' ħuh, Malik Noorzai, biex jimporta karozzi, partijiet tal-karozzi, u ħwejjeġ. Mill-bidu tal-2006, Faizullah kellu negozji fid-Dubai u fil-Ġappun.

(125) **Malik Noorzai** (magħruf ukoll bħala: **(a)** Hajji Malik Noorzai, **(b)** Hajji Malak Noorzai, **(c)** Haji Malek Noorzai, **(d)** Haji Maluk, **(e)** Haji Aminullah).

**Titlu:** Haji. **Data tat-Twelid:** **(a)** 1957, **(b)** 1960. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Finanzier Taliban. **(b)** Għandu negozji fil-Ġappun u jivvjaġġa spiss lejn id-Dubai, l-Emirati Għarab Maqgħuda, u l-Ġappun. **(c)** Mill-2009, iffaċilita l-attivitajiet Talibani, inkluż permezz tar-reklutaġġ u l-forniment ta' appoġġ loġistiku. **(d)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **(e)** Jappartjeni għat-tribù Noorzai. **(f)** Ħu Faizullah Khan Noorzai. **Data tan-nomina min-NU:** 04.10.2011.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet**:

Malik Noorzai huwa negozjant ibbażat fil-Pakistan li pprovda appoġġ finanzjarju lit-Taliban. Malik u ħuh, Faizullah Noorzai Akhtar Mohammed Mira Khan, investew miljuni ta' dollari f'diversi negozji għat-Taliban. Tard f-2008, ir-rappreżentanti tat-Taliban ikkuntattjaw lil Malik bħala negozjant li miegħu jinvestu fondi Talibani. Sa mill-inqas l-2005, Malik ikkontribwixxa personalment ukoll għexieren ta' eluf ta' dollari u qassam mijiet ta' eluf ta' dollari lit-Taliban, li uħud minnhom inġabru minn donaturi fir-reġjun tal-Golf u l-Pakistan u uħud minnhom kienu l-flus ta' Malik stess. Malik kien responsabbli għal kont hawala fil-Pakistan li rċieva għexieren ta' eluf ta' dollari trasferiti mill-Golf kull ftit xhur biex jiġu appoġġati l-attivitajiet Talibani. Malik iffaċilita wkoll attivitajiet Talibani. Mill-2009, Malik kien serva bħala l-kap gwardjan ta' madrassa (skola reliġjuża), għal 16-il sena fir-reġjun tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan/Pakistan, li ntużat mit-Taliban għall-indottrinazzjoni u t-taħriġ ta' rekluti. Fost affarijiet oħra, Malik ta l-fondi li appoġġaw il-madrassa. Malik, flimkien ma' ħuh, kellu rwol fil-ħżin ta' vetturi li jintużaw fl-operazzjonijiet suwiċida bil-bombi Talibani u għen biex imexxi ġellieda Talibani madwar Provinċja ta' Helmand, fl-l-Afganistan. Malik għandu negozji fil-Ġappun u ta' spiss iżur id-Dubai u l-Ġappun għan-negozju. Sa mill-bidu tal-2005, Malik kellu negozju tal-importazzjoni tal-vetturi fl-l-Afganistan li importa vetturi minn Dubai u l-Ġappun. Huwa importa karozzi, parts tal-karozzi u ħwejjeġ minn Dubai u l-Ġappun għan-negozji tiegħu, li fihom investew żewġ kmandanti Talibani. F'nofs l-2010, Malik u ħuh assiguraw ir-rilaxx ta' mijiet ta' kontejners tal-merkanzija, irrappurtati li jiswew miljuni ta' dollari, li l-awtoritajiet Pakistani ssekwestraw iktar kmieni dik is-sena għax kienu tal-fehma li r-riċevituri kellhom konnessjoni mat-terroriżmu.

(126) **Abdul Aziz Abbasin** (magħruf ukoll bħala: Abdul Aziz Mahsud).

**Data tat-Twelid**: 1969. **Post tat-Twelid**: Ir-Raħal ta' Sheykhan Village, iż-Żona Pirkowti, Distrett ta' Orgun, Provinċja ta' Paktika, l-Afganistan. **Informazzjoni oħra:** (a) Kmandant ewlieni fin-Netwerk Haqqani taħt Sirajuddin Jallaloudine Haqqani. **(b)** Shadow Governor Taliban mDistrett ta' Orgun, Provinċja ta' Paktika, fl-Afganistan mill-bidu tal-2010. **(c)** Opera kamp ta' taħriġ għal ġellieda mhux Afgani fil-Provinċja ta' Paktika. **(d)** Kien Involut fit-trasport ta' armi lejn l-l-Afganistan. **Data tan-nomina min-NU:** 04.10.2011.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet**:

Abdul Aziz Abbasin huwa kmandant ewlieni fin-Netwerk ta' Haqqani, grupp ta' militanti affiljati mat-Taliban li jopera mil-Lvant tal-l-Afganistan u l-Aġenzija tat-Tramuntana tal-Waziristan fiż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan. Sa minn kmieni fl-2010, Abbasin irċieva ordnijiet minn Sirajuddin Haqqani u nħatar minnu biex iservi bħala shadow governor Taliban tad-Distrett Orgun, Provinċja ta' Paktika, fl-Afganistan. Abbasin huwa kmandant ta' grupp ta' ġellieda Talibani u għen fit-tmexxija ta' kamp ta' taħriġ għall-ġellieda barranin ibbażati fProvinċja ta' Paktika. Abbasin kien involut ukoll fl-attakk b'imbuskata ta' vetturi li jfornu l-forzi tal-gvern Afgan u fit-trasport ta' armi lejn l-l-Afganistan.

(127) **Ahmad Zia Agha** (magħruf ukoll bħala **(a)** Zia Agha **(b)** Noor Ahmad **(c)** Noor Ahmed **(d)** Sia Agha Sayeed)

**Titlu:** Haji. **Data tat-twelid:** 1974. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Maiwand, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Uffiċċjal Anzjan Taliban b'responsabbiltajiet militari u finanzjarji mill-2011, **(b)** Mexxej tal-Kunsill Militari tat-Taliban mill-2010, **(c)** Fl-2008 u l-2009 serva bħala uffiċċjal finanzjarju u qassam l-flus lil-kmandanti Talibani fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 6.1.2012.

(128) **Fazl Rabi** (magħruf ukoll bħala **(a)** Fazl Rabbi **(b)** Fazal Rabi **(c)** Faisal Rabbi)

**Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Uffiċċjal Anzjan fProvinċja ta' Konar matul ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** **(a)** 1972, **(b)** 1975. **Post tat-twelid:** **(a)** Distrett ta' Kohe Safi, Provinċja ta' Parwan, l-Afganistan, **(b)** Provinċja ta' Kapisa, l-Afganistan, **(c)** Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan, **(d)** Provinċja ta' Kabul, l-Afganistan. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Jirrappreżenta u jipprovdi appoġġ finanzjarju u loġistiku liln-Netwerk ta' Haqqani, li hu bbażat fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan, **(b)** Membru tal-Kunsill Finanzjarju Taliban, **(c)** Ivvajaġġa barra mill-pajjiż f'isem Sirajuddin Jallaloudine Haqqani, Jalaluddin Haqqani, in-netwerk ta' Haqqani u t-Taliban, **(d)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 6.1.2012.

(129) **Mohammad Aman Akhund** (magħruf ukoll bħala **(a)** Mohammed Aman **(b)** Mullah Mohammed Oman **(c)** Mullah Mad Aman Ustad Noorzai **(d)** Sanaullah)

**Data tat-twelid:** 1970. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Band Tumur, Distrett ta' Maiwand, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru Anzjan tat-Taliban mill-2011 b'dmirijiet finanzjarji, inkluż il-ġbir ta' fondi f'isem it-tmexxija, **(b)** Ipprovda appoġġ loġistiku għall-operazjonijiet tat-Taliban u kkanalizza r-rikavati mit-traffikar tad-drogi għax-xiri tal-armi, **(c)** Aġixxa bħala sebgretarju tal-mexxej Taliban il-Mullah Mohammed Omar u bħala ll-messaġġier tiegħu fil-laqgħat tal-livell għoli tat-Taliban, **(d)** Assoċjat ukoll ma' Gul Agha Ishakzai, **(e)** Membru taċ-ċirklu ristrett tal-Mullah Mohammed Omar matul ir-reġim Taliban. **Data tan-nomina min-NU:** 6.1.2012.

(130) **Ahmed Jan Wazir** (magħruf ukoll bħala **(a)** Ahmed Jan Kuchi **(b)** Ahmed Jan Zadran)

**Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Uffiċċjal tal-Ministeru tal-Finanzi matul ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** 1963. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Barlach, Distrett ta' Qareh Bagh, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Kmandant ewlieni tal-Haqqani Network, li hu bbażat fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan, **(b)** Jaġixxi bħala viċi, kelliemi u kunsillier għall-mexxej anzjan Sirajuddin Jallaloudine Haqqani, tan-Netwerk ta' Haqqani, **(c)** Jikkoordina mall-Kunsill Suprem tat-Taliban, **(d)** Ivvjaġġa barra mill-pajjiż, **(e)** Jikkoordina ma' u jipprovdi flus, armi, tagħmir u fornimenti ta' komunikazzjoni lill-kmandanti Talibani fProvinċja ta' Ghazni, l-Afganistan **Data tan-nomina min-NU:** 6.1.2012.

(131) **Abdul Samad Achekzai** (magħruf ukoll bħala **(a)** Abdul Samad)

**Data tat-twelid:** 1970. **Post tat-twelid:** Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru anzjan tat-Taliban responsabbli mill-fabbrikazzjoni ta' apparat splussiv improvizzat (IED). **(b)** Involut fir-reklutaġġ u l-iskjerament ta' qattiela suwiċidi bil-bombi biex iwettqu attakki fl-Afganistan. **Data tan-nomina min-NU:** 2.3.2012.

B. *Entitajiet u gruppi u impriżi oħra assoċjati mat-Taliban*"

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 264/2012**

**tat-23 ta' Marzu 2012**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 359/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar il-miżuri restrittivi kontra l-Iran ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 961/2010 tal-25 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran ([2]) jipprojbixxi l-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni mill-Unjoni lejn l-Iran ta' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna.

(2) Il-miżuri adottati fir-Regolament (UE) Nru 961/2010 jirriflettu t-tħassib tal-Kunsill fuq in-natura tal-programm nukleari tal-Iran, filwaqt li l-miżuri adottati fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 359/2011 ([3]) jirriflettu t-tħassib tiegħu dwar id-deterjorazzjoni tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.

(3) Il-projbizzjoni fuq il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna hija miżura meħuda primarjament minħabba t-tħassib tal-Kunsill fir-rigward tad-deterjorazzjoni tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran, u, bħala tali, għandha tiġi inkluża fir-Regolament (UE) Nru 359/2011. Ir-Regolament (UE) Nru 359/2011 għandu jiġi emendat skont dan.

(4) Fl-istess ħin, ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 se jiġi sostitwit b'Regolament ġdid u kkonsolidat li ma jinkludix il-miżura msemmija għall-prevenzjoni tar-repressjoni interna.

(5) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran, id-Deċiżjoni 2012/168/PESK 23 ta' Marzu 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2011/235/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran ([4]) tipprovdi miżura addizzjonali, jiġifieri projbizzjoni fuq l-esportazzjoni tat-tagħmir li jissorvelja t-telekomunikazzjoni użat mir-reġim Iranjan.

(6) Din il-miżura taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u għalhekk, notevolment bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħha mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha, jeħtieġ azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tagħha.

(7) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran u f'konformità mad-Deċiżjoni 2011/235/PESK, aktar persuni għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi stabbiliti fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 359/2011.

(8) L-Anness II ta' mar-Regolament (KE) Nru 359/2011, li jelenka l-awtoritajiet kompetenti li jiġu attribwiti lilhom funzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament, għandu jiġi aġġornat ukoll fuq il-bażi tal-informazzjoni li ġiet ipprovduta reċentament mill-Istati Membri fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti.

(9) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) Nru 359/2011 huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) Għandhom jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 1a*

Għandu jiġi pprojbit:

(a) il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, dirett jew indirett, ta' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna kif elenkat fl-Anness III, kemm jekk joriġina fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fl-Iran jew għall-użu fl-Iran;

(b) li jkunu pprovduti, direttament jew indirettament, assistenza teknika jew servizzi ta' senserija relatati ma' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna kif elenkat fl-Anness III, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fl-Iran jew għall-użu fl-Iran;

(c) li jiġu pprovduti, direttament jew indirettament, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati ma' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna kif elenkat fl-Anness III, inklużi b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni ta' kreditu fuq l-esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' tali oġġetti, jew għal kwalunkwe forniment ta' assistenza teknika relatata lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fl-Iran jew għall-użu fl-Iran;

(d) il-parteċipazzjoni, konxja u b'intenzjoni, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun li jaħarbu mill-projbizzjonijiet imsemmija fil-punti (a),(b) u (c)."

([1]) ĠU L 195, 27.7.2010,p. 39.
([2]) ĠU L 281, 27.10.2010, p. 1 -
([3]) ĠU L 100, 14.4.2011, p. 1 -
([4]) Ara paġna 85 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

"*Artikolu 1b*

1. Huwa pprojbit li wieħed ibigħ, iforni, jittrasferixxi jew jesporta, b'mod dirett jew b'mod indirett, tagħmir, teknoloġija jew softwer identifikata fl-Anness IV, kemm jekk joriġina jew le mill-Unjoni, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fl-Iran jew għall-użu fl-Iran, sakemm l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru relevanti, kif identifikat fis-siti tal-internet imsemmija fl-Anness II, ma tkunx tat awtorizzazzjoni minn qabel.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif identifikati fis-siti tal-internet imsemmija fl-Anness II, ma għandhomx jagħtu awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 jekk dawn ikollhom raġunijiet validi biex jiddeterminaw li t-tagħmir, it-teknoloġija jew is-softwer inkwistjoni se jintużaw għas-sorveljanza jew għall-interċettazzjoni, mill-gvern Iranjan, korpi pubbliċi, korporazzjonijiet u aġenziji jew kwalunkwe persuna jew entità li topera jew f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, tal-komunikazzjoni tat-telefon jew tal-internet fl-Iran.

3. L-Anness IV għandu jinkludi tagħmir, teknoloġija jew softwer li jistgħu jintużaw għas-sorveljanza jew għall-interċettazzjoni tal-komunikazzjoni tal-internet jew tat-telefon.

4. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri oħrajn u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan l-Artikolu, fi żmien erba' ġimgħat wara l-awtorizzazzjoni."

"*Artikolu 1c*

1. Għandu jiġi pprojbit:

(a) il-provvediment, b'mod dirett jew b'mod indirett, ta' għajnuna teknika jew servizzi ta' senserija relatati mat-tagħmir, mat-teknoloġija jew mas-softwer identifikati fl-Anness IV, jew relatati mal-provvediment, mal-manifattura, maż-żamma u mal-użu tat-tagħmir u t-teknoloġija identifikati fl-Anness IV jew mal-provvediment, mal-installazzjoni, mal-operat jew mal-aġġornar ta' kwalunkwe softwer identifikati fl-Anness IV, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fl-Iran jew għall-użu fl-Iran;

(b) il-provvediment, b'mod dirett jew b'mod indirett, ta' finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatata mat-tagħmir, it-teknoloġija u s-softwer identifikati fl-Anness IV, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fl-Iran jew għall-użu fl-Iran;

(c) il-provvediment ta' kwalunkwe servizzi ta' sorveljanza jew ta' interċettazzjoni tat-telekomunikazzjoni jew tal-internet ta' kwalunkwe tip lil, jew għall-benefiċċju dirett jew indirett ta', l-gvern tal-Iran, korpi pubbliċi, korporazzjonijiet jew aġenziji tiegħu jew kwalunkwe persuna jew entità li jkunu qed joperaw f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom; kif ukoll

(d) il-parteċipazzjoni, b'mod konxju u b'mod intenzjonat, fi kwalunkwe attività li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun li jevitaw il-projbizzjonijiet imsemmija fil-punt (a) (b) jew (c) ta' hawn fuq;

sakemm l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru relevanti, kif identifikata fis-siti tal-internet imsemmija fl-Anness II, ma tkunx tat awtorizzazzjoni minn qabel, fuq il-bażi kif stabbilit fl-Artikolu 1b(2).

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(c), "servizzi ta' sorveljanza jew ta' interċettazzjoni tat-telekomunikazzjoni jew tal-internet" tfisser dawk is-servizzi li jipprovdu, b'mod partikolari bl-użu ta' tagħmir, teknoloġija jew softwer kif identifikat fl-Anness IV, aċċess għal u twassil tad-dejta assoċjata ma' telekomunikazzjoni dieħla jew ħierġa u dejta assoċjata mat-telefonati għall-finijiet tal-estrazzjoni, id-dekodifikar, ir-reġistrar, l-ipproċessar, l-analiżi u l-ħżin tagħha jew kwalunkwe attività relatata oħra."

(2) Il-persuni elenkati fl-Anness I għal dan ir-Regolament għandhom jiżdiedu mal-lista stabbilita fl-Anness I.

(3) It-test stabbilit fl-Anness II ta' mar-Regolament jiżdied bħala Anness III.

(4) It-test stabbilit fl-Anness III ta' mar-Regolament jiżdied bħala Anness IV.

(5) L-Anness II għandu jiġi sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness IV ta' mar-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament se jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika b'mod dirett fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-23 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

*ANNESS I*

**Lista ta' persuni msemmija fil-punt 2 tal-Artikolu 1**

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1. | ZARGHAMI Ezzatollah | | Bħala Kap tal-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB), huwa responsabbli mid-deċiżjonijiet kollha dwar l-ipprogrammar. IRIB xandar konfessjonijiet furzati ta' priġunieri u serje ta' "simulazzjonijiet ta' proċessi" f'Awwissu 2009 u f'Diċembru 2011. Dawn jikkostitwixxu ksur ċar tad-dispożizzjonijiet internazzjonali dwar proċess ġust u d-dritt għal proċess legali. | 23.3.2012 |
| 2. | TAGHIPOUR Reza | Post tat-Twelid: Maragheh (Iran)<br>Data tat-Twelid: 1957 | Ministru tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni. Bħala Ministru tal-informazzjoni, huwa wieħed mill-ogħla uffiċjali responsabbli miċ-ċensura u l-kontroll tal-attivitajiet fuq l-internet u anke kwalunkwe tip ta' komunikazzjoni (partikolarment it-telefons ċellulari). Matul l-interrogazzjonijiet ta' priġunieri politiċi, l-interrogaturi jużaw id-data, l-emails u l-komunikazzjonijiet personali tagħhom.<br>F'diversi okkażjonijiet mill-aħħar elezzjoni presidenzjali u matul id-dimostrazzjonijiet fit-toroq, il-linji tat-telefons ċellulari u s-servizzi tal-sms inqatgħu, il-kanali tat-televiżjoni satellitari ġew iġġamjati, l-internet ġie sospiż lokalment jew mill-anqas, tnaqqsitlu r-rapidità tiegħu. | 23.3.2012 |
| 3. | KAZEMI Toraj | | Kurunell tal-pulizija tat-teknoloġija u l-komunikazzjoni, dan l-aħħar nieda kampanja ta' reklutaġġ ta' hackers tal-gvern sabiex jikkontrolla aħjar l-informazzjoni fuq l-internet u jkun ta' preġudizzju għal siti elettroniċi "li jagħmlu ħsara". | 23.3.2012 |
| 4. | LARIJANI Sadeq | Post tat-Twelid: Najaf (Iraq)<br>Data tat-Twelid: 1960 jew Awwissu 1961 | Kap tal-Ġudikatura. Il-Kap tal-Ġudikatura huwa mitlub li jagħti l-kunsens tiegħu għal u jirreġistra kull kastig għal qisas (retribut), hodoud (reat kontra Alla) u ta'zirat (reat kontra l-istat). Dan jinkludi sentenzi li jġibu magħhom il-piena tal-mewt, is-swat u l-amputazzjonijiet. F'dan ir-rigward, hu personalment awtorizza bosta sentenzi ta' piena tal-mewt, bi ksur tal-istandards internazzjonali, inkluż bi tħaġġir (attwalment 16-il persuna qegħdin taħt sentenza ta' tħaġġir), eżekuzzjonijiet bit-tgħalliq, eżekuzzjonijiet ta' minuri, u eżekuzzjonijiet pubbliċi bħal dawk fejn il-priġunieri kienu mgħallqa mill-pontijiet quddiem folol ta' eluf ta' nies. Huwa ppermetta wkoll sentenzi ta' kastigi korporali bħal amputazzjonijiet u t-taqtir tal-aċtu f'għajnejn l-ikkundanati. Minn meta Sadeq Larijani ħa l-kariga, l-arresti arbitrarji ta' priġunieri politiċi, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-minoranzi żdiedu konsiderevolment. L-eżekuzzjonijiet żdiedu ferm mill-2009. Sadeq Larijani huwa responsabbli wkoll mill-fallimenti sistemiċi fil-proċess ġudizzjarju Iranjan għar-rispett tad-dritt għal proċess ġust. | 23.3.2012 |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 5. | MIRHEJAZI Ali | | Viċi Kap tal-Uffiċċju tal-Mexxej Suprem u Kap tas-Sigurtà. Parti miċ-ċirku intern tal-Mexxej Suprem responsabbli mit-tfassil tas-supressjoni tal-protesti li ilha tkun implimentata mill-2009. | 23.3.2012 |
| 6. | SAEEDI Ali | | Rappreżentant tal-Mexxej fost il-Pasdaran mill-1995 wara li żvolġa l-karriera kollha tiegħu fl-istituzzjoni militari, eżattament fis-Servizzi tal-Informazzjoni tal-Pasdaran. Permezz ta' din il-funzjoni uffiċjali huwa ċ-ċinga ta' trasmissjoni indispensabbli bejn l-ordnijiet ġejjin mill-Uffiċċju tal-Mexxej u l-apparat ta' repressjoni tal-Pasdaran. | 23.3.2012 |
| 7. | RAMIN Mohammad-Ali | Post tat-Twelid: Dezful (Iran)<br>Data tat-Twelid: 1954 | Responsabbli ewlieni miċ-ċensura bħala Viċi Ministru responsabbli mill-Istampa sa Diċembru 2010, kien direttament responsabbli mill-għeluq ta' bosta fergħat tal-istampa riformaturi (Etemad, Etemad-e Melli, Shargh, etc), mill-għeluq tal-Union Indipendenti tal-Istampa, u mill-intimidazzjoni u l-arrest tal-ġurnalisti. | 23.3.2012 |
| 8. | MORTAZAVI Seyyed Solat | Post tat-Twelid: Meibod (Iran)<br>Data tat-Twelid: 1967 | Viċi Ministru tal-Intern għall-Affarijiet Politiċi. Responsabbli mill-istruzzjoni ta' ripressjoni ta' persuni li jitkellmu biex jiddefendu d-drittijiet leġittimi tagħhom, inkluża l-libertà tal-espressjoni. | 23.3.2012 |
| 9. | REZVANI Gholomani | | Viċi Gvernatur ta' Rasht. Responsabbli minn ksur gravi tad-dritt għal proċess legali. | 23.3.2012 |
| 10. | SHARIFI Malek Ajdar | | Kap tal-ġudikatura fil-Lvant tal-Ażerbajġan. Responsabbli minn ksur gravi tad-dritt għal proċess legali. | 23.3.2012 |
| 11. | ELAHI Mousa Khalil | | Prosekutur ta' Tabriz. Responsabbli mill-istruzzjoni ta' ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem tad-dritt għal proċess legali. | 23.3.2012 |
| 12. | FAHRADI Ali | | Prosekutur ta' Karaj. Responsabbli mill-ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem billi talab il-piena tal-mewt għal minuri. | 23.3.2012 |
| 13. | REZVANMANESH Ali | | Prosekutur. Responsabbli mill-ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem billi talab il-piena tal-mewt għal minuri. | 23.3.2012 |
| 14. | RAMEZANI Gholamhosein | | Kmandant tal-IRGC Intelligence. Responsabbli mill-ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem fuq persuni li jitkellmu biex jiddefendu d-drittijiet leġittimi tagħhom, inkluża l-libertà tal-espressjoni. Imexxi d-Dipartiment responsabbli għall-arrest u t-tortura ta' bloggers/ġurnalisti. | 23.3.2012 |
| 15. | SADEGHI Mohamed | | Kurunell u Deputat tal-intelligence teknika u ċibernetika tal-IRGC. Responsabbli għall-arresti u t-tortura ta' bloggers/ġurnalisti. | 23.3.2012 |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 16. | JAFARI Reza | | Kap tal-prosekuzzjoni speċjali taċ-ċiberkriminalità. Responsabbli mill-arresti, id-detenzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet ta' bloggers u ġurnalisti. | 23.3.2012 |
| 17. | RESHTE-AHMADI Bahram | | Viċi Prosekutur f'Tehran. Imexxi ċ-ċentru ta' prosekuzzjoni ta' Evin. Responsabbli miċ-ċaħda ta' drittijiet, inklużi drittijiet ta' żjara u drittijiet oħrajn tal-priġunieri, ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u priġunieri politiċi oħrajn. | 23.3.2012 |

*ANNESS II*

It-test li ġej għandu jiġi inkluż bħala l-Anness III mar-Regolament (UE) Nru 359/2011.

"*ANNESS III*

**Lista ta' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna kif imsemmi fl-Artikolu 1a**

1. Armi tan-nar, munizzjon u aċċessorji relatati magħhom, kif ġej:

   1.1 Armi tan-nar mhux ikkontrollati mill-LM 1 u l-LM 2 tal-Lista Militari Komuni;

   1.2 Munizzjon iddisinjat speċifikament għall-armi tan-nar elenkati fil-punt 1.1 u komponenti ddisinjati apposta għalihom;

   1.3 Miri tal-armi mhux ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni.

2. Bombi u granati mhux ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni.

3. Vetturi kif ġej:

   3.1 Vejikoli mgħammra b'kanun tal-ilma, speċifikament iddisinjati jew immodifikati għall-fini tal-kontroll tal-irvellijiet;

   3.2 Vejikoli ddisinjati jew immodifikati speċifikament biex ikunu elettrifikati biex jimbuttaw lill-attakkanti;

   3.3 Vejikoli ddisinjati jew immodifikati speċifikament biex ineħħu barrikati, inkluż tagħmir ta' kostruzzjoni bi protezzjoni ballistika;

   3.4 Vejikoli ddisinjati speċifikament għat-trasport jew it-trasferiment ta' priġunieri u/jew detenuti;

   3.5 Vetturi mfassla speċifikament għall-iskjerament tal-barrikati mobbli;

   3.6 Komponenti għall-vetturi speċifikati fil-punti 3.1 sa 3.5 mfassla speċifikament għall-finijiet ta' kontroll tal-irvellijiet.

   *Nota 1 Dan l-oġġett ma jikkontrollax il-vetturi speċifikament imfassla għall-finijiet ta' tifi tan-nar.*

   *Nota 2 Għall-finijiet tal-punt 3.5 t-terminu "vetturi" jinkludi l-karrijiet.*

4. Sustanzi splussivi u tagħmir relatat kif ġej:

   4.1 Tagħmir u apparat imfassla speċifikament biex iqabbad splużjonijiet b'mezzi elettriċi jew mhux elettriċi, inklużi settijiet tat-tqabbid, detonaturi, apparati li jqabbdu, busters u fil detonatur, u komponenti mfassla speċifikament għalihom; minbarra dawk imfassla speċifikament għal użu kummerċjali speċifiku li jikkonsistu fl-attwazzjoni jew l-operat b'mezzi splussivi ta' tagħmir jew apparat ieħor li l-funzjoni tagħhom mhijiex il-ħolqien ta' splużjonijiet (pereżempju, neffieħa tal-airbags tal-karozzi, apparat li jipprevjeni ż-żieda f'daqqa tal-elettriku ta' attwaturi ta' bexxiexa għat-tifi tan-nar);

   4.2 Kargi splussivi ta' qtugħ lineari mhux ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni;

   4.3 Splussivi oħra mhux ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni u sustanzi relatati kif ġej:

      a. amatol;

      b. nitroċelluloża (li fiha aktar minn 12,5 % nitroġenu);

      c. nitroglikol;

      d. tetranitrat tal-penteritritol (PETN);

      e. klorur tal-pikril;

      f. 2,4,6-trinitrutoluwen (TNT).

5. Tagħmir protettiv mhux ikkontrollat mill-LM 13 tal-Lista Militari Komuni kif ġej:

   5.1 Korazza kontra l-balal li tipprovdi protezzjoni ballistika u/jew kontra ferimenti b'arma bil-ponta jew sikkina;

5.2 Elmi li jipprovdu protezzjoni ballistika u/jew mill-frammenti, elmi għal kontra l-irvellijiet, tarki għal kontra l-irvellijiet u tarki ballistiċi.

*Nota: Dan il-punt ma jikkontrollax:*

— *tagħmir imfassal speċifikament għal attivitajiet sportivi;*

— *tagħmir imfassal speċifikament sabiex jissodisfa rekwiżiti ta' sikurezza okkupazzjonali.*

6. Simulaturi, minbarra dawk ikkontrollati mil-LM 14 tal-Lista Militari Komuni, għal taħriġ fl-użu ta' armi tan-nar, u softwer imfassal speċifikament għalihom.

7. Tagħmir ta' viżjoni fid-dlam, termografiku u tubi tal-intensifikazzjoni tal-immaġni, minbarra dawk ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni.

8. Fildiferru mxewwek (barbed wire) li jaqta'.

9. Skieken militari, skieken tal-ġlied u bajunetti b'xafra itwal minn 10 cm.

10. Tagħmir ta' produzzjoni ddisinjat speċifikament għall-oġġetti speċifikati f'din il-lista.

11. Teknoloġija speċifika għall-iżvilupp, il-produzzjoni jew l-użu tal-oġġetti speċifikati f'din il-lista."

*ANNESS III*

It-test li ġej għandu jiġi inkluż bħala l-Anness IV mar-Regolament (UE) Nru 359/2011.

"*ANNESS IV*

**It-tagħmir, it-teknoloġija u s-softwer imsemmija fl-Artikoli 1b u 1c**

**Nota Ġenerali**

Minkejja l-kontenut ta' dan l-Anness, huwa mhux ser japplika għal:

(a) tagħmir, teknoloġija jew softwer li huma speċifikati fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) 428/2009 ([1]) jew il-Lista Militari Komuni; jew

(b) softwer li huwa mfassal għall-installazzjoni mill-utent mingħajr aktar appoġġ sostanzjali mill-fornitur u li huwa ġeneralment disponibbli għall-pubbliku billi jinbiegħu mill-ħażniet f'postijiet ta' bejgħ bl-imnut, mingħajr restrizzjoni, permezz ta':

(i) tranżazzjonijiet mhux regolati (over the counter);

(ii) tranżazzjonijiet permezz ta' ordnijiet bil-posta;

(iii) tranżazzjonijiet elettroniċi; jew

(iv) tranżazzjonijiet permezz ta' ordnijiet bit-telefon; jew

(c) softwer li huwa fid-dominju pubbliku.

Il-kategoriji A, B, C, D u E jirreferu għall-kategoriji li jirriferi għalihom ir-Regolament (KE) Nru 428/2009.

It-"tagħmir, teknoloġija u softwer" imsemmija fl-Artikolu 1b huwa:

A. Lista ta' tagħmir

— tagħmir għall-ispezzjoni tal-pakketti fil-fond

— tagħmir ta' Interċettar ta' Netwerk li jinkludu Tagħmir ta' Ġestjoni tal-Interċettar (IMS) u tagħmir ta' Data Retention Link Intelligence

— tagħmir ta' sorveljanza tal-Frekwenzi tar-Radju

— tagħmir ta' ġġammjar ta' Netwerks u Satelliti

— tagħmir ta' Infettar Telekomandat

— tagħmir ta' għarfien/ipproċessar tal-kelliem

— tagħmir ta' interċettar u sorveljanza IMSI ([2]), MSIDN ([3]), IMEI ([4]), TMSI ([5])

[1] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju (ĠU L 134, 29.5.2009, p. 1).

[2] IMSI tirreferi għal International Mobile Subscriber Identity (identità internazzjonali tal-abbonat mobbli). Huwa kodiċi uniku ta' identifikazzjoni għal kull tagħmir ta' telefonija mobbli, integrat fis-SIM card u li jippermetti l-identifikar ta' tali SIM permezz ta' netwerks ta' GSM u UMTS.

[3] MSISDN tirreferi għal Mobile Subscriber Integrated Services Digital Network Number (numru tas-servizzi integrati tan-netwerk diġitali għall-abbonat ta' telefonija mobbli). Huwa numru li jidentifika b'mod uniku abbonament f'netwerk ta' telefonija mobbli GSM jew UMTS. Fi kliem sempliċi, huwa n-numru tat-telefon għas-SIM card fit-telefon mobbli u għalhekk jidentifika lill-abbonat tat-telefon mobbli kif ukoll l-IMSI, iżda sabiex is-sejħiet jiġu trażmessi mingħandu.

[4] IMEI tirreferi għal International Mobile Subscriber Identity (identità internazzjonali tal-abbonat mobbli). Huwa numru, normalment uniku li jidentifika t-telefon mobbli GSM, WCDMA u IDEN kif ukoll ċerti telefons satellitari. Normalment ikun ipprintjat ġol-kompartiment tal-batterija tat-telefon. L-interċettar (interċettar tal-linji telefoniċi) jista' jiġi speċifikat min-numru IMEI tiegħu kif ukoll l-IMSI u l-MSISDN.

[5] TMSI tirreferi għal Temporary Mobile Subscriber Identity (identità temporanja tal-abbonat mobbli). Hija l-identità li tintbagħat l-aktar komunement bejn l-apparat mobbli u n-netwerk.

— tagħmir tattiku ta' interċettar u sorveljanza SMS ([1])/GSM ([2])/GPS ([3])/GPRS ([4])/UMTS ([5])/CDMA ([6])/PSTN ([7])

— tagħmir ta' interċettar u sorveljanza tal-informazzjoni DHCP ([8]), SMTP ([9]), GTP ([10])

— tagħmir ta' għarfien ta' xejriet u klassifikazzjoni ta' xejriet

— tagħmir forensiku minn distanza

— tagħmir ta' inġenji għall-ipproċessar semantiku

— tagħmir ta' tiftix u ta' dekodifikazzjoni WEP u WPA

— tagħmir ta' interċettar għall-protokolli proprjetarji u standard tal-VoIP

B. Mhux użati

C. Mhux użati

D. "Softwer" għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" tat-tagħmir speċifikat f'A hawn fuq.

E. "Teknoloġija" għall-"iżvilupp", "il-produzzjoni" jew l"użu" tat-tagħmir speċifikat f'A hawn fuq.

Tagħmir, teknoloġija u softwer li jaqgħu f'dawn il-kategoriji huma fl-ambitu ta' dan l-Anness biss sal-punt li jaqgħu taħt id-deskrizzjoni ġenerali "sistemi ta' interċettar u sorveljanza tal-komunikazzjonijiet bl-internet, bit-telefon u bis-satellita".

Għall-fini ta' dan l-Anness, is-"sorveljanza" tfisser l-akkwist, l-estrazzjoni, id-dekodifikar, ir-reġistrar, l-ipproċessar, l-analiżi u l-arkivjar tal-kontenut tat-telefonati jew id-dejta tan-netwerk."

([1]) SMS tirreferi għal Short Message System (sistema ta' messaġġi qosra).
([2]) GSM tirreferi għal Global System for Mobile Communications (sistema globali għall-komunikazzjoni mobbli).
([3]) GPS tirreferi għal Global Positioning System (sistema ta' pożizzjonament globali).
([4]) GPRS tirreferi għal General Package Radio Service (servizz ġenerali tar-radju f'pakketti).
([5]) UMTS tirreferi għal Universal Mobile Telecommunication System (sistema universali ta' komunikazzjoni mobbli).
([6]) CDMA tirreferi għal Code Division Multiple Access (aċċess multiplu b'diviżjoni tal-kodiċi).
([7]) PSTN tirreferi għal Public Switch Telephone Network (netwerk telefoniku pubbliku bl-iswiċċ).
([8]) DHCP tirreferi għal Dynamic Host Configuration Protocol (protokoll ta' konfigurazzjoni dinamika tal-host).
([9]) SMTP tirreferi għal Simple Mail Transfer Protocol (protokoll ta' trasferiment sempliċi tal-posta).
([10]) GTP tirreferi għal GPRS Tunneling Protocol.

*ANNESS IV*

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 359/2011 għandu jiġi sostiwit bit-test li jmiss:

"*ANNESS II*

**Siti tal-internet għal informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti u l-indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea**

Il-BELĠJU

http://www.diplomatie.be/eusanctions

Il-BULGARIJA

http://www.mfa.bg/en/pages/view/5519

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

http://www.mfcr.cz/mezinarodnisankce

ID-DANIMARKA

http://um.dk/da/politik-og-diplomati/retsorden/sanktioner/

IL-ĠERMANJA

http://www.bmwi.de/BMWi/Navigation/Aussenwirtschaft/Aussenwirtschaftsrecht/embargos.html

L-ESTONJA

http://www.vm.ee/est/kat_622/

L-IRLANDA

http://www.dfa.ie/home/index.aspx?id=28519

IL-GREĊJA

http://www1.mfa.gr/en/foreign-policy/global-issues/international-sanctions.html

SPANJA

http://www.maec.es/es/MenuPpal/Asuntos/Sanciones%20Internacionales/Paginas/Sanciones_%20Internacionales.aspx

FRANZA

http://www.diplomatie.gouv.fr/autorites-sanctions/

L-ITALJA

http://www.esteri.it/MAE/IT/Politica_Europea/Deroghe.htm

ĊIPRU

http://www.mfa.gov.cy/sanctions

IL-LATVJA

http://www.mfa.gov.lv/en/security/4539

IL-LITWANJA

http://www.urm.lt/sanctions

IL-LUSSEMBURGU

http://www.mae.lu/sanctions

L-UNGERIJA

http://www.kulugyminiszterium.hu/kum/hu/bal/Kulpolitikank/nemzetkozi_szankciok/

MALTA

http://www.doi.gov.mt/EN/bodies/boards/sanctions_monitoring.asp

IL-PAJJIŻI L-BAXXI

http://www.rijksoverheid.nl/onderwerpen/internationale-vrede-en-veiligheid/sancties

L-AWSTRIJA

http://www.bmeia.gv.at/view.php3?f_id=12750&LNG=en&version=

IL-POLONJA

http://www.msz.gov.pl

IL-PORTUGALL

http://www.min-nestrangeiros.pt

IR-RUMANIJA

http://www.mae.ro/node/1548

IS-SLOVENJA

http://www.mzz.gov.si/si/zunanja_politika_in_mednarodno_pravo/zunanja_politika/mednarodna_varnost/omejevalni_ukrepi/

IS-SLOVAKKJA

http://www.foreign.gov.sk

IL-FINLANDJA

http://formin.finland.fi/kvyhteistyo/pakotteet

L-ISVEZJA

http://www.ud.se/sanktioner

IR-RENJU UNIT

www.fco.gov.uk/competentauthorities

Indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea
Is-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija (FPI)
Uffiċċju EEAS 02/309
B-1049 Bruxelles/Brussel (il-Belġju)
L-indirizz tal-email: relex-sanctions@ec.europa.eu".

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 265/2012

## tat-23 ta' Marzu 2012

## li jimplimenta l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 765/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8a(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Mejju 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 765/2006.

(2) Minħabba l-gravità tas-sitwazzjoni fil-Bjelorussja, għandhom jiġu inklużi persuni u entitajiet addizzjonali fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi kif imniżżel fl-Anness IB għar-Regolament (KE) Nru 765/2006.

(3) L-informazzjoni relatata ma' persuna waħda fuq il-lista fl-Anness IB għar-Regolament (KE) Nru 765/2006 għandha tiġi aġġornata.

(4) L-Anness IB għar-Regolament (KE) Nru 765/2006 għandu jiġi emendat kif adatt,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness IB għar-Regolament (KE) Nru 765/2006 għandu jiġi emendat kif stabbilit fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Il-persuni u l-entitajiet elenkati fl-Anness II għal dan ir-Regolament għandhom jiżdiedu mal-Anness IB għar-Regolament (KE) Nru 765/2006.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

([1]) ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1.

*ANNESS I*

L-entrata għall-persuna msemmija hawn taħt għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

| | Ismijiet<br>Traskrizzjonijiet tal-ortografija Bjelorussa<br>Traskrizzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet<br>(ortografija Bjelorussa) | Ismijiet<br>(ortografija Russa) | Post u data tat-twelid | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Mazouka Anzhalika Mikhailauna<br>Mazovko, Anzhelika Mikhailovna<br>(Mazovka Anzhelika Mikhailovna) | Мазоўка Анжаліка Міхайлаўна | Мазовко Анжелика Михайловна<br>(Мазовка Анжелика Михайловна) | | Imħallef fil-Qorti tad-Distrett ta' Sovetski ta' Minsk. Fl-2010-2011 hija mmultata jew ikkundannata lil rappreżentanti tas-soċjetà ċivili għall-protesti paċifiċi tagħhom għal sentenzi ta' ħabs fil-każijiet li ġejjin:<br>a) 2011. 07. 14, Bussel Alyaksandr, 10 ijiem ħabs;<br>b) 2011. 07. 14, Krukowski Syarhey, 8 ijiem ħabs;<br>c) 2011. 07. 14, Kantsin Yahor, 10 ijiem ħabs;<br>d) 2011. 07. 07, Sukhanossik Vyachaslaw, 8 ijiem ħabs;<br>e) 2010. 12. 21, Nyanakhaw Andrey, 15-il jum ħabs;<br>f) 2010. 12. 20, Myslivets Ihar, 15-il jum ħabs;<br>g) 2010. 12. 20, Vilkin Alyaksey, 12-il jum ħabs;<br>h) 2010. 12. 20, Kharitonaw Paval, 12-il jum ħabs.<br>Ripetutament imponiet sentenzi ta' priġunerija kontra dawk involuti fi protesti paċifiċi u konsegwentement hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Bjelorussja. |

*ANNESS II*

**Persuni u entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 2**

**Persuni**

| | Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (ortografija Bjelorussa) | Ismijiet (ortografija Russa) | Post u data tat-twelid | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Chyzh, Iury Aliaksandravich<br>(Chyzh, Yury Aliaksandravich)<br>Chizh, Iuri Aleksandrovich<br>(Chizh, Yuri Aleksandrovich) | ЧЫЖ, Юрый Аляксандравіч | ЧИЖ, Юрий Александрович | Post tat-twelid: Soboli, Bierezowskij Rajon, Brestkaja Oblast (Соболи, Березовский район, Брестская область)<br>Data tat-twelid 28.03.1963<br>Nru tal-passaport: SP 0008543 (il-validità attwali hija dubjuża). | Iury Chyzh jipprovdi appoġġ finanzjarju lir-reġim ta' Lukashenko permezz tal-kumpannija holding tiegħu LLC Triple li hija attiva f'għadd ta' setturi tal-ekonomija tal-Bjelorussja, inklużi attivitajiet li jirriżultaw minn għotjiet pubbliċi u konċessjonijiet mir-reġim. Il-pożizzjonijiet li huwa għandu fil-qasam sportiv, speċjalment bħala President tal-Bord tal-Klabb tal-Futbol FC Dynamo Minsk u President tal-Federazzjoni tal-Bjelorussja tal-Lotta, jikkonfermaw l-assoċjazzjoni tiegħu mar-reġim. |
| 2. | Anatoly Ternavsky | Анатолий Тернавский | | Twieled fl-1950 | Persuna qrib membri tal-familja tal-President Lukashenko; sponsor tal-Klabb tal-Isports tal-President.<br>L-attivitajiet kummerċjali ta' Ternavsky fiż-żejt u prodotti taż-żejt juru r-relazzjoni mill-qrib tiegħu mar-reġim, b'kont meħud tal-monopolju tal-Istat fuq is-settur tal-irfinar taż-żejt u l-fatt li ftit individwi huma intitolati li joperaw fis-settur taż-żejt. Il-kumpannija tiegħu Univest-M hija waħda mill-akbar żewġ kumpanniji privati tal-esportazzjoni taż-żejt fil-Bjelorussja. |
| 3. | Zhuk Alena Siamionauna<br>(Zhuk Alena Syamionauna)<br>Zhuk Elena Semenovna<br>(Zhuk Yelena Semyonovna) | Жук Алена Сямёнаўна | Жук Елена Семеновна | | Imħallef tal-qorti distrettwali ta' Pervomayskij f'Vitsebsk. Fl-24 ta' Frar 2012, hija kkundannat lil Syarhei Kavalenka, li ilu jitqies bħala priġunier politiku mill-bidu ta' Frar 2012, għal sentejn u xahar il-ħabs talli kiser il-probation. Hija kienet responsabbli direttament għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem ta' persuna għaliex hija ċaħdet lil Syarhei Kavalenka mid-dritt ta' proċess ġust. Preċedentement Syarhei Kavalenka kien ingħata sentenza sospiża talli dendel barra f'Vitsebsk bandiera bajda-ħamra-bajda storika li kienet ġiet ipprojbita. Is-sentenza |

| | Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (ortografija Bjelorussa) | Ismijiet (ortografija Russa) | Post u data tat-twelid | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | sussegwenti mogħtija minn Alena Zhuk kienet ħarxa b'mod sproporzjonat meta mqabbla man-natura tar-reat u mhux konformi mal-kodiċi kriminali tal-Bjelorussja. L-azzjonijiet tagħha jikkostitwixxu ksur dirett tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. |
| 4. | Lutau Dzmitry Mikhailavich<br>Lutov Dmitri Mikhailovich<br>(Lutov Dmitry Mikhailovich) | Лутаў Дзмітрый Міхайлавіч | Лутов Дмитрий Михайлович | | Prosekutur fil-proċess ta' Syarhei Kavalenka li ngħata sentenza ta' sentejn u xahar il-ħabs talli kiser il-probation. Preċedentement Syarhei Kavalenka kien ingħata sentenza sospiża li dendel barra bandiera bajda-ħamra-bajda, simbolu tal-moviment tal-oppożizzjoni, fuq siġra tal-Milied f'Vitsebsk. Is-sentenza sussegwenti mogħtija mill-imħallef li ppresjeda l-kawża kienet ħarxa b'mod sproporzjonat meta mqabbla man-natura tar-reat u mhux konformi mal-kodiċi kriminali tal-Bjelorussja. L-azzjonijiet ta' Lutau jikkostitwixxu ksur dirett tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. |
| 5. | Atabekau Khazalbek Bakhtibekavich<br>Atabekov Khazalbek Bakhtibekovich | Атабекаў Хазалбек Бактібекавіч | Атабеков Хазалбек Бахтибекович<br>(Атабеков Кхазалбек Бахтибекович) | | Kurunell, kmandant ta' brigata speċjali tat-Truppi Interni fis-subborg ta' Uruchie f'Minsk. Huwa kkmanda l-unità tiegħu matul ir-repressjoni tad-dimostrazzjoni ta' protesta wara l-elezzjoni f'Minsk fid-19 ta' Diċembru 2010 fejn intużat forza eċċessiva. L-azzjonijiet tiegħu kienu jikkostitwixxu ksur dirett tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. |
| 6. | Charnyshou Aleh<br>Chernyshev Oleg A. | Чарнышоў Алег | Черышев Олег А | | Kurunell, kap tal-unità ta' kontra t-terroriżmu tal-KGB - unità "Alpha". Huwa ppartеċipa personalment fi trattament inuman u degradanti tal-attivisti tal-oppożizzjoni fiċ-ċentru ta' detenzjoni tal-KGB f'Minsk wara r-repressjoni tad-dimostrazzjoni ta' protesta wara l-elezzjoni f'Minsk fid-19 ta' Diċembru 2010. L-azzjonijiet tiegħu kienu |

| | Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (ortografija Bjelorussa) | Ismijiet (ortografija Russa) | Post u data tat-twelid | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | jikkostitwixxu ksur dirett tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. |
| 7. | Arlau Aliaksey (Arlau Aliaksei) Arlau Aliaksandr Uladzimiravich Orlov Aleksei (Orlov Alexey) Orlov Aleksandr Vladimirovich (Orlov Alexandr Vladimirovich) | Арлаў Аляксей Арлаў Аляксандр Уладзіміравіч | Орлов Алексей Орлов Александр Владимирович | | Kurunell, kap taċ-ċentru ta' detenzjoni tal-KGB f'Minsk. Huwa kien personalment responsabbli għal trattament jew kastigi krudili, inumani jew degradanti ta' dawk li kienu miżmuma matul il-ġimgħat u x-xhur wara r-repressjoni tad-dimostrazzjoni ta' protesta wara l-elezzjoni f'Minsk fid-19 ta' Diċembru 2010. L-azzjonijiet tiegħu kienu jikkostitwixxu ksur dirett tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. |
| 8. | Sanko Ivan Ivanavich Sanko Ivan Ivanovich | Санько Іван Іванавіч | Санько Иван Иванович | | Maġġur, investigatur anzjan tal-KGB. Huwa wettaq investigazzjonijiet li inkludew l-użu ta' provi ffalsifikati kontra l-attivisti tal-oppożizzjoni fiċ-ċentru ta' detenzjoni tal-KGB f'Minsk wara r-repressjoni tad-dimostrazzjoni ta' protesta wara l-elezzjoni f'Minsk fid-19 ta' Diċembru 2010. L-azzjonijiet tiegħu kienu jikkostitwixxu ksur ċar tad-drittijiet tal-bniedem billi ċaħħad id-dritt ta' proċess ġust u l-ksur tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. |
| 9. | Traulka Pavel Traulko Pavel | Траулька Павел | Траулько Павел | | Tenent Kurunell, ex operattiv tal-counter-intelligence militari tal-KGB (attwalment kap tas-servizz tal-istampa tal-Kumitat Investigattiv tal-Bjelorussja li għadu kif ġie ffurmat). Huwa ffalsifika provi kontra attivisti tal-oppożizzjoni u uża theddid sabiex jikseb konfessjonijiet mingħandhom fiċ-ċentru ta' detenzjoni tal-KGB f'Minsk wara r-repressjoni tad-dimostrazzjoni ta' protesta wara l-elezzjoni f'Minsk fid-19 ta' Diċembru 2010. Huwa kien direttament responsabbli għall-użu ta' trattament jew kastigi krudili, inumani jew degradanti u ċaħħad id-dritt għal proċess ġust. L-azzjonijiet tiegħu kienu jikkostitwixxu |

| | Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (ortografija Bjelorussa) | Ismijiet (ortografija Russa) | Post u data tat-twelid | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | ksur dirett tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. |
| 10. | Sukhau Dzmitri Viachaslavavich<br>(Sukhau Dzimitry Vyachyaslavavich)<br>Sukhov Dmitri Vyacheslavovich<br>(Sukhov Dmitry Viacheslavovich) | Сухаў Дзмітрі Вячаслававіч | Сухов Дмитрий Вячеславович | | Tenent Kurunell, operattiv tal-counter-intelligence militari tal-KGB. Huwa ffalsifika provi kontra attivisti tal-oppożizzjoni u uża theddid sabiex jikseb konfessjonijiet mingħandhom fiċ-ċentru ta' detenzjoni tal-KGB f'Minsk wara r-repressjoni tad-dimostrazzjoni ta' protesta wara l-elezzjoni f'Minsk fid-19 ta' Diċembru 2010. Huwa kien responsabbli direttament għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ta' priġunieri politiċi u attivisti tal-oppożizzjoni bl-użu ta' forza eċċessiva kontrihom. L-azzjonijiet tiegħu kienu jikkostitwixxu ksur dirett tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. |
| 11. | Alinikau Siarhei Aliaksandravich<br>(Alinikau Siarhey Alyaksandravich)<br>Aleinikov Sergei Aleksandrovich | Алiнiкаў Сяргей Аляксандравiч | Алейников Сергей Александрович | | Maġġur, kap tal-unità operattiva tal-kolonja penali IK-17 fi Shklov, tefa' pressjoni fuq priġunieri politiċi billi ċaħħadhom mid-drittijiet tagħhom ta' korrispondenza u żjarat, ħareġ ordnijiet biex jiġu soġġetti għal reġim penali aktar strett, tiftix u heddidhom sabiex jikseb konfessjonijiet. Huwa kien responsabbli direttament għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem ta' priġunieri politiċi u attivisti tal-oppożizzjoni bl-użu ta' forza eċċessiva kontrihom. L-azzjonijiet tiegħu kienu jikkostitwixxu ksur dirett tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. |
| 12. | Shamionau Vadzim Iharavich<br>Shamenov Vadim Igorevich<br>(Shamyonov Vadim Igorevich) | Шамёнаў Вадзiм Iгаравiч | Шамёнов Вадим Игоревич | | Kaptan, kap tal-unità operattiva tal-Kolonja Penali IK-17 fi Shklov. Huwa tefa' pressjoni fuq il-priġunieri politiċi, ċaħħadhom mid-drittijiet tagħhom ta' korrispondenza u heddidhom sabiex jikseb konfessjonijiet. Huwa kien responsabbli direttament għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem ta' priġunieri politiċi u attivisti tal-oppożizzjoni bl-użu ta' trattament jew kastigi krudili, inumani jew degradanti. L-azzjonijiet tiegħu kienu |

| | Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (ortografija Bjelorussa) | Ismijiet (ortografija Russa) | Post u data tat-twelid | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | jikkostitwixxu ksur dirett tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. |

**Entitajiet**

| | Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (ortografija Bjelorussa) | Ismijiet (ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | LLC Delovaya Set | ООО Деловая сеть | | | Entità kkontrollata minn Vladimir Peftiyev. |
| 2. | CJSC Sistema investicii i inovacii | ЗАО Системы инвестиций и инноваций | | | Entità kkontrollata minn Vladimir Peftiyev. |
| 3. | PUC Sen-Ko | ЧУП Сен-Ко | | | Entità kkontrollata minn Vladimir Peftiyev. |
| 4. | PUC BT Invest | ЧУП БТ Инвест | | | Entità kkontrollata minn Vladimir Peftiyev. |
| 5. | The Spirit and Vodka Company Aquadiv | Малиновщизненский спиртоводочный завод Аквадив | | | Entità kkontrollata minn Vladimir Peftiyev. |
| 6. | Beltekh Holding | Белтех Холдинг | | | Entità kkontrollata minn Vladimir Peftiyev. |
| 7. | Spetspriborservice | Спецприборсервис | | | Entità kkontrollata minn Vladimir Peftiyev. |
| 8. | Tekhnosoyuzpribor | Техносоюзприбор | | | Entità kkontrollata minn Vladimir Peftiyev. |
| 9. | LLC Triple | ООО ТРАЙПЛ | | Pobediteley Vjal 51/2, Kamra 15 220035 Minsk Республика Беларусь, 220035 Минск, проспект Победителей, дом 51, корпус 2, помещение 15 | Kumpannija holding ta' Iury Chyzh. Iury Chyzh jipprovdi appoġġ finanzjarju lir-reġim ta' Lukashenko speċjalment permezz tal-kumpannija holding tiegħu LLC Triple. |
| 10. | JLLC Neftekhimtrading | СООО НефтеХимТрейдинг | | Irreġistrata fl-2002, Minsk | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 11. | CJSC Askargoterminal | ЗАО Аскарготерминал | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |

| | Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (ortografija Bjelorussa) | Ismijiet (ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|---|
| 12. | LLC Triple Metal Trade | ООО Трайплметаллтрейд | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 13. | JSC Berezovsky KSI | ОАО Березовский комбинат силикатных изделий | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 14. | JV LLC Triple-Techno | СП ООО Трайпл-Техно | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 15. | JLLC Variant | СООО Вариант | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 16. | JLLC Triple-Dekor | СООО Трайпл-Декор | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 17. | JCJSC QuartzMelProm | СЗАО Кварцмелпром | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 18. | JCJSC Altersolutions | СЗАО Альтерсолюшнс | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 19. | JCJSC Prostoremarket | СЗАО Простомаркет | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 20. | JLLC AquaTriple | СП ООО Акватрайпл | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 21. | LLC Rakowski browar | ООО Ракаўскі бровар | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 22. | MSSFC Logoysk | ГСОК Логойск | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 23. | Triple-Agro ACC | Трайпл-Агро | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 24. | CJCS Dinamo-Minsk | ЗАО ФК Динамо-Минск | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 25. | JLLC Triplepharm | СООО Трайплфарм | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 26. | LLC Triple-Veles | ООО Трайплфарм | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 27. | Univest-M | Юнивест | | | Entità kkontrollata minn Anatoly Ternavsky |
| 28. | FLLC Unis Oil | ИООО Юнис Ойл | | | Sussidjarja ta' Univest-M. |
| 29. | JLLC UnivestStroyInvest | СООО Юнивест-СтройИнвест | | | Sussidjarja ta' Univest-M. |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 266/2012

## tat-23 ta' Marzu 2012

## li jimplimenta l-Artikolu 32(1) tar-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-18 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fis-Sirja u f'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/172/PESK ([2]) li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/782/PESK ([3]) dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja, għandhom jiġu inklużi persuni u entitajiet oħra fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(3) Barra minn hekk, l-entrati li jikkonċernaw ċerti persuni u entità inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 36/2012 għandhom jiġu emendati,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-persuni u entitajiet elenkati fl-Anness I għal dan ir-Regolament għandhom jiżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness II għad-Deċiżjoni 36/2012.

*Artikolu 2*

Fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012, l-entrati għall-persuni u entità elenkati fl-Anness II għal dan ir-Regolament għandhom jiġu sostitwiti bl-entrati kif jinsabu fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika b'mod dirett fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

([1]) ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.
([2]) Ara paġna 103 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([3]) ĠU L 319, 2.12.2011, p. 56.

*ANNESS I*

**Persuni u entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 1**

A. **Persuni**

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data ta' meta nżdiedu mal-lista |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Anisa Al Assad (a.k.a. Anisah Al Assad) | Data tat-twelid: 1934<br>Kunjom tax-xbubija: Makhlouf | Omm il-President Al-Assad. Minħabba r-relazzjoni personali mill-qrib u r-relazzjoni finanzjarja intrinsika mal-President Sirjan, Bashar Al Assad, hija tibbenefika mir-reġim Sirjan u hija assoċjata miegħu. | 23.3.2012 |
| 2. | Bushra Al Assad (magħrufa wkoll bħala Bushra Shawkat) | Data tat-twelid: 24.10.1960 | Oħt Bashar al Assad, u mart Asif Shawkat, Deputat Kap tal-Persunal għas-Sigurtà u t-Tkixxif.<br>Minħabba r-relazzjoni mill-qrib u r-relazzjoni finanzjarja intrinsika mal-President Sirjan Bashar Al Assad u persuni oħra fil-qalba tar-reġim Sirjan, hija tibbenefika mir-reġim Sirjan u hija assoċjata miegħu. | 23.3.2012 |
| 3. | Asma Al Assad (magħrufa wkoll bħala Asma Fawaz Al Akhras) | Data tat-twelid: 11.08.1975<br>Post tat-twelid: Londra, Renju Unit<br>Numru tal-passaport: 707512830 jiskadi fit-22/9/2020<br>Kunjom tax-xbubija: Al Akhras | Mart Bashar Al Assad. Minħabba r-relazzjoni personali mill-qrib u r-relazzjoni finanzjarja intrinsika mal-President Sirjan Bashar Al Assad, hija tibbenefika mir-Reġim Sirjan u hija assoċjata miegħu. | 23.3.2012 |
| 4. | Manal Al Assad (magħrufa wkoll bħala Manal Al Ahmad) | Data tat-twelid: 02.02.1970<br>Post tat-twelid: Damasku<br>Numru tal-passaport (Sirjan): 0000000914<br>Kunjom tax-xbubija: Al Akhras | Mart Maher Al Assad, u bħala tali tibbenefika mir-reġim u hija assoċjata mill-qrib miegħu. | 23.3.2012 |
| 5. | Imad Mohammad Deeb Khamis | Data tat-twelid: 1 ta' Awwissu 1961<br>Post tat-twelid: viċin Damasku | Minister of Electricity. Responsabbli għall-użu tal-qtugħ tad-dawl bħala metodu ta' repressjoni. | 23.3.2012 |
| 6. | Omar Ibrahim Ghalawanji | Data tat-twelid: 1954<br>Post tat-twelid: Tartus | Ministru tal-Amministrazzjoni Lokali. Responsabbli għall-awtoritajiet tal-gvern lokali u għalhekk responsabbli għar-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili mill-gvernijiet lokali. | 23.3.2012 |
| 7. | Joseph Suwaid | Data tat-twelid: 1958<br>Post tat-twelid: Damasku | Ministru tal-Istat u għalhekk assoċjat mill-qrib mal-politika tar-reġim. | 23.3.2012 |
| 8. | Ghiath Jeraatli | Data tat-twelid: 1950<br>Post tat-twelid: Salamiya | Ministru tal-Istat u għalhekk assoċjat mill-qrib mal-politika tar-reġim. | 23.3.2012 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data ta' meta nżdiedu mal-lista |
|---|---|---|---|---|
| 9. | Hussein Mahmoud Farzat | Data tat-twelid: 1957<br>Post tat-twelid: Hama | Ministru tal-Istat u għalhekk assoċjat mill-qrib mal-politika tar-reġim. | 23.3.2012 |
| 10. | Yousef Suleiman Al-Ahmad | Data tat-twelid: 1956<br>Post tat-twelid: Hasaka | Ministru tal-Istat u għalhekk assoċjat mill-qrib mal-politika tar-reġim. | 23.3.2012 |
| 11. | Hassan al-Sari | Data tat-twelid: 1953<br>Post tat-twelid: Hama | Ministru tal-Istat u għalhekk assoċjat mill-qrib mal-politika tar-reġim. | 23.3.2012 |
| 12. | Mazen al-Tabba | Data tat-twelid: 01.01.1958<br>Post tat-twelid: Damasku<br>Numru tal-Passaport (Sirjan): 004415063 jiskadi fis-06.05.2015 | Sħab fin-negozju ma' Ihab Makhlouf u Nizar al-Assad (sanzjonati fit-23/08/2011); kopropjetarju, ma' Rami Makhlouf, tas-soċjetà ta' kambju Al-Diyar lil Saraafa li jappoġġa l-politika tal-Bank Ċentrali tas-Sirja. | 23.3.2012 |

B. **Entitajiet**

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data ta' meta nżdiedu mal-lista |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Syrian Petroleum company | Indirizz: Dummar Province, Expansion Square, Island 19-Building 32<br>P.O. BOX: 2849 jew 3378<br>Tel: 00963-11-3137935 jew 3137913<br>Fax: 00963-11-3137979 jew 3137977<br>Posta elettronika: spccom2@scs-net.org or spccom1@scs-net.org<br>Website: www.spc.com.sy<br>Website: www.spc-sy.com | Kumpannija taż-żejt statali. Tipprovdi appoġġ finanzjarju lir-reġim Sirjan. | 23.3.2012 |
| 2. | Mahrukat Company (Il-Kumpannija Sirjana għall-Ħażna u d-Distribuzzjoni ta' Prodotti ta' Żejt mhux maħdum) | Kwartieri Ġenerali: Damascus - Al Adawi st., Petroleum building<br>Fax: 00963-11/4445796<br>Tel: 00963-11/44451348 - 4451349<br>Posta elettronika: mahrukat@net.sy<br>Website:http://www.mahrukat.gov.sy/indexeng.php> | Kumpannija taż-żejt statali. Tipprovdi appoġġ finanzjarju lir-reġim Sirjan. | 23.3.2012 |

*ANNESS II*

**Persuni u entità msemmija fl-Artikolu 2**

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Tarif Akhras | Twieled fit-02 ta' Ġunju 1951 f'Homs, is-Sirja<br>Passaport Sirjan nru 0000092405 | Negozjant prominenti li jibbenefika minn u jappoġġa lir-reġim. Fundatur tal-Akhras Group (prodotti, kummerċ, ipproċessar u loġistika) u ex President għall-Kamra tal-Kummerċ ta' Homs. Relazzjonijiet ta' negozju mill-qrib mal-familja tal-President Al-Assad. Membru tal-Bord tal-Federazzjoni tal-Kamra tal-Kummerċ Sirjana. Ipprovda bini industrijali u residenzjali għal kampijiet ta' detenzjoni improviżati, kif ukoll appoġġ loġistiku għar-reġim (xarabanks u tankijiet tat-tagħbija) | 2.9.2011 |
| 2. | Issam Anbouba | Twieled fl-1952 f'Homs, is-Sirja | President ta' Anbouba għal Agricultural Industries Co. Jipprovdi appoġġ finanzjarju lir-reġim Sirjan. | 2.9.2011 |
| 3. | Ra'if Al-Quwatly (magħruf ukoll bħala Ri'af Al-Quwatli magħruf ukoll bħala Raeef Al-Kouatly) | | Assoċjat fin-negozju ma' Maher Al-Assad u responsabbli għall-ġestjoni ta' xi wħud mill-interessi tan-negozju tiegħu; jipprovdi finanzjament lir-reġim | 23.6.2011 |
| 4. | Bassam Sabbagh | Twieled fl-24 ta' Awwissu fl-1959 f'Damasku. Indirizz: Kasaa, Anwar al Attar Street, al Midani building, Damascus.<br>Passaport Sirjan nru 004326765 maħruġ fit-2 ta' Novembru 2008, validu sa Novembru 2014. | Kunsillier legali u finanzjarju u jiġġestixxi l-affarijiet ta' Rami Makhlouf u ta' Khaldoun Makhlouf. Involut ma' Bashar al-Assad fil-finanzjament ta' proġett ta' bini f' Latakia. Jipprovdi appoġġ finanzjarju lir-reġim. | 14.11.2011 |
| 5. | Mohamed Hamcho | Twieled fl-20 ta' Mejju 1966;<br>Nru tal-passaport 002954347 | Negozjant Sirjan u aġent lokali għal diversi kumpanniji barranin; assoċjat ta' Maher al-Assad, jiġġestixxi parti mill-interessi finanzjarji u ekonomiċi tiegħu u jipprovdi finanzjament lir-reġim. | 23.5.2011 |
| 6. | El-Tel Co. (El-Tel Middle East Company) | Indirizz: Dair Ali Jordan Highway, P.O.Box 13052, Damascus – Syria<br>Tel.: +963-11-2212345<br>Fax: +963-11-44694450<br>Indirizz elettroniku: sales@eltelme.com<br>Website: www.eltelme.com | Manifattura u forniment ta' torrijiet ta' komunikazzjoni u trasmissjoni u tagħmir ieħor għall-armata Sirjana. | 23.9.2011 |
| 7. | Rami Makhlouf | Twieled fl-10 ta' Lulju 1969 f'Damasku,<br>Nru tal-passaport 454224 | Negozjant Sirjan; kuġin tal-President Bashar Al-Assad; jikkontrolla l-fondi ta' investiment Al Mahreq, Bena Properties, Cham Holding Syriatel, Souruh Company u jipprovdi finanzjament u appoġġ lir-reġim. | 9.5.2011 |
| 8. | Ihab (magħruf ukoll bħala Ehab, Iehab) Makhlouf | Twieled fil-21 ta' Jannar 1973 f'Damasku;<br>Nru tal-passaport N002848852 | President ta' Syriatel, li jħallas 50 % tal-profitti tiegħu lill-gvern Sirjan permezz tal-kuntratt ta' liċenzja tiegħu. | 23.5.2011 |

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2012/166/PESK

**tat-23 ta' Marzu 2012**

**b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari, l-Artikolu 26(2),

Billi:

(1) Fit-12 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (minn hawn 'il quddiem l-"Istrateġija tal-UE"), li l-Kapitolu III tagħha fih lista ta' miżuri sabiex tiġi miġġielda tali proliferazzjoni.

(2) L-Istrateġija tal-UE tissottolinja r-rwol kruċjali tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi (minn hawn 'il quddiem "CWC") u tal-OPCW fil-ħolqien ta' dinja ħielsa minn armi kimiċi. Bħala parti mill-Istrateġija tal-UE, l-Unjoni impenjat ruħha li taħdem lejn l-aderenza universali għal trattati u ftehimiet ewlenin ta' diżarm u non-proliferazzjoni, inkluża s-CWC. L-objettivi tal-Istrateġija tal-UE huma komplementari għall-objettivi segwiti mill-OPCW, fil-kuntest tar-responsabbiltà ta' din tal-aħħar għall-implimentazzjoni tas-CWC.

(3) Fit-22 ta' Novembru 2004, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/797/PESK dwar appoġġ għal attivitajiet tal-OPCW fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva ([1]), li mal-iskadenza tagħha ġiet sussegwita mill-Azzjoni Konġunta 2005/913/PESK ([2]), li min-naħa tagħha ġiet sussegwita mill-Azzjoni Konġunta 2007/185/PESK ([3]). L-Azzjoni Konġunta 2007/185/PESK ġiet sussegwita mid-Deċiżjoni 2009/569/PESK ([4]) li skadiet fit-3 ta' Diċembru 2011.

(4) Il-kontinwazzjoni ta' tali assistenza intensiva u mmirata mill-Unjoni għall-OPCW hija meħtieġa fil-kuntest tal-implimentazzjoni attiva tal-Kapitolu III tal-Istrateġija tal-UE. Hemm ħtieġa għal aktar attivitajiet li jippromwovu l-implimentazzjoni sħiħa tas-CWC kif ukoll attivitajiet li jtejbu t-tħejjija tal-Istati Partijiet għas-CWC (minn hawn 'il quddiem l-"Istati Partijiet") għall-prevenzjoni ta' u r-rispons għal attakki li jinvolvu sustanzi kimiċi tossiċi, kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tal-attivitajiet kimiċi, u l-abbiltà tal-OPCW li tadatta għall-iżviluppi fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija. Il-miżuri relatati mal-universalizzazzjoni tas-CWC għandhom jitkomplew u jiġu adattati u mmirati għan-numru li qed jonqos ta' Stati mhux Partijiet għas-CWC,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Bil-fini li tingħata applikazzjoni immedjata u prattika lil xi elementi tal-Istrateġija tal-UE, l-Unjoni għandha tappoġġa l-attivitajiet tal-OPCW, bl-objettivi li ġejjin:

— it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Istati Partijiet biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt is-CWC, u

— it-tisħiħ tat-tħejjija tal-Istati Partijiet għall-prevenzjoni ta' u r-rispons għal attakki li jinvolvu sustanzi kimiċi tossiċi,

— it-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam ta' attivitajiet kimiċi,

— l-appoġġ għall-abbiltà tal-OCPW li tadatta għall-iżviluppi fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija,

— il-promozzjoni tal-universalità billi Stati mhux Partijiet jiġu mħeġġa jaderixxu mas-CWC.

2. F'dan il-kuntest, l-attivitajiet appoġġati mill-UE tal-proġetti tal-OPCW, li jikkonformaw mal-miżuri tal-Istrateġija tal-UE għandhom ikunu dawn li ġejjin:

([1]) ĠU L 349, 25.11.2004, p. 63.
([2]) ĠU L 331, 17.12.2005, p. 34.
([3]) ĠU L 85, 27.3.2007, p. 10.
([4]) ĠU L 197, 29.7.2009, p. 96.

**Proġett I: Implimentazzjoni Nazzjonali, Verifika u Universalità**

Attivitajiet:

— Żjarat bilaterali ta' assistenza teknika

— Korsijiet ta' taħriġ għal uffiċjali tad-dwana dwar l-aspetti tekniċi tar-reġim ta' trasferimenti tas-CWC

— Għotjiet lill-awtoritajiet nazzjonali

— Għodda ta' tagħlim elettroniku għall-awtoritajiet nazzjonali / partijiet interessati assoċjati

— Komunikazzjoni ma' Stati mhux Partijiet għas-CWC

— Investigazzjoni ta' eżerċizzji ta' użu allegat

**Proġett II: Kooperazzjoni Internazzjonali**

Attivitajiet:

— Kors għall-iżvilupp ta' kompetenzi analitiċi

— Komunikazzjoni ma' industriji — Workshop dwar is-CWC u s-Sikurezza tal-Proċess Kimiku

**Proġett III: Żjarat mir-rappreżentanti tal-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW u minn osservaturi fil-faċilitajiet tal-qerda ta' armi kimiċi (CWDFs)**

Attivitajiet:

— Żjarat fis-CWDFs

**Proġett IV: Xjenza u Teknoloġija**

Attivitajiet:

— Laqgħat tal-grupp ta' ħidma tal-Bord Xjentifiku Konsultattiv (SAB)

— Kofinanzjament ta' Workshop Internazzjonali dwar ix-Xjenza u t-Teknoloġija bejn l-OPCW u l-Unjoni Internazzjonali tal-Kimika Pura u Applikata (IUPAC)

**Proġett V: Tħejjija tal-Istati Partijiet għall-prevenzjoni ta' u r-rispons għal attakki li jinvolvu sustanzi kimiċi**

Attivitajiet:

— Workshops Reġjonali — l-Artikolu X tas-CWC u kwistjonijiet ta' kooperazzjoni reġjonali fil-qasam ta' rispons ta' assistenza u ta' emerġenza

— Eżerċizzji ta' Simulazzjoni (TTEs) u modulu tal-eżerċizzji

— L-OPCW bħala pjattaforma għat-tisħiħ tas-sigurtà fl-impjanti kimiċi

**Proġett VI: Programm tal-Afrika**

Attivitajiet:

— Żjarat bilaterali ta' assistenza teknika

— Korsijiet ta' taħriġ għal uffiċjali tad-dwana dwar l-aspetti tekniċi tar-reġim ta' trasferimenti tas-CWC

— Komunikazzjoni ta' Industriji — Workshop dwar is-CWC u s-Sikurezza tal-Proċess Kimiku

— Kors għall-Iżvilupp ta' Kompetenzi Analitiċi

— Workshops Reġjonali — l-Artikolu X tas-CWC u kwistjonijiet ta' kooperazzjoni reġjonali fil-qasam ta' rispons ta' assistenza u ta' emerġenza

— Proġett reġjonali ta' bini tal-kapaċitajiet fit-tul fil-qasam tal-assistenza u l-protezzjoni

Deskrizzjoni dettaljata tal-attivitajiet appoġġati mill-Unjoni tal-OPCW imsemmija hawn fuq tinsab fl-Anness.

*Artikolu 2*

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ) għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġetti imsemmija fl-Artikolu 1(2) għandha titwettaq mis-Segretarjat Tekniku tal-OPCW (minn hawn 'il quddiem is-"Segretarjat Tekniku"). Huwa għandu jwettaq dan il-kompitu taħt ir-responsabbiltà u l-kontroll tar-RGħ. Għal dan il-fini, ir-RGħ għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mas-Segretarjat Tekniku.

*Artikolu 3*

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-proġetti msemmijin fl-Artikolu 1(2) għandu jkun ta' EUR 2 140 000.

2. L-infiq iffinanzjat mill-ammont stabbilit fil-paragrafu 1 għandu jkun amministrat skont il-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni tajba tal-infiq imsemmi fil-paragrafu 1. Għal dan il-fini, hija għandha tikkonkludi ftehim ta' finanzjament mas-Segretarjat Tekniku. Il-ftehim għandu jistipula li s-Segretarjat Tekniku għandu jiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, adatta skont id-daqs tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi l-ftehim ta' finanzjament imsemmi fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara it-23 ta' Marzu 2012. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikulta f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim.

*Artikolu 4*

Ir-RGħ għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari mħejjijin mis-Segretarjat Tekniku. Ir-rapporti tar-RGħ għandhom jiffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni mwettqa mill-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-proġetti msemmijin fl-Artikolu 1(2).

*Artikolu 5*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 24 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 3(3). Madankollu, hija għandha tiskadi sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tagħha jekk dak il-ftehim ta' finanzjament ma jkunx ġie konkluż sa dakinhar.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

*ANNESS*

**Appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet tal-OPCW fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva**

**Proġett I: Implimentazzjoni Nazzjonali, Verifika u Universalità**

*Objettiv:*

Tisħiħ tal-kapaċità tal-Istati Partijiet biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt is-CWC u biex Stati mhux Partijiet għas-CWC jiġu mħeġġa jifhmu aħjar il-benefiċċji jekk jaderixxu mas-CWC u jkunu involuti aktar fl-attivitajiet tal-OPCW.

*Fini:*

— Fini 1 — L-Istati Partijiet jagħmlu progress lejn:

  — it-twettiq tar-rekwiżiti ta' implimentazzjoni nazzjonali skont l-Artikolu VII tas-CWC,

  — konformità mad-dikjarazzjonijiet tagħhom u r-rekwiżiti tad-dikjarazzjonijiet ta' ispezzjoni skont l-Artikolu VI tas-CWC,

  — tmexxija aktar effiċjenti tal-awtoritajiet nazzjonali tagħhom,

  — l-iffaċilitar tat-taħriġ bażiku tal-awtoritajiet nazzjonali,

  — it-tħejjija għal investigazzjonijiet ta' użu allegat skont l-Artikoli IX u X tas-CWC.

— Fini 2 — Stati mhux Partijiet għas-CWC jiġu aktar involuti f'attivitajiet tal-OPCW u jsiru jifhmu aktar is-CWC u l-benefiċċji tagħha.

*Riżultati:*

— Riżultat 1

  — L-awtoritajiet nazzjonali saħħew il-kapaċità tagħhom li jabbozzaw leġislazzjoni nazzjonali ta' implimentazzjoni u huma f'pożizzjoni li jippreżentaw leġislazzjoni għall-adozzjoni.

  — L-uffiċjali tad-dwana saħħew il-kapaċità tagħhom li jidentifikaw sustanzi kimiċi rilevanti għas-CWC u jippreżentaw trasferimenti preċiżi ta' data dwar sustanzi kimiċi skedati lill-awtoritajiet nazzjonali.

  — L-awtoritajiet nazzjonali saħħew il-kapaċità tagħhom li jikkomunikaw mal-OPCW u jibagħtulha dokumentazzjoni u dikjarazzjonijiet.

  — Il-persunal tal-awtoritajiet nazzjonali saħħaħ il-kapaċità tiegħu li jifhem u jimplimenta l-prinċipji bażiċi tas-CWC u jagħmel użu aktar kosteffettiv minn opportunitajiet ta' taħriġ wiċċ imb' wiċċ.

  — L-Istati Partijiet għandhom għarfien aħjar tal-investigazzjonijiet ta' użu allegat u ispezzjonijiet ta' sfida, bħala għodod fundamentali għad-dispożizzjoni tagħhom biex jipprovdu assistenza u/jew biex jiċċaraw nuqqas ta' konformità possibbli mas-CWC.

  — L-Istati Partijiet jirċievu assigurazzjonijiet li s-Segretarjat Tekniku huwa lest imexxi investigazzjonijiet ta' użu allegat u ispezzjonijiet ta' sfida.

— Riżultat 2

  — L-Istati mhux Partijiet għas-CWC huma aktar involuti fl-attivitajiet tal-OPCW u saru jifhmu aħjar tal-benefiċċji tas-sħubija fis-CWC.

*Attivitajiet*:

Żjarat bilaterali ta' assistenza teknika: Ser jingħata appoġġ lil Stati Partijiet permezz ta' żjarat ta' assistenza teknika li ser jitfasslu fuq bażi ta' każ b'każ u jsiru biex tingħata assistenza ffukata biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tat-talbiet magħmulin mill-Istati Partijiet. In-natura ta' dan l-appoġġ ser tinkludi sforzi ta' sensitizzazzjoni u komunikazzjoni permezz ta' workshops ta' sensibilizzazzjoni nazzjonali, korsijiet ta' taħriġ speċjalizzati, assistenza għall-abbozzar ta' leġislazzjoni implimentattiva nazzjonali u miżuri relatati, u s-suġġetti relatati mal-industrija fl-Artikolu VI għas-CWC. Skont l-objettiv tagħhom, dawn iż-żjarat ser jinkludu ħidma kkoordinata li tinvolvi, kif adatt, il-Fergħa ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni tas-Segretarjat Tekniku, l-Uffiċċju tal-Konsulent Legali, il-Fergħa tad-Dikjarazzjonijiet u l-Fergħa tal-Verifika tal-Industrija.

Taħriġ ta' uffiċjali tad-dwana dwar l-aspetti tekniċi tar-reġim ta' trasferimenti tas-CWC: Ġie pprovdut appoġġ għall-uffiċjali tad-dwana taħt l-Azzjoni Konġunta 2005/913/PESK, l-Azzjoni Konġunta 2007/185/PESK u d-Deċiżjoni 2009/569/PESK. Abbażi ta' esperjenza miksuba, ser issir komunikazzjoni ma' uffiċjali tad-dwana permezz ta' korsijiet ta' taħriġ bil-ħsieb li jittejbu l-ġbir u t-trasmissjoni ta' data dwar l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' sustanzi kimiċi skedati lill-awtoritajiet nazzjonali. Il-korsijiet ta' taħriġ reġjonali u subreġjonali li se jsiru ser joffru dimostrazzjonijiet u eżerċizzji prattiċi u b'involviment dirett. Ser isir kors reġjonali wieħed fir-reġjun tal-Amerika Latina u l-Karibew u ser isir kors subreġjonali wieħed fir-reġjun Asjatiku. Il-korsijiet ser isiru mill-Fergħa ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni tas-Segretarjat Tekniku bil-ħila esperta teknika mill-Fergħa tad-Dikjarazzjonijiet.

Għotjiet lill-awtoritajiet nazzjonali: L-awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Partijiet li qed jiżviluppaw ta' spiss jiġu mxekkla fl-abbiltà tagħhom li jimplimentaw bis-sħiħ l-obbligi taħt is-CWC minħabba nuqqas ta' tagħmir bażiku (kompjuters, printers, software, magni tal-ikkuppjar eċċ). Jekk l-awtoritajiet nazzjonali jingħataw tagħmir bażiku tal-uffiċċju, huma jkollhom l-opportunità li jiżviluppaw livell ogħla ta' effiċjenza u professjonaliżmu fl-isforzi tagħhom biex jimplimentaw is-CWC. Id-disponibbiltà ta' tali tagħmir ser tintuża wkoll bħala inċentiva għall-awtoritajiet nazzjonali biex jimpenjaw ruħhom b'mod aktar attiv fl-isforzi tagħhom biex jimplimentaw is-CWC, b'mod partikolari jekk id-disponibbiltà ta' dan it-tagħmir issir tiddependi fuq il-kisba ta' ċerti miri ddefiniti minn qabel.

Dawn il-miri ser jiġu ddefiniti fuq bażi ta' każ b'każ u f'konsultazzjoni mal-Istati Partijiet ikkonċernati.

Għodda ta' tagħlim elettroniku għall-awtoritajiet nazzjonali/ partijiet interessati assoċjati: Sabiex jiġu massimizzati opportunitajiet ta' taħriġ wiċċ imb' wiċċ, l-elementi bażiċi u ġeneriċi tat-taħriġ tal-awtoritajiet nazzjonali tal-OPCW ser isiru disponibbli f'format elettroniku, u ser jiġu tradotti għal-lingwi uffiċjali kollha tal-OPCW (l-Għarbi, iċ-Ċiniż, l-Ingliż, il-Franċiż, l-Ispanjol u r-Russu). F'konformità ma' dan, ħames moduli ta' tagħlim elettroniku, ibbażati fuq materjali eżistenti fis-Segretarjat Tekniku, ser jiġu żviluppati bl-użu tas-servizzi ta' fornitur kummerċjali. Il-preżentazzjonijiet li qed jintużaw attwalment li jkunu konvertiti f'għodod ta' tagħlim elettroniku huma dawn li ġejjin:

— Ħarsa Ġenerali tas-CWC

— Introduzzjoni għall-OPCW

— Is-CWC artikolu b'artikolu

— Is-CWC — l-iskedi 1, 2 u 3

— It-tmexxija effettiva ta' awtorita nazzjonali

Komunikazzjoni ma' Stati mhux Partijiet għas-CWC: Ir-rappreżentanti ta' Stati mhux Partijiet għas-CWC li huma f'pożizzjoni li jinfluwenzaw azzjonijiet nazzjonali relatati mal-adeżjoni/ir-ratifika u dawk involuti direttament fi kwistjonijiet ta' rilevanza għas-CWC ser jiġu sponsorjati biex jattendu programmi differenti organizzati mid-Diviżjoni Internazzjonali ta' Koperazzjoni u Assistenza (ICA). Dawn il-programmi ser jinkludu workshops reġjonali għall-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Partijiet u workshops reġjonali għall-awtoritajiet tad-dwana. Fejn meħtieġ, il-membri tal-persunal tad-Diviżjoni tar-Relazzjonijiet Esterni tas-Segretarjat Tekniku ser jiġu sponsorjati wkoll biex jattendu dawn il-laqgħat sabiex iwettqu l-kuntatti u l-interazzjoni meħtieġa mal-parteċipanti sponsorjati mill-Istati mhux Partijiet għas-CWC. Barra minn hekk, u kif ikun meħtieġ, f'din l-iskema ta' appoġġ għall-Istati mhux Partijiet għas-CWC, huma previsti wkoll żjarat u arranġamenti mfasslin apposta biex jinvolvu l-Istati mhux Partijiet għas-CWC.

Investigazzjoni ta' eżerċizzji ta' użu allegat: Mid-dħul fis-seħħ tas-CWC, is-Segretarjat Tekniku, ħafna drabi f'kooperazzjoni mal-Istati Partijiet, wettaq għadd ta' eżerċizzji marbuta mal-Artikoli IX u X tas-CWC, inklużi ż-żewġ investigazzjonijiet ta' użu allegat (IAU) u ispezzjonijiet ta' sfida (CI). Għalkemm ħafna lezzjonijiet meħuda f'rabta ma' eżerċizzji ta' CI japplikaw għall-IAU, u viċi versa, qatt ma saret reviżjoni komprensiva. F'tali reviżjoni komprensiva ser jiġu analizzati l-lezzjonijiet miksuba u rapporti ta' evalwazzjoni preċedenti minn eżerċizzji ta' IAU u CI (kemm ta' simulazzjoni kif ukoll fil-post), u ser jiġi organizzat workshop biex jitlaqqgħu esperti involuti f'tali eżerċizzji sabiex jaqsmu l-aħjar prassi, u biex jagħtu informazzjoni utli għal eżerċizzji futuri, speċjalment f'rabta ma' investigazzjonijiet ta' użu allegat.

**Proġett II: Kooperazzjoni Internazzjonali**

*Objettiv:*

— Biex jissaħħaħ l-iżvilupp ekonomiku u teknoloġiku permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tal-kimika għal attivitajiet li l-finijiet tagħhom mhumiex projbiti taħt is-CWC

— Biex jiġu promossi l-missjoni tal-OPCW u l-objettivi tas-CWC permezz ta' impenn aktar b'saħħtu tal-Istati Partijiet f'inizjattivi ta' kooperazzjoni internazzjonali għall-użu paċifiku tal-kimika

*Fini:*

— Fini 1 — Biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-laboratorji li huma ffinanzjati pubblikament fi Stati Partijiet b'ekonomiji li qed jiżviluppaw jew ekonomiji fi transizzjoni biex jimplimentaw is-CWC fil-qasam tal-użu paċifiku tal-kimika

— Fini 2 — Biex Stati Partijiet b'ekonomiji li qed jiżviluppaw jew ekonomiji fi transizzjoni jiġu megħjuna jsaħħu l-approċċi għall-ġestjoni tas-sikurezza kimika f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju tal-industrija kimika

*Riżultati:*

— Riżultat 1 — Livell ogħla ta' kompetenza teknika f'laboratorji ffinanzjati pubblikament fi Stati Partijiet b'ekonomiji li qed jiżviluppaw jew ekonomiji fi transizzjoni biex jiġu analizzati sustanzi kimiċi relatati mal-implimentazzjoni nazzjonali tas-CWC u fl-applikazzjoni paċifika ta' kimika li tuża metodi analitiċi moderni speċjalment Kromatografija tal-Gass (GC) u Kromatografija tal-Gass / Spettrometrija tal-Massa (GC-MS).

— Riżultat 2 — Livelli mtejba ta' kompetenza u fehim mill-persunal ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, rappreżentanti ta' assoċjazzjonijiet industrijali u l-awtoritajiet nazzjonali/istituzzjonijiet governattivi ta' Stati Partijiet li l-ekonomiji tagħhom qed jiżviluppaw jew qegħdin fi transizzjoni rigward prattiki ta' ġestjoni tas-sikurezza tal-proċessi

*Attivitajiet:*

Kors għall-iżvilupp ta' ħiliet analitiċi: Il-kors ser isir fuq perijodu ta' ġimagħtejn, li matulhom il-parteċipanti ser jirċievu taħriġ teoretiku u esperjenza b'involviment dirett fil-GC u GC-MS. Is-suġġetti koperti jinkludu: hardware; validazzjoni u ottimizzazzjoni tas-sistemi; soluzzjoni ta' problemi; tħejjija ta' kampjuni ambjentali; u analiżi GC/GC-MS ta' tali kampjuni għal sustanzi kimiċi b'rabta mas-CWC. Il-parteċipanti ser jirċievu wkoll taħriġ intensiv b'involviment dirett fit-tħejjija ta' matriċi kampjuni differenti li għandhom jiġu analizzati bil-GC b'detetturi selettivi skont l-element u b'GC MS f'modi ta' impatt ta' elektrons u ijonizzazzjoni kimika. Finalment, il-parteċipanti ser issirilhom introduzzjoni għal firxa ta' proċeduri ta' estrazzjoni, tindif u derivatizzazzjoni. Il-kors ser jiġi implimentat bl-appoġġ ta' VERIFIN, istituzzjoni magħrufa magħżula permezz ta' proċess ta' għoti tal-offerti trasparenti, u li l-OPCW daħlet magħha fi ftehim ta' 5 snin.

Komunikazzjoni mal-Industrija — Workshop dwar is-CWC u s-Sikurezza tal-Proċess Kimiku: Dan il-workshop ser jitqassam fuq jumejn u nofs. Hu ser ikopri, fost l-oħrajn, kwistjonijiet ta' sigurtà u sikurezza fl-industrija kimika; strateġiji ta' ġestjoni kimika; ġestjoni tas-sikurezza tal-proċess kimiku; l-aħjar prattiki fl-industrija; u introduzzjoni għal Responsible Care®.

Ser tiġi ppreżentata wkoll ħarsa ġenerali tas-CWC u l-programmi ta' kooperazzjoni internazzjonali fl-ewwel laqgħa. Ser jiġi organizzat seminar reġjonali wieħed fir-reġjun tal-Amerika Latina u l-Karibew u jekk ikun meħtieġ, ser tiġi pprovduta traduzzjoni għall-Ispanjol.

**Proġett III: Żjarat mir-rappreżentanti tal-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW u minn osservaturi fis-CWDFs**

*Objettiv:*

Tiġi avvanzata u żgurata t-tneħħija tal-istokkjiet ta' armi kimiċi u l-faċilitajiet ta' produzzjoni soġġett għall-miżuri ta' verifika previsti fis-CWC.

*Finijiet:*

— Fini 1 — L-Istati Partijiet ikunu jistgħu jissorveljaw il-progress li jsir lejn it-twettiq tal-qerda kompleta tal-istokkjiet ta' armi kimiċi u jkunu jistgħu jidentifikaw u jindirizzaw problemi fit-twettiq tal-qerda fi stadju bikri.

— Fini 2 — L-Istati Partijiet ikunu aktar fiduċjużi li jkunu qed isiru passi tanġibbli u konkreti għall-qerda kompleta tal-istokkjiet ta' armi kimiċi minn dawk li jipposseduhom.

*Riżultati:*

— Riżultat 1 — L-Istati Partijiet jifhmu aħjar il-problemi u d-diffikultajiet tekniċi relatati mal-qerda ta' armi kimiċi.

— Riżultat 2 — L-Istati Partijiet ikunu aktar fiduċjużi li jkunu qed isiru passi tanġibbli u konkreti għall-qerda kompleta tal-istokkjiet ta' armi kimiċi.

*Attività:*

Żjarat fis-CWDFs: Sa issa, saru ħames żjarat - tlieta fl-Istati Uniti tal-Amerika fis-CWDFs li jinsabu f'Anniston, Alabama (Ottubru 2007); Pueblo, Colorado, u Umatilla, Oregon (Mejju/Ġunju 2009), u Tooele u Pueblo (Frar-Marzu 2011) u żewġ żjarat fil-Federazzjoni Russa fi Shchuchye, fir-reġjun ta' Kurgansk (Settembru 2008) u Pochep, Bryanskaya Oblast (Settembru 2010). Iż-żjarat li saru s'issa taw prova tal-valur tagħhom bħala mezz biex jiġu indirizzati mistoqsijiet jew tħassib dwar programm ta' Stat Parti pussessur għar-rispett tal-obbligi tiegħu dwar il-qerda tal-armi kimiċi tiegħu sal-iskadenza estiża approvata. Jekk l-iskadenza estiża finali ma tiġix rispettata, huwa mistenni li, b'segwitu għal deċiżjoni ġdida tal-Konferenza tal-Istati Partijiet, l-Istati Partijiet ikkonċernati ser ikomplu jilqgħu tali żjarat fis-CWDFs operattivi tagħhom u f'faċilitajiet li attwalment qed jinbnew sakemm il-qerda tkun tlestiet.

**Proġett IV: Xjenza u Teknoloġija**

*Objettiv:*

Biex id-Direttur Ġenerali tal-OPCW jkun jista' jagħti parir u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Konferenza tal-Istati Partijiet, lill-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW u l-Istati Partijiet dwar oqsma tax-xjenza u t-teknoloġija li huma rilevanti għas-CWC.

*Finijiet:*

— Fini tal-Laqgħat tal-gruppi ta' ħidma temporanji tas-SAB: Sabiex id-Direttur Ġenerali jkun jista' jagħti parir speċjali lill-organi li jfasslu l-politika tal-OPCW u lill-Istati Partijiet dwar l-oqsma tax-xjenza u t-teknoloġija rilevanti għas-CWC.

— Fini tal-Workshop Internazzjonali dwar ix-Xjenza u t-Teknoloġija tal-OPCW / IUPAC: Sabiex is-SAB jiġi megħjun fit-tħejjija tal-abbozzar tar-rapport tiegħu għat-Tielet Konferenza ta' Reviżjoni.

*Riżultati:*

— Riżultat 1 — Pariri u rakkomandazzjonijiet dwar oqsma tax-xjenza u t-teknoloġija rilevanti għas-CWC mogħtija mis-SAB u riċevuti mill-Istati Partijiet.

— Riżultat 2 — L-Istati Partijiet ikunu aġġornati u aktar informati dwar oqsma tax-xjenza u t-teknoloġija rilevanti għas-CWC.

— Riżultat 3 — L-Istati Partijiet jiġu megħjuna jivvalutaw l-impatt potenzjali ta' avvanzi fix-xjenza u t-teknoloġija dwar l-implimentazzjoni tas-CWC.

*Attivitajiet:*

SAB laqgħat tal-grupp ta' ħidma: Fl-2012-13 ser isiru żewġ laqgħat tal-grupp ta' ħidma temporanju dwar il-konverġenza tal-kimika u l-bijoloġija u żewġ laqgħat ta' grupp ta' ħidma temporanju dwar l-edukazzjoni u l-komunikazzjoni. L-objettiv tal-grupp ta' ħidma temporanju dwar il-konverġenza tal-kimika u l-bijoloġija għandu jesplora aktar il-konverġenza tal-kimika u l-bijoloġija, u l-implikazzjonijiet potenzjali tagħha għas-CWC, kif irrakkomandat mis-SAB waqt is-Sittax-il Sessjoni tagħha. Il-grupp ta' ħidma temporanju ser jivvaluta dawn l-implikazzjonijiet u ser jagħmel rakkomandazzjonijiet lis-SAB. Il-valutazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet tal-grupp ta' ħidma temporanju ser jintużaw mis-SAB fir-rapport tiegħu lit-Tielet Konferenza ta' Reviżjoni. L-objettiv tal-laqgħat tal-grupp ta' ħidma temporanju dwar l-edukazzjoni u l-komunikazzjoni, li għandu jiġi stabbilit, ser jiffoka fuq kif għandha ssir komunikazzjoni mal-komunità xjentifika u dwar kif għandha tiġi żviluppata u msaħħa r-relazzjoni bejn l-OPCW u l-komunità xjentifika.

Kofinanzjament tal-Workshop Internazzjonali dwar ix-Xjenza u t-Teknoloġija tal-OPCW - IUPAC: L-objettiv tal-workshop hu li jiġu riveduti x-xejriet u l-avvanzi fil-kimika, l-inġinerija kimika, ix-xjenzi tal-ħajja u d-dixxiplini relatati bil-ħsieb li jiġi vvalutat kif jaffettwaw l-implimentazzjoni tas-CWC. Ir-rapport li għandu jiġi prodott mill-workshop ser jassisti lis-SAB fit-tħejjija tar-rapport tiegħu stess li jinkludi l-valutazzjoni tiegħu tal-impatt tal-iżviluppi fix-xjenza u t-teknoloġija fuq il-funzjonament tas-CWC.

Dan ir-rapport ser jiġi pprovdut, bħala kontribut tad-Direttur Ġenerali, għat-Tielet Konferenza ta' Reviżjoni tas-CWC li għandha ssir fl-2013. Il-Workshop Internazzjonali dwar ix-Xjenza u t-Teknoloġija tal-OPCW - IUPAC ser jipprovdi kontribut siewi għat-tħejjija tar-rapport tas-SAB bil-ħsieb tat-Tielet Konferenza ta' Reviżjoni.

**Proġett V: Tħejjija tal-Istati Partijiet għall-prevenzjoni ta' u r-rispons għal attakki li jinvolvu sustanzi kimiċi**

*Objettiv:*

Kontribut għall-iżvilupp tal-kapaċità tal-Istati Partijiet fil-prevenzjoni ta', it-tħejjija għal u r-rispons għal attakk terroristiku bl-użu ta' armi kimiċi u għat-titjib tar-rispons tagħhom għat-talbiet għal assistenza fil-każ li jintużaw jew li jkun hemm theddida li jintużaw sustanzi kimiċi.

*Finijiet:*

— Fini tal-workshops reġjonali:

Fini 1 — Titjib tas-sensibilizzazzjoni tal-Istati Partijiet dwar l-importanza li jippreżentaw dikjarazzjonijiet kompleti u fil-ħin dwar programmi nazzjonali relatati mal-finijiet protettivi

Fini 2 — Żieda tal-kontribut tal-Istati Partijiet għat-tħejjija tal-OPCW biex jingħata rispons għat-talbiet għal assistenza

Fini 3 — Inkoraġġiment tal-Istati Partijiet fir-reġjuni jew is-subreġjuni biex irawmu l-ħolqien ta' netwerks reġjonali biex itejbu r-rispons koordinat tagħhom għal emerġenza ta' armi kimiċi.

— Finijiet tat-TTEs u l-modulu tal-eżerċizzji:

Fini 1 — Eżerċizzju u evalwazzjoni tal-prevenzjoni nazzjonali ta', it-tħejjija għal u r-rispons għal attakk terroristiku bl-użu ta' armi kimiċi u biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar passi ulterjuri li għandhom jittieħdu biex jissaħħaħ il-livell ta' tħejjija

Fini 2 — Eżerċizzju u evalwazzjoni għall-koordinazzjoni tal-komunità internazzjonali fil-prevenzjoni u r-rispons għal attakk terroristiku bl-użu ta' armi kimiċi. Identifikazzjoni tan-nuqqasijiet potenzjali fl-appoġġ ipprovdut mill-OPCW u organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn lill-Istati Partijiet għat-tħejjija tagħhom għal attakki terroristiċi bl-użu ta' armi kimiċi

— Fini tal-OPCW bħala pjattaforma għat-tisħiħ tas-sikurezza f'impjanti kimiċi:

Fini 1 — Appoġġ għall-gvernijiet u l-assoċjazzjonijiet tal-industrija kimika tal-Istati Partijiet benefiċjarji fis-sensibilizzazzjoni dwar is-sikurezza kimika u t-tisħiħ tagħha bl-adozzjoni tal-aħjar prattiki

Fini 2 — Żieda tas-sikurezza kimika fl-Istati Partijiet benefiċjarji impenjati fil-proċess bit-trawwim tal-kooperazzjoni fost il-partijiet interessati kollha inklużi l-awtoritajiet nazzjonali, l-industrija kimika, l-assoċjazzjonijiet tal-industrija kimika, il-komunità xjentifika u l-NGOs

Fini 3 — Aġġornament sħiħ tal-Istati Partijiet dwar l-iżviluppi l-ġodda fl-isfera tas-sikurezza kimika u l-aħjar prattiki dwar is-sikurezza kimika

*Riżultati:*

— Riżultati tal-workshops reġjonali:

Riżultat 1 — Sensibilizzazzjoni tal-Istati Partijiet dwar l-importanza li jippreżentaw dikjarazzjonijiet fil-ħin u kompleti dwar programmi nazzjonali relatati mal-finijiet protettivi.

Riżultat 2 — L-Istati Partijiet ikunu f'pożizzjoni aħjar biex joffru assistenza lill-OPCW fir-rispons għal talba għal assistenza.

Riżultat 3 — Sensibilizzazzjoni akbar tal-Istati Partijiet, li l-ekonomiji tagħhom qed jizviluppaw jew qegħdin fi transizzjoni, rigward il-ħtieġa li tiġi promossa l-kooperazzjoni fir-rigward tal-emerġenzi dwar l-armi kimiċi fil-każ ta' attakk.

— Riżultati tat-TTEs u l-moduli tal-eżerċizzji:

Riżultat 1 — Żvilupp ta' modulu għat-tħejjija u t-twettiq tat-TTEs li jkun flessibbli u li jista' jiġi adattat għaċ-ċirkostanzi diversi fl-Istati Partijiet differenti

Riżultat 2 — Tisħiħ tat-tħejjija għall-prevenzjoni ta' u r-rispons għal attakki terroristiċi bl-użu ta' armi kimiċi identifikati mill-Istat Parti li jospita t-TTE

Riżultat 3 — Tisħiħ tat-tħejjija għall-prevenzjoni ta' u r-rispons għal attakki terroristiċi bl-użu ta' armi kimiċi li waslu għalihom l-Istati Partijiet li jipparteċipaw fit-TTE

Riżultat 4 — Żieda tal-fehim mill-organizzazzjonijiet parteċipanti tal-oqsma fejn il-koordinazzjoni mtejba tista' tnaqqas in-nuqqasijiet u fejn jistgħu jinbdew attivitajiet ġodda

— Riżultati tal-OPCW bħala pjattaforma għat-tisħiħ tas-sikurezza f'impjanti kimiċi:

Riżultat 1 — Sensibilizzazzjoni akbar tal-benefiċjarji dwar ir-rekwiżiti u l-aħjar prattiki fis-sikurezza kimika

Riżultat 2 — Disseminazzjoni tal-aħjar prattiki fis-sikurezza kimika fost l-Istati Partijiet benefiċjarji, l-assoċjazzjonijiet tal-industrija tagħhom u partijiet interessati oħrajn

Riżultat 3 — Dokument ta' kunċett għal miżuri ta' segwitu possibbli li jinvolvu l-awtoritajiet nazzjonali, ix-xjenzjati, l-amministraturi tal-laboratorji, u l-industrija kimika dwar l-aħjar prattiki fis-sikurezza kimika bl-appoġġ ta' materjali tat-taħriġ

Riżultat 4 — Pubblikazzjonijiet dwar is-sikurezza kimika għall-awtoritajiet nazzjonali, l-industrija kimika/l-amministraturi tal-laboratorji, u dwar l-aħjar prattiki fis-sikurezza kimika u s-sigurtà kimika.

*Attivitajiet:*

Workshops Reġjonali — l-Artikolu X tas-CWC u kwistjonijiet ta' kooperazzjoni reġjonali fil-qasam tar-rispons ta' assistenza u emerġenza: Il-Workshops Reġjonali huma maħsubin biex irawmu d-diskussjoni u l-analiżi ta' diversi kwistjonijiet ta' assistenza u dawk relatati mal-protezzjoni b'fokus speċjali fuq oqsma bħad-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Partijiet taħt l-Artikolu X tas-CWC, il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' programmi protettivi, l-importanza tal-offerti ta' assistenza mill-Istati Partijiet, l-analiżi tad-dgħufijiet u d-diffikultajiet tal-Artikolu X tas-CWC, u ħarsa ġenerali tal-attivitajiet ta' assistenza u protezzjoni fir-reġjun. L-Istati Partijiet ser jagħmlu preżentazzjonijiet sabiex jikkondividu l-esperjenzi u l-lezzjonijiet miksuba. Ser isiru żewġ workshops fuq perijodu qasir fir-reġjun Asjatiku u f'dak Latin Amerikan u tal-Karibew u ser jiġu organizzati mill-Fergħa tal-Assistenza u l-Protezzjoni.

It-TTE u l-modulu tal-eżerċizzji: Din l-attività għandha l-għan li tiżviluppa l-kapaċitajiet tal-Istati Partijiet fil-prevenzjoni ta', it-tħejjija għal u r-rispons għal attakk terroristiku bl-użu ta' armi kimiċi. Xenarju bażiku tal-eżerċizzji ser ikun attakk terroristiku f'impjant / istallazzjoni / trasport kimiku b'rilaxx ta' sustanzi kimiċi tossiċi. L-ispeċifiċitajiet tax-xenarju li għandu jintuża matul it-TTE ser jiġi adattat għaċ-ċirkostanzi u l-ħtiġijiet tal-Istat Parti li jospita t-TTE. Dan ser jinkludi inventarju ta' responsabbiltajiet nazzjonali u reviżjoni tal-proċeduri eżistenti u eżerċizzju ta' gwida u ta' diskussjoni tal-faċilità / istallazzjoni tal-eżerċizzju magħżula fil-livell nazzjonali qabel ma jsir it-twettiq tat-TTE b'parteċipazzjoni reġjonali u internazzjonali. L-eżerċizzju ser jeżamina t-teħid ta' deċiżjonijiet intergovernattivi, l-iskambju ta' informazzjoni u l-għoti ta' assistenza bejn organizzazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali rilevanti. Ser isiru żewġ TTEs f'żewġ reġjuni differenti. Ser jiġi żviluppat ukoll modulu għat-tħejjija u t-twettiq tat-TTEs dwar l-attakki b'sustanzi kimiċi tossiċi li jinvolvu entitajiet nazzjonali, reġjonali u internazzjonali. L-attività ser tiġi organizzata u koordinata mill-Uffiċċju ta' Proġetti Speċjali.

L-OPCW bħala pjattaforma għat-tisħiħ tas-sikurezza fl-impjanti kimiċi: Fl-ewwel fażi tal-attività, ser tiġi żviluppata analiżi dwar ir-rwoli u l-funzjonijiet possibbli tal-OPCW u s-sinerġiji tagħha mal-partijiet interessati fil-qasam tas-sikurezza kimika. Ser isir avveniment biex jiġu diskussi u mxerrda l-aħjar prattiki fis-sigurtà u s-sikurezza kimika.

L-avveniment huwa maħsub biex irawwem id-diskussjoni u l-analiżi tal-kwistjonijiet prattiċi u l-esperjenzi relatati mat-tisħiħ tas-sikurezza tal-faċilitajiet kimiċi. L-esperjenza tas-sħab internazzjonali l-oħrajn fil-promozzjoni tas-sikurezza kimika, u f'sens usa' d-diskussjoni biex l-Istati jingħataw għajnuna fit-titjib tal-kapaċità tagħhom fir-rigward tal-prevenzjoni u t-tħejjija għat-theddidiet relatati mal-armi ta' qerda massiva u l-materjali relatati, ser isiru disponibbli għall-benefiċjarji. L-avveniment ser jidentifika wkoll l-opportunitajiet u r-rekwiżiti għal miżuri ta' segwitu biex isir progress fil-proċess tat-tisħiħ tas-sikurezza kimika, u għall-iżvilupp tal-OPCW bħala pjattaforma għall-iskambji dwar din il-kwistjoni.

Riżultat tal-proġett ser ikun serje ta' proposti prattiċi dwar kif l-OPCW tista' tiġi żviluppata aktar bħala pjattaforma għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fil-qasam tas-sikurezza kimika. L-attività ser tiġi organizzata u koordinata mill-Uffiċċju ta' Proġetti Speċjali.

**Proġett VI: Programm tal-Afrika**

*Objettiv:*

It-tisħiħ tal-kapaċità tal-Istati Partijiet Afrikani biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt is-CWC.

*Fini:*

Fini 1 — L-Istati Partijiet Afrikani jagħmlu progress lejn:

— it-twettiq tar-rekwiżiti ta' implimentazzjoni nazzjonali skont l-Artikolu VII tas-CWC

— ikunu konformi mad-dikjarazzjonijiet tagħhom u r-rekwiżiti tad-dikjarazzjonijiet ta' ispezzjoni skont l-Artikolu VI tas-CWC

Fini 2

— Tisħiħ tal-kapaċità tal-laboratorji tagħhom li huma ffinanzjati pubblikament fl-Istati Partijiet Afrikani b'ekonomiji li qed jiżviluppaw jew qegħdin fi transizzjoni biex jimplimentaw is-CWC fil-qasam tal-użu paċifiku tal-kimika

— Tisħiħ tal-approċċi tal-ġestjoni tas-sikurezza kimika fl-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju tal-industrija kimika fl-Istati Partijiet Afrikani li l-ekonomiji tagħhom qed jiżviluppaw jew qegħdin fi transizzjoni.

Fini 3

— Titjib tas-sensibilizzazzjoni tal-Istati Partijiet Afrikani dwar l-importanza li jippreżentaw dikjarazzjonijiet fil-ħin u kompleti dwar programmi nazzjonali relatati ma' finijiet protettivi

— Żieda tal-kontribut tal-Istati Partijiet Afrikani għat-tħejjija tal-OPCW biex tagħti rispons għat-talbiet għal assistenza

— Inkoraġġiment tal-Istati Partijiet Afrikani biex irawmu l-ħolqien ta' netwerks reġjonali fir-reġjuni jew subreġjuni Afrikani biex itejbu r-rispons koordinat tagħhom għal emerġenza ta' armi kimiċi

— Inkoraġġiment tal-Istati Partijiet Afrikani biex jistabbilixxu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn is-subreġjuni fir-rispons għall-emerġenzi kimiċi

*Riżultati:*

— Riżultat 1

L-awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Partijiet Afrikani saħħew il-kapaċità tagħhom li jabbozzaw leġislazzjoni nazzjonali ta' implimentazzjoni u huma f'pożizzjoni li jippreżentaw leġislazzjoni għall-adozzjoni.

— L-Uffiċjali tad-Dwana fl-Istati Partijiet Afrikani jkunu saħħew il-kapaċità tagħhom biex jidentifikaw sustanzi kimiċi rilevanti għas-CWC u jippreżentaw trasferimenti preċiżi ta' data dwar sustanzi kimiċi skedati lill-awtoritajiet nazzjonali.

— Riżultat 2

— Il-laboratorji ffinanzjati pubblikament fi Stati Partijiet Afrikani jkollhom livell ogħla ta' kompetenza teknika biex jiġu analizzati sustanzi kimiċi relatati mal-implimentazzjoni tas-CWC u fl-applikazzjoni paċifika ta' kimika li tuża metodi analitiċi moderni speċjalment GC u GC-MS.

— Il-persunal tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, ir-rappreżentanti tal-assoċjazzjonijiet tal-industrija u l-awtoritajiet nazzjonali/l-istituzzjonijiet governattivi tal-Istati Partijiet Afrikani għandhom livelli aġġornati ta' kompetenza u fehim fir-rigward il-prattiki tal-proċess tal-ġestjoni tas-sikurezza.

— Riżultat 3

— L-Istati Partijiet Afrikani jkunu konxji mill-importanza li jippreżentaw dikjarazzjonijiet fil-ħin u kompleti dwar programmi nazzjonali relatati ma' finijiet protettivi.

— L-Istati Partijiet Afrikani jkunu f'pożizzjoni aħjar biex joffru assistenza lill-OPCW fir-rispons għal talba għal assistenza.

— Sensibilizzazzjoni akbar tal-Istati Partijiet Afrikani, li l-ekonomiji tagħhom qed jiżviluppaw jew qegħdin fi transizzjoni, rigward il-ħtieġa li tiġi promossa l-kooperazzjoni fir-rigward tal-emerġenzi dwar l-armi kimiċi fil-każ ta' attakk.

— Grupp ta' istrutturi mill-Istati Partijiet Afrikani li jistgħu jappoġġaw il-pjan ta' rispons għal emerġenza kimika permezz ta' taħriġ għal dawk li jagħtu l-ewwel rispons.

*Attivitajiet:*

Żjarat bilaterali ta' assistenza teknika: Ser jingħata appoġġ lil Stati Partijiet Afrikani permezz ta' żjarat ta' assistenza teknika li ser jitfasslu fuq bażi ta' każ b'każ u jsiru biex tingħata assistenza ffukata fuq biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tat-talbiet magħmulin mill-Istati Partijiet Afrikani.

In-natura ta' dan l-appoġġ ser tinkludi sforzi ta' sensitizzazzjoni u komunikazzjoni permezz ta' workshops ta' sensibilizzazzjoni nazzjonali, korsijiet ta' taħriġ speċjalizzati, assistenza għall-abbozzar ta' leġislazzjoni implimentattiva nazzjonali u miżuri relatati, u s-suġġetti relatati mal-industrija fl-Artikolu VI tas-CWC. Skont l-objettiv tagħhom, dawn iż-żjarat ser jinkludu ħidma kkoordinata li tinvolvi, kif adatt, il-Fergħa ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni tas-Segretarjat Tekniku, l-Uffiċċju tal-Konsulent Legali, il-Fergħa tad-Dikjarazzjonijiet u l-Fergħa tal-Verifika tal-Industrija.

Taħriġ ta' uffiċjali tad-dwana dwar l-aspetti tekniċi tar-reġim ta' trasferimenti tas-CWC: Ġie pprovdut appoġġ għall-uffiċjali tad-dwana taħt l-Azzjoni Konġunta 2005/913/PESK, l-Azzjoni Konġunta 2007/185/PESK u d-Deċiżjoni 2009/569/PESK. Abbażi ta' esperjenza miksuba, ser issir komunikazzjoni ma' uffiċjali tad-dwana permezz ta' korsijiet ta' taħriġ bil-ħsieb li jittejbu l-ġbir u t-trasmissjoni ta' data dwar l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' sustanzi kimiċi skedati lill-awtoritajiet nazzjonali. Il-korsijiet ta' taħriġ subreġjonali li ser isiru fl-Istati Partijiet Afrikani ser joffru dimostrazzjonijiet u eżerċizzji prattiċi u b'involviment dirett. Dawn il-korsijiet ser isiru mill-Fergħa ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni bil-ħila esperta teknika tal-Fergħa tad-Dikjarazzjonijiet.

Komunikazzjoni tal-Industriji — Workshop dwar is-Sikurezza tal-Proċess Kimiku u s-CWC: Dan il-workshop ser isir fuq jumejn u nofs. Dan ser ikopri, fost l-oħrajn, il-kwistjonijiet dwar is-sigurtà u s-sikurezza fl-industrija kimika; strateġiji ta' ġestjoni kimika; il-ġestjoni tas-sikurezza tal-proċess kimiku; l-aħjar prattiki fl-industrija; u l-introduzzjoni għal Responsible Care®. Ser tiġi ppreżentata wkoll ħarsa ġenerali tas-CWC u l-programmi ta' kooperazzjoni internazzjonali fil-laqgħa tal-ftuħ. Ser tiġi pprovduta traduzzjoni bil-Franċiż.

Kors għall-iżvilupp ta' kompetenzi analitiċi: Il-kors ser isir fuq ġimagħtejn, li matulhom il-parteċipanti mill-Istati Partijiet Afrikani ser jirċievu taħriġ teoretiku u esperjenza b'involviment dirett fil-GC u GC-MS. Is-suġġetti koperti jinkludu: hardware; validazzjoni u ottimizzazzjoni tas-sistemi; trouble-shooting; tħejjija ta' kampjuni ambjentali; u l-analiżi GC / GC-MS ta' tali kampjuni għas-sustanzi kimiċi relatati mas-CWC. Il-parteċipanti ser jirċievu wkoll taħriġ intensiv b'involviment dirett fit-tħejjija ta' matriċijiet ta' kampjuni differenti li għandhom jiġu analizzati bil-GC b'detetturi selettivi skont l-element u b'GC-MS f'impatt ta' elettroni u f'modi ta' jonizzazzjoni kimika.

Finalment, il-parteċipanti ser issirilhom introduzzjoni għal firxa ta' proċeduri ta' estrazzjoni, tindif u derivatizzazzjoni.

Il-kors ser jiġi implimentat bl-appoġġ ta' VERIFIN, istituzzjonijiet magħrufa simili magħżula permezz ta' proċess ta' għoti tal-offerti trasparenti, u li l-OPCW daħlet magħhom fi ftehim ta' ħames snin. Il-korsijiet ser isiru bl-Ingliż.

Workshop Reġjonali — L-Artikolu X tas-CWC u kwistjonijiet ta' kooperazzjoni reġjonali fil-qasam tar-rispons ta' assistenza u emerġenza: Il-Workshop Reġjonali għall-Istati Partijiet Afrikani huwa maħsub biex irawwem id-diskussjoni u l-analiżi ta' diversi kwistjonijiet ta' assistenza u dawk relatati mal-protezzjoni b'attenzjoni speċjali fuq oqsma bħad-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Partijiet taħt l-Artikolu X tas-CWC, il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' programmi protettivi, l-importanza tal-offerti ta' assistenza mill-Istati Partijiet, l-analiżi tad-dgħufijiet u d-diffikultajiet tal-Artikolu X tas-CWC, u ħarsa ġenerali tal-attivitajiet ta' assistenza u protezzjoni fir-reġjun. L-Istati Partijiet ser jagħmlu preżentazzjonijiet sabiex jikkondividu l-esperjenzi u l-lezzjonijiet miksuba. L-attività ser tiġi organizzata mill-Fergħa tal-Assistenza u l-Protezzjoni.

Proġett reġjonali ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet fit-tul fil-qasam tal-assistenza u l-protezzjoni: L-objettiv ewlieni ta' din l-attività ser ikun li tiġi żviluppata sistema ta' rispons għall-emerġenzi nazzjonali/reġjonali kontra l-armi kimiċi, it-taħriġ tal-istrutturi ta' dawk li jagħtu l-ewwel rispons u l-ispeċjalisti involuti f'dan il-qasam u li jingħataw għajnuna biex jistabbilixxu l-grupp ta' rispons nazzjonali/reġjonali tagħhom.

Dan il-grupp ta' rispons ser ikun parti minn netwerk reġjonali li jista' jagħti l-ewwel rispons għal xenarju ta' emerġenza. Ser jiġi implimentat proġett wieħed tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fuq perijodu twil għall-Istati Partijiet Afrikani fis-subreġjuni Afrikani tan-Nofsinhar u Ċentrali (bil-Franċiż għall-Afrika Ċentrali; bl-Ingliż għall-Afrika tan-Nofsinhar).

# DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL 2012/167/PESK

## tat-23 ta’ Marzu 2012

## li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2011/486/PESK [1], u b’mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Billi:

(1) Fl-1 ta’ Awwissu 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK.

(2) Fid-29 ta’ Novembru 2011, fis-6 ta’ Jannar 2012, fit-13 ta’ Frar 2012, fl-1 ta’ Marzu 2012 u fis-16 ta’ Marzu 2012, il-Kumitat stabbilit skont il-paragrafu 30 tar-Riżoluzzjoni 1988 (2011) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti aġġorna l-lista ta’ individwi, gruppi, impriżi u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.

(3) L-Anness għad-Deċiżjoni 2011/486/PESK għandu b’hekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness għad-Deċiżjoni 2011/486/PESK huwa b’dan sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussell, it-23 ta’ Marzu 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

---

[1] ĠU L 199, 2.8.2011, p. 57.

*ANNESS*

*"ANNESS*

**LISTA TA' PERSUNI FIŻIĊI U ĠURIDIĊI, GRUPPI, IMPRIŻI U ENTITAJIET IMSEMMIJIN FL-ARTIKOLU 1**

A. *Individwi assoċjati mat-Taliban*

(1) **Abdul Baqi Haqqani Bashir Mohammad**

**Titlu:** **(a)** Maulavi; **(b)** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Gvernatur tal-provinċji ta' Khost u Paktika taħt ir-reġim Taliban; **(b)** Viċi Ministru tal-Informazzjoni u l-Kultura taħt ir-reġim Taliban; **(c)** Dipartiment Konsulari tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1960-1962 **Post tat-twelid:** **(a)** Belt ta' Jalalabad, Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan; **(b)** Distrett ta' Shinwar, Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan; **(b)** membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Nangarhar fl-2008. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Abdul Baqi inizjalment kien il-Gvernatur tal-provinċji ta' Khost u Paktika għar-reġim Taliban. Sussegwentement inħatar Viċi Ministru tal-Informazzjoni u l-Kultura. Ħadem ukoll fid-Dipartiment Konsulari tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tar-reġim Taliban.

Matul l-2003, Abdul Baqi kien involut f'attivitajiet militari kontra l-gvern fid-Distretti ta' Shinwar, Achin, Naziyan u Dur Baba tal-Provinċja ta' Nangarhar. Mill-2009 kien impenjat fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet militanti fir-reġjun tal-Lvant, b'mod partikolari fil-Provinċja ta' Nangarhar u fil-Belt ta' Jalalabad.

(2) **Abdul Qadeer Abdul Baseer** (magħruf ukoll bħala **(a)** Abdul Qadir **(b)** Ahmad Haji **(c)** Abdul Qadir Haqqani).

**Titlu:** **(a)** Ġeneral, **(b)** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Attaché Militari, Ambaxxata tat-Taliban, Islamabad, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** 1964. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Surkh Rod, Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** D 000974 (passaport Afgan). **Informazzjoni oħra:** **(a)** Konsulent finanzjarju għall-Kunsill Militari tat-Taliban f'Peshawar u Kap tal-Kummissjoni Finanzjarja tat-Taliban f'Peshawar, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Abdul Qadeer Abdul Baseer kien it-teżorier tat-Taliban f'Peshawar, il-Pakistan, fl-2009. Kien il-konsulent finanzjarju tal-Kunsill Militari tat-Taliban f'Peshawar u l-kap tal-Kummissjoni Finanzjarja tat-Taliban f'Peshawar fil-bidu tal-2010. Huwa jgħaddi personalment il-flus mit-tmexxija tax-shura tat-Taliban lill-gruppi Talibani fil-Pakistan kollu.

(3) **Amir Abdullah** (magħruf ukoll bħala Amir Abdullah Sahib).

**Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ex Viċi Gvernatur tat-Taliban fil-Provinċja ta' Kandahar. **Indirizz:** Karachi, il-Pakistan. **Data tat-twelid**: Bejn wieħed u ieħor 1972. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Paktika, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Ivvjaġġa lejn il-Kuwajt, l-Arabja Sawdija, il-Ġamahirija Għarbija Libjana u l-Emirati Gharab Magħquda biex jiġbor fondi għat-Taliban, **(b)** Teżorier għal Abdul Ghani Baradar Abdul Ahmad Turk, **(c)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 20.7.2010.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Amir Abdullah kien it-teżorier tal-mexxej anzjan Taliban Abdul Ghani Baradar (TI.B.24.01.) u qabel kien il-viċi tal-gvernatur Taliban tal-provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. Amir Abdullah ivvjaġġa lejn il-Kuwajt, l-Arabja Sawdija, il-Libja u l-Emirati Gharab Magħquda biex jiġbor fondi għat-Taliban. Huwa ffaċilita wkoll il-komunikazzjoni għat-tmexxija Talibana u kkoordina laqgħat ta' livell għoli fil-parti tad-dar maħsuba għall-mistednin tar-residenza tiegħu fil-Pakistan. Abdullah għen lil bosta membri anzjani Talibani li ħarbu mill-Afganistan fl-2001 biex jistabbilixxu ruħhom fil-Pakistan.

(4) **Abdul Manan**

**Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Attaché Kummerċjali, l-Ambaxxata tat-Taliban, Abu Dhabi, l-Emirati Għarab Magħquda. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1975. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Abdul Manan sar kmandant anzjan Taliban fil-Provinċji ta' Paktia, Paktika u Khost tal-Lvant tal-Afganistan. Kien ukoll responsabbli għall-moviment tal-ġellieda u l-armi Talibani minn naħa għal oħra tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan.

(5) **Abdul Razaq Ekhtiyar Mohammad**.

**Titlu:** **(a)** Maulavi, **(b)** Mawlana. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tal-Kummerċ taħt ir-reġim Taliban **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1955-1958. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Shah Wali Kot, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** 077513 (Karta tal-identifikazzjoni nazzjonali (tazkira) maħruġa fid-Distrett ta' Paghman, Provinċja ta' Kabul, l-Afganistan). **Indirizz:** it-Tieni Triq, Żona Qalaie-e-Kashif, Distrett Nru 5, Kabul, l-Afganistan. **Informazzjoni oħra:** Involut fit-traffikar tad-drogi. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

(6) **Abdul Wahab**.

**Titlu:** Malawi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Chargé d'Affaires tat-Taliban f'Riyadh, l-Arabja Sawdija, **(b)** l-Ewwel Segretarju, Ambaxxata tat-Taliban f'Islamabad, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1973. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Khogyani, Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tax-Shura tat-Taliban fi Quetta fl-2010, **(b)** Irrappurtat deċedut fil-bidu tal-2011 fil-Pakistan, **(c)** Kien jappartjeni għat-tribù Khogyani. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(7) **Abdul Rahman Agha**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Prim Imħallef tal-Qorti Militari taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1958. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** **(a)** Afgana, **(b)** Pakistana. **Informazzjoni oħra:** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(8) **Abdul Wasay Mu'tasim Agha**. (magħruf ukoll bħala **(a)** Mutasim Aga Jan, **(b)** Agha Jan, **(c)** Abdul Wasay Agha Jan Motasem).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tal-Finanzi taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** **(a)** 1961, **(b)** Bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid:** **(a)** Raħal ta' Jelawur, Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, **(b)** Raħal ta' Speerwan, Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Jiġbor fondi għat-Taliban u jivvjaġġa spiss lejn l-Istati tal-Golf, **(b)** Membru tal-Kummissjoni Finanzjarja tal-Kunsill Suprem tat-Taliban fl-2011, **(c)** Il-familja tiegħu marbuta permezz ta' żwieġ ma' Mullah Mohammed Omar, **(d)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(e)** Jappartjeni għall-grupp etniku tas-Sadat. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

(9) **Janan Agha** (magħruf ukoll bħala Abdullah Jan Agha).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Faryab (l-Afganistan) taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** **(a)** Bejn wieħed u ieħor 1958, **(b)** Bejn wieħed u ieħor 1953. **Post tat-twelid:** Belt ta' Tirin Kot, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban u konsulent għal Mullah Mohammed Omar f'Ġunju 2010, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Jappartjeni għall-grupp etniku tas-Sadat. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(10) **Sayed Mohammad Azim Agha** (magħruf ukoll bħala **(a)** Sayed Mohammad Azim Agha, **(b)** Agha Saheb).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Direttur tad-Dipartiment tal-Passaporti u l-Viżi fil-Ministeru tal-Intern taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** **(a)** Bejn wieħed u ieħor 1966; **(b)** Bejn wieħed u ieħor 1969. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Il-kariga ta' Sayed Mohammad Azim Agha bħala impjegat mad-Dipartiment tal-Passaporti u l-Viżi kienet fil-Ministeru tal-Intern tar-reġim tat-Taliban.

(11) **Sayyed Ghiassouddine Agha** (magħruf ukoll bħala **(a)** Sayed Ghiasuddin Sayed Ghousuddin, **(b)** Sayyed Ghayasudin, **(c)** Sayed Ghias).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Ministru tal-Affarijiet tal-Haj u Affarijiet Reliġjużi taħt ir-reġim tat-Taliban, **(b)** Ministru tal-Edukazzjoni taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1961. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Kohistan, Provinċja ta' Faryab, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċji ta' Faryab, Jawzjan, Sari Pul u Balkh, l-Afganistan, f'Ġunju 2010, **(b)** Involut fit-traffikar tad-drogi, **(c)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban u l-Kunsill Militari tat-Taliban f'Diċembru 2009, **(d)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(e)** Jappartjeni għall-grupp etniku tas-Sadat. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Sayyed Ghiassouddine Agha kien ukoll Ministru tal-Edukazzjoni tar-reġim tat-Taliban. Kien ukoll il-membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Faryab, l-Afganistan, f'Mejju 2007. Hu maħsub li jinsab involut fit-traffikar tad-drogi.

(12) **Mohammad Ahmadi**.

**Titlu:** **(a)** Mullah, **(b)** Haji. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** President tal-Bank Ċentrali (Da Afghanistan Bank) taħt ir-reġim tat-Taliban, **(b)** Ministru tal-Finanzi taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1963. **Post tat-twelid:** **(a)** Distrett ta' Daman, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, **(b)** Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Kakar, **(c)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(13) **Mohammad Shafiq Ahmadi**.

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Samangan (l-Afganistan) taħt ir-reġim tat-Taliban. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(14) **Ahmadullah** (magħruf ukoll bħala **(a)** Ahmadulla **(b)** Mohammad Ahmadullah).

**Titlu:** Qari. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tas-Sigurtà (Intelligence) taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** **(a)** Bejn wieħed u ieħor 1975, **(b)** Bejn wieħed u ieħor 1965. **Post tat-twelid:** **(a)** Iż-żona ta' Khogyani, Distrett ta' Qarabagh, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan, **(b)** Distrett ta' Andar, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Irrappurtat deċedut f'Diċembru 2001, **(b)** Kien jappartjeni għat-tribù Khogyani. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Fl-2003, Ahmadullah iddistribwixxa tagħmir splussiv lil militanti u tahom struzzjonijiet biex iwettqu attakki fl-Afganistan.

(15) **Abdul Bari Akhund** (magħruf ukoll bħala **(a)** Haji Mullah Sahib **(b)** Zakir).

**Titlu:** **(a)** Maulavi, **(b)** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Helmand taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1953. **Post tat-twelid:** **(a)** Distrett ta' Baghran, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan, **(b)** Distrett ta' Now Zad, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'Ġunju 2009, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Alokozai, **(d)** Membru tat-tmexxija tat-Taliban fil-Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(16) **Ahmed Jan Akhundzada Wazir** (magħruf ukoll bħala **(a)** Haji Ahmad Jan, **(b)** Ahmed Jan Akhund).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tal-Ilma u l-Elettriku taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1953 u l-1958. **Post tat-twelid:** **(a)** Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan; **(b)** Distrett ta' Tirin Kot, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Militari Suprem tat-Taliban fl-2009, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(17) **Attiqullah Akhund**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Agrikoltura taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1953. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Shah Wali Kot, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Militari Suprem tat-Taliban kif ukoll tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'Ġunju 2010, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Popalzai. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(18) **Hamidullah Akhund Sher Mohammad** (magħruf ukoll bħala **(a)** Janat Gul **(b)** Hamidullah Akhund).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Kap tal-Ariana Afghan Airlines taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1972 u l-1973. **Post tat-twelid:** **(a)** Ir-raħal ta' Sarpolad, Distrett ta' Washer, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan, **(b)** Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Jappartjeni għat-tribù Ghilzai. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(19) **Mohammad Hassan Akhund**.

**Titlu:** **(a)** Mullah, **(b)** Haji. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** (a) L-Ewwel Viċi, Kunsill tal-Ministri taħt ir-reġim tat-Taliban, **(b)** Ministru tal-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim tat-Taliban, **(c)** Gvernatur ta' Kandahar taħt ir-reġim tat-Taliban, **(d)** Konsulent Politiku ta' Mullah Mohammed Omar. **Data tat-twelid:** **(a)** Bejn wieħed u ieħor 1955-1958, **(b)** Bejn wieħed u ieħor 1945-1950. **Post tat-twelid:** Ir-raħal ta' Pashmul, Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Assoċjat qrib ta' Mullah Mohammed Omar, **(b)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'Diċembru 2009, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Kakar. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Mohammad Hassan Akhund huwa assoċjat qrib ta' Mohammed Omar.

Mohammad Hassan Akhund kien għadu mexxej attiv tat-Taliban f'nofs l-2009. Huwa kien wieħed mill-aktar kmandanti effettivi tat-Taliban fil-bidu tal-2010.

(20) **Mohammad Abbas Akhund**.

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tas-Saħħa Pubblika taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1963. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Khas Uruzgan, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afghanistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban inkarigat mill-Kumitat Mediku f'Jannar 2011, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Barakzai. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(21) **Mohammad Essa Akhund**.

**Titlu:** **(a)** Alhaj, **(b)** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tal-Ilma, is-Sanità u l-Elettriku taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1958. **Post tat-twelid:** Iż-żona ta' Mial, Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Jappartjeni għat-tribù Nurzai. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(22) **Ubaidullah Akhund** (magħruf ukoll bħala **(a)** Obaidullah Akhund, **(b)** Obaid Ullah Akhund). 0

**Titlu:** **(a)** Mullah, **(b)** Hadji, **(c)** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tad-Difiża taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid:** **(a)** Ir-raħal ta' Sangisar, Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, **(b)** Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Kien wieħed mill-viċi ta' Mullah Mohammed Omar, **(b)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban, inkarigat minn operazzjonijiet militari, **(c)** Arrestat fl-2007 u miżmum taħt kustodja fil-Pakistan fl-2011, **(d)** Rabta permezz ta' żwieġ ma' Saleh Mohammad Kakar Akhtar Muhammad, **(e)** Jappartjeni għat-tribù Alokozai. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Ubaidullah Akhund kien viċi ta' Mohammed Omar u membru tat-tmexxija tat-Taliban inkarigat minn operazzjonijiet militari.

(23) **Ahmad Jan Akhundzada Shukoor Akhundzada** (magħruf ukoll bħala **(a)** Ahmad Jan Akhunzada **(b)** Ahmad Jan Akhund Zada).

**Titlu:** **(a)** Maulavi **(b)** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċji ta' Zabol u Uruzgan taħt ir-reġim tat-Taliban. **Post tat-twelid:** **(a)** Ir-raħal ta' Lablan, Distrett ta' Dehrawood, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afghanistan, **(b)** Distrett ta' Zurmat, Provinċja ta' Paktia, l-Afghanistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Uruzgan, l-Afghanistan, fil-bidu tal-2007, **(b)** Ħaten Mullah Mohammed Omar, **(c)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Ahmad Jan Akhunzada Shukoor Akhunzada kien il-membru tat-Taliban inkarigat mill-Provinċja ta' Uruzgan fil-bidu tal-2007.

(24) **Mohammad Eshaq Akhunzada** (magħruf ukoll bħala Mohammad Ishaq Akhund).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Laghman (l-Afganistan) taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1963 u l-1968. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Andar, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Fl-2008, Mohammad Eshaq Akhunzada kien il-kmandant provinċjali tat-Taliban għall-Provinċja ta' Ghazni, l-Afghanistan, u kien għadu attiv fil-provinċja fl-2011.

(25) **Agha Jan Alizai** (magħruf ukoll bħala (a) Haji Agha Jan Alizai **(b)** Hajji Agha Jan **(c)** Agha Jan Alazai **(d)** Haji Loi Lala **(e)** Loi Agha).

**Titlu:** Haji. **Data tat-twelid:** **(a)** 15.10.1963, **(b)** 14.2.1973, **(c)** 1967, **(d)** Bejn wieħed u ieħor 1957. **Post tat-twelid:** (a) Ir-raħal ta' Hitemchai, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan, **(b)** Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** (a) Mexxa netwerk ta' traffikar tad-droga f'Helmand, l-Afganistan, **(b)** Ivvjaġġa regolarment lejn il-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 4.11.2010.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Agha Jan Alizai mexxa waħda mill-ikbar netwerks ta' traffikar tad-drogi f'Helmand, l-Afganistan, u pprovda fondi għat-Taliban bi skambju għall-protezzjoni tal-attivitajiet tiegħu ta' traffikar ta' narkotiċi. Fl-2008, grupp ta' traffikanti ta' narkotiċi, inkluż Alizai, qabel li jħallas it-taxxa tat-Taliban fuq l-art fejn kien jinżergħa l-peprin xaħxieħi bi skambju għall-qbil mit-Taliban li jiġi organizzat it-trasport għal materjali narkotiċi.

It-Taliban qablu wkoll li jipprovdu s-sigurtà għat-traffikanti tan-narkotiċi u s-siti ta' ħżin tagħhom, filwaqt li t-traffikanti jipprovdu kenn u trasport għall-ġellieda Talibani. Alizai kien involut ukoll fix-xiri ta' armi għat-Taliban u vvjaġġa regolarment lejn il-Pakistan biex jiltaqa' ma' mexxejja anzjani tat-Taliban. Alizai ffaċilita wkoll l-akkwist ta' passaporti foloz Iranjani minn membri tat-Taliban sabiex jivvjaġġaw lejn l-Iran għat-taħriġ. Fl-2009, Alizai ipprovda passaport u fondi lil kmandant tat-Taliban biex jivvjaġġa lejn l-Iran.

(26) **Allah Dad Mati** (magħruf ukoll bħala **(a)** Allahdad, **(b)** Shahidwror, **(c)** Akhund).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Ministru tal-Iżvilupp Urban taħt ir-reġim tat-Taliban, **(b)** President tal-Bank Ċentrali (Da Afghanistan Bank) taħt ir-reġim tat-Taliban, **(c)** Kap tal-Ariana Afghan Airlines taħt ir-reġim tat-Taliban **Data tat-twelid:** **(a)** Bejn wieħed u ieħor 1953, **(b)** Bejn wieħed u ieħor 1960. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Tilef sieq fi splużjoni ta' mina, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Nurzai. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Allahdad, membru tat-tribù Nurzai minn Spin Boldak, inħatar Ministru tal-Kostruzzjoni u d-Djar wara li kellu karigi oħra fiċ-ċivil taħt ir-reġim tat-Taliban.

(27) **Aminullah Amin Quddus** (magħruf ukoll bħala **(a)** Muhammad Yusuf **(b)** Aminullah Amin).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Saripul (l-Afganistan) taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1973. **Post tat-twelid:** Ir-raħal ta' Loy Karez, Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban fl-2011, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Nurzai. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(28) **Mohammad Sadiq Amir Mohammad**.

**Titlu:** **(a)** Alhaj, **(b)** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Kap tal-Aġenzija tal-Kummerċ Afgan, Peshawar, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** 1934. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** SE 011252 (passaport Afgan). **Informazzjoni oħra:** Irrappurtat deċedut. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Mohammad Sadiq Amir Mohammad kien membru tal-Majlis-ash-Shura ġdida rrappurtata li tħabbret minn Mohammed Omar f'Ottubru 2006.

(29) **Muhammad Taher Anwari** (magħruf ukoll bħala **(a)** Mohammad Taher Anwari, **(b)** Muhammad Tahir Anwari, **(c)** Mohammad Tahre Anwari).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Direttur tal-Affarijiet Amministrattivi taħt ir-reġim tat-Taliban, **(b)** Ministru tal-Finanzi taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1961. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Zurmat, Provinċja ta' Paktia, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Jappartjeni għat-tribù Andar. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Il-kariga ta' Muhammad Taher Anwari bħala Direttur tal-Affarijiet Amministrattivi kienet taqa' taħt il-Kunsill tal-Ministri tar-reġim tat-Taliban, li kien l-ogħla livell fil-ġerarkija Talibana. Kien ukoll Ministru tal-Finanzi tar-reġim tat-Taliban.

Kien ukoll jikteb diskorsi għall-Mexxej Suprem tat-Taliban Mohammed Omar (TI.O.4.01).

(30) **Arefullah Aref**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Viċi Ministru tal-Finanzi taħt ir-reġim Taliban, **(b)** Gvernatur tal-Provinċja Ghazni taħt ir-reġim Taliban, **(c)** Gvernatur tal-Provinċja Paktia taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1958. **Post tat-twelid:** **(a)** Distrett ta' Zurmat, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan, **(b)** Distrett ta' Andar, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** (a) Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Andar **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

(31) **Sayed Esmatullah Asem** (magħruf ukoll bħala **(a)** Esmatullah Asem **(b)** Asmatullah Asem).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** (a) Viċi Ministru tal-Prevenzjoni tal-Vizzji u l-Propagazzjoni tal-Virtù taħt ir-reġim tat-Taliban, **(b)** Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà Afgana tan-Nofs Qamar Aħmar (ARCS) taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1967. **Post tat-twelid:** Qalayi Shaikh, Distrett ta' Chaparhar, Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'Mejju 2007, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Membru tax-Shura tat-Taliban f'Peshawar, **(d)** Responsabbli għal attivitajiet Talibani Afgani f'Żoni Tribali taħt Ammistrazzjoni Federali, il-Pakistan, fl-2008. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Fil-mument meta ddaħħal fil-lista, Sayed Esmatullah Asem kien ukoll is-Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà Afgana tan-Nofs Qamar Aħmar (ARCS) taħt ir-reġim tat-Taliban. Minn Mejju 2007, sar membru tat-tmexxija tat-Taliban. Kien ukoll membru ta' Kunsill reġjonali tat-Taliban fl-2009.

Sayed Esmatullah Asem kien il-kmandant ta' grupp ta' ġellieda Talibani fid-Distrett ta' Chaparhar, fil-Provinċja ta' Nangarhar, l-Afghanistan. Huwa kien kmandant tat-Taliban fil-Provinċja ta' Konar li, fl-2007, baghat attakki suwiċidi lejn diversi provinċji fil-Lvant tal-Afganistan.

Lejn tmiem l-2008, Sayed Esmatullah Asem kien inkarigat minn bażi tat-taħriġ tat-Taliban fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan.

(32) **Atiqullah**.

**Titlu:** **(a)** Haji, **(b)** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi taħt ir-reġim tat-Taliban. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kummissjoni Politika tal-Kunsill Suprem tat-Taliban fl-2010, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Kakar. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Wara li Kabul inqabdet mit-Taliban fl-1996, Atiqullah inħatar għal kariga f'Kandahar. Fl-1999 jew l-2000, huwa nħatar l-Ewwel Viċi Ministru tal-Agrikoltura, imbagħad Viċi Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi fir-reġim tat-Taliban.

Wara l-waqgħa tar-reġim tat-Taliban, Atiqullah sar uffiċjal tal-operazzjonijiet tat-Taliban fin-Nofsinhar tal-Afganistan. Fl-2008, huwa sar viċi tal-Gvernatur Taliban tal-Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan.

(33) **Azizirahman Abdul Ahad**

**Titlu:** Sur **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** It-Tielet Segretarju, l-Ambaxxata tat-Taliban, Abu Dhabi, l-Emirati Gharab Magħquda. **Data tat-twelid:** 1972. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Shega, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** 44323 (karta ta' identifikazzjoni nazzjonali Afgana (tazkira)). **Informazzjoni oħra:** Jappartjeni għat-tribù Hotak. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(34) **Abdul Ghani Baradar Abdul Ahmad Turk** (magħruf ukoll bħala **(a)** Mullah Baradar Akhund **(b)** Abdul Ghani Baradar).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tad-Difiża taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid:** Ir-raħal ta' Yatimak, Distrett ta' Dehrawood, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Arrestat fi Frar 2010 u miżmum taħt kustodja fil-Pakistan, **(b)** Talba għall-estradizzjoni lejn l-Afganistan pendenti fil-Qorti Superjuri ta' Lahore, il-Pakistan, f'Ġunju 2011, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Popalzai, **(d)** Kmandant militari anzjan tat-Taliban u membru tal-"Quetta Council" f'Mejju 2007. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Abdul Ghani Baradar kien kmandant militari anzjan tat-Taliban u membru tat-tmexxija tat-Taliban fi Frar 2010.

Bħala l-Viċi Ministru tad-Difiża tat-Taliban, kien meqjus bħala wieħed mill-viċi ta' Mohammed Omar (TI.O.4.01) u mexxa t-taqsima tal-affarijiet militari tat-Taliban.

Huwa kien membru prinċipali tan-netwerk tat-Taliban u organizza operazzjonijiet Talibani kontra l-Gvern Afgan u l-Forza Internazzjonali ta' Assistenza għas-Sigurtà f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Ministru tad-Difiża tat-Taliban, Ubaidullah Akhund (TI.A.22.01).

(35) **Shahabuddin Delawar**

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi tal-Qorti Superjuri taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** **(a)** 1957, **(b)** 1953. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Logar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Viċi Kap tal-Ambaxxata tat-Taliban f'Riyadh, l-Arabja Sawdija, sal-25 ta' Settembru 1998, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(36) **Dost Mohammad** (magħruf ukoll bħala Doost Mohammad)

**Titlu:** **(a)** Mullah, **(b)** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Ghazni taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1968 u l-1973. **Post tat-twelid:** Ir-raħal ta' Nawi Deh, Distrett ta' Daman, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Assoċjat ma' Mullah Jalil Haqqani, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Popalzai. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Dost Mohammad inħatar ukoll mit-tmexxija tat-Taliban biex ikun inkarigat mill-operazzjonijiet militari f'Angora, fil-provinċja ta' Nuristan fl-Afganistan.

F'Marzu 2010, Dost Mohammad kien shadow gvernatur Taliban tal-provinċja ta' Nuristan u l-mexxej ta' madrassa li minnha kien jirrekluta ġellieda.

(37) **Mohammad Azam Elmi** (magħruf ukoll bħala Muhammad Azami).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Minjieri u l-Industriji taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Sayd Karam, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** irrappurtat deċedut fl-2005. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(38) **Faiz**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Kap tad-Dipartiment tal-Informazzjoni, Ministeru tal-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1969. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(39) **Rustum Hanafi Habibullah** (magħruf ukoll bħala **(a)** Rostam Nuristani **(b)** Hanafi Sahib).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1963. **Post tat-twelid:** Dara Kolum, Distrett ta' Do Aab, Provinċja ta' Nuristan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Nuristan, l-Afganistan, f'Mejju 2007, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Nuristani. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(40) **Gul Ahmad Hakimi**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Attaché Kummerċjali, Konsulat Ġenerali tat-Taliban, Karachi, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** 1964. **Post tat-twelid:** **(a)** Provinċja ta' Logar, l-Afganistan, **(b)** Provinċja ta' Kabul, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Gul Ahmad Hakimi kien ukoll id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment għall-Edukazzjoni Sekondarja tal-Ministeru tal-Edukazzjoni f'Kabul tar-reġim tat-Taliban qabel ma ntbagħat f'Karachi fl-1996.

(41) **Abdullah Hamad Mohammad Karim** (magħruf ukoll bħala al-Hammad)

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Konslu Ġenerali, Konsulat Ġenerali tat-Taliban, Quetta, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** 1972. **Post tat-twelid:** ir-raħal ta' Darweshan, iż-żona Hazar Juft, Distrett ta' Garmser, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-passaport:** D 000857 (maħruġ fl-20.11.1997). **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** 300786 (karta ta' identifikazzjoni nazzjonali Afgana (tazkira)). **Informazzjoni oħra:** **(a)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(b)** Jappartjeni għall-grupp etniku Baloch. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(42) **Hamdullah Allah Noor**

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Attaché tar-Ripatrijazzjoni, Konsulat Ġenerali tat-Taliban, Quetta, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** 1973. **Post tat-twelid:** Distrett Numru 6, il-Belt ta' Kandahar, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** 4414 (karta ta' identifikazzjoni Afgana (tazkira)). **Informazzjoni oħra:** **(a)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(b)** Jappartjeni għall-grupp etniku Baloch. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(43) **Zabihullah Hamidi** (magħruf ukoll bħala Taj Mir)

**Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Edukazzjoni Gholja taħt ir-reġim tat-Taliban. **Post tat-twelid:** Ir-raħal ta' Payeen Bagh, Distrett ta' Kahmard, Provinċja ta' Bamyan, l-Afganistan. **Indirizz:** Iż-żona ta' Dashti Shor, Mazari Sharif, Provinċja ta' Balkh, l-Afganistan **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(44) **Din Mohammad Hanif** (magħruf ukoll bħala Qari Din Mohammad).

**Titlu:** Qari. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Ministru tal-Ippjanar taħt ir-reġim tat-Taliban, **(b)** Ministru tal-Edukazzjoni Gholja taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1955. **Post tat-twelid:** Ir-raħal ta' Shakarlab, Distrett ta' Yaftali Pain, Provinċja ta' Badakhshan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban responsabbli għall-provinċji ta' Takhar u Badakhshan; **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(45) **Abdul Jalil Haqqani** (magħruf ukoll bħala (**a**) Abdul Jalil Akhund (**b**) Mullah Akhtar (**c**) Nazar Jan)

**Titlu:** (**a**) Maulavi, (**b**) Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1963. **Post tat-twelid:** (**a**) Distrett ta' Arghandaab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, (**b**) Belt ta' Kandahar, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Numru tal-Passaport:** OR 1961825 (maħruġ taħt l-isem Mullah Akhtar, passaport maħruġ fl-4 ta' Frar 2003 mill-Konsulat Afgan fi Quetta, il-Pakistan, skada 2 ta' Frar 2006). **Informazzjoni oħra:** (**a**) Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, (**b**) Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban minn Mejju 2007, (**c**) Membru tal-Kummissjoni Finanzjarja tal-Kunsill tat-Taliban. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(46) **Badruddin Haqqani** (magħruf ukoll bħala Atiqullah).

**Indirizz:** Miram Shah, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1975-1979. **Informazzjoni oħra:** (**a**) kmandant tal-operazzjonijiet tan-Netwerk ta' Haqqani u membru tax-shura tat-Taliban f'Miram Shah, (**b**) għen fit-tmexxija ta' attakki kontra miri fix-Xlokk tal-Afganistan, (**c**) iben Jalaluddin Haqqani, ħu Sirajuddin Jallaloudine Haqqani u Nasiruddin Haqqani, in-neputi ta' Khalil Ahmed Haqqani. **Data tan-nomina min-NU:** 11.5.2011.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Badruddin Haqqani huwa l-kmandant tal-operazzjonijiet għan-Netwerk ta' Haqqani, grupp ta' militanti affiljati mat-Taliban li jopera mill-Aġenzija tat-Tramuntana tal-Waziristan fiż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan. In-Netwerk ta' Haqqani jinsab fuq il-quddiem nett tal-attivitajiet ta' ribelljoni fl-Afganistan, responsabbli għal bosta attakki ta' profil għoli. It-tmexxija tan-Netwerk ta' Haqqani hija magħmula mit-tliet ulied subien il-kbar tal-fundatur tiegħu Jalaluddin Haqqani, li ngħaqad mar-reġim tat-Taliban ta' Mullah Mohammed Omar f'nofs is-snin 90. Badruddin huwa iben Jalaluddin u ħu Nasiruddin Haqqani u Sirajuddin Haqqani, kif ukoll in-neputi ta' Khalil Ahmed Haqqani.

Badruddin jgħin fit-tmexxija tar-ribelli assoċjati mat-Taliban u l-ġellieda barranin fl-attakki kontra miri fix-Xlokk tal-Afganistan. Badruddin ipoġġi fuq ix-shura tat-Taliban f'Miram Shah, li għandha awtorità fuq l-attivitajiet tan-Netwerk ta' Haqqani.

Huwa maħsub ukoll li Badruddin huwa responsabbli għall-ħtif ta' nies għan-Netwerk ta' Haqqani. Huwa kien responsabbli għall-ħtif ta' bosta Afgani u ċittadini barranin fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan.

(47) **Ezatullah Haqqani Khan Sayyid** (magħruf ukoll bħala Ezatullah Haqqani).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Ippjanar taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1957. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Alingar, Provinċja ta' Laghman, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** (**a**) Membru tax-Shura tat-Taliban f'Peshawar mill-2008, (**b**) Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Ezatullah Haqqani kien oriġinarjament jidher fuq il-lista bħala Maulavi Ezatullah fit-23 ta' Frar 2001. Iż-żieda ta' "Haqqani" fuq il-lista saret fis-27 ta' Settembru 2007.

Mill-2009, Ezatullah Haqqani kien membru ta' Kunsill reġjonali tat-Taliban.

(48) **Jalaluddin Haqqani** (magħruf ukoll bħala (**a**) Jalaluddin **Haqani,** (**b**) Jallalouddin **Haqqani,** (**c**) Jallalouddine Haqani).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tal-Affarijiet tal-Fruntieri taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** (**a**) Bejn wieħed u ieħor 1942; (**b**) Bejn wieħed u ieħor 1948. **Post tat-twelid:** (**a**) żona ta' Garda Saray, Distrett ta' Waza Zadran, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan; (**b**) Distrett ta' Neka, Provinċja ta' Paktika, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** (**a**) Missier Sirajuddin Jallaloudine Haqqani; Nasiruddin Haqqani u Badruddin Haqqani; (**b** Ħu Mohammad Ibrahim Omari u Khalil Ahmed Haqqani; (**c**) Mexxej attiv tat-Taliban, (**d**) Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, (**e**) Kap tax-Shura tat-Taliban f'Miram Shah fl-2008, (**f**) Jappartjeni għat-tribù Zadran. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Jalaluddin Haqqani għandu relazzjonijiet mill-qrib ma' Usama bin Laden u Mohammed Omar. Huwa missier Sirajuddin Jallaloudine Haqqani u mexxej attiv tat-Taliban. Jalaluddin Haqqani kien ukoll il-kollegament bejn Al-Qaida u t-Taliban fl-2007. Huwa kien il-President tal-"Kunsill Miram Shah" tat-Taliban f'Ġunju 2008.

Kien oriġinarjament kmandant għall-Partit Iżlamiku Mwalawi Hezbi fil-provinċji ta' Khost, Paktika u Paktia. Aktar tard ingħaqad mat-Taliban u nħatar Ministru tal-Affarijiet tal-Fruntieri. Wara l-waqa' tar-reġim tat-Taliban, flimkien ma' elementi tat-Taliban u ta' Al-Qaida, huwa ħarab lejn it-tramuntana tal-Waziristan u beda' jerġa' jgħaqqad il-milizzji tiegħu għall-ġlieda kontra l-Gvern tal-Afganistan.

Haqqani ġie akkużat bl-involviment fl-attakki bil-bombi kontra l-Ambaxxata Indjana f'Kabul fl-2008 u bit-tentattiv tal-assassinju tal-President Karzai matul parata militari f'Kabul aktar kmieni l-istess sena. Haqqani kien ukoll implikat f'attakk fuq bini ministerjali f'Kabul fi Frar 2009.

(49) **Khalil Ahmed Haqqani** (magħruf ukoll bħala **(a)** Khalil Al-Rahman Haqqani, **(b)** Khalil ur Rahman Haqqani, **(c)** Khaleel Haqqani).

**Titlu:** Haji. **Indirizz:** **(a)** Peshawar, il-Pakistan; **(b)** Qrib Dergey Manday Madrasa fir-Raħal ta' Dergey Manday, qrib Miram Shah, Aġenzija tat-Tramuntana tal-Waziristan (NWA), Żoni Tribali Amministrati Federalment (FATA), il-Pakistan, **(c)** Raħal ta' Kayla qrib Miram Shah, Aġenzija tat-Tramuntana tal-Waziristan (NWA), Żoni Tribali Amministrati Federalment (FATA), il-Pakistan; **(d)** Raħal ta' Sarana Zadran, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Data tat-twelid:** **(a)** 1.1.1966, **(b)** bejn l-1958 u l-1964. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru anzjan tan-Netwerk ta' Haqqani, li jopera mit-Tramuntana tal-Waziristan fiż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan, **(b)** Qabel kien ivvjaġġa lejn, u ġabar fondi f'Dubai, Emirati Għarab Magħquda, **(c)** Ħu Jalaluddin Haqqani u ziju ta' Sirajuddin Jallaloudine Haqqani. **Data tan-nomina min-NU:** 9.2.2011.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Khalil Ahmed Haqqani huwa membru anzjan tan-Netwerk ta' Haqqani, grupp ta' militanti affiljati mat-Taliban li topera mill-Aġenzija tat-Tramuntana tal-Waziristan fiż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan. In-Netwerk ta' Haqqani, li jinsab fuq il-quddiem nett tal-attivitajiet ta' ribelljoni fl-Afganistan, twaqqaf minn ħu Khalil Haqqani, Jalaluddin Haqqani (TI.H.40.01.), li ngħaqad mar-reġim tat-Taliban ta' Mullah Mohammed Omar f'nofs is-snin 90.

Khalil Haqqani jieħu sehem f'attivitajiet ta' ġbir ta' fondi f'isem it-Taliban u n-Netwerk ta' Haqqani, u ta' spiss jivvjaġġa barra mill-pajjiż biex jiltaqa' ma' persuni li jagħtu appoġġ finanzjarju. Minn Settembru 2009, Khalil Haqqani vvjaġġa lejn l-istati tal-Golf u ġabar fondi minn sorsi hemmhekk, kif ukoll minn sorsi fin-Nofsinhar u fil-Lvant tal-Asja.

Khalil Haqqani jipprovdi wkoll appoġġ lit-Taliban u lin-Netwerk ta' Haqqani li joperaw fl-Afganistan. Minn kmieni fl-2010, Khalil Haqqani pprovda fondi lil ċelloli tat-Taliban fil-Provinċja ta' Logar, l-Afganistan. Fl-2009, Khalil Haqqani pprovda u kkontrolla madwar 160 kumbattenti fil-Provinċja ta' Logar, l-Afganistan, u kien wieħed minn diversi persuni responsabbli għad-detenzjoni ta' priġunieri għedewwa maqbuda mit-Taliban u min-Netwerk ta' Haqqani. Khalil Haqqani ħa ordnijiet għal operazzjonijiet tat-Taliban minn Sirajuddin Haqqani, in-neputi tiegħu.

Khalil Haqqani aġixxa wkoll f'isem Al-Qaida u kellu konnessjoni mal-operazzjonijiet militari tagħha. Fl-2002, Khalil Haqqani skjera persunal biex issaħħu elementi ta' Al-Qaida fil-Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan.

(50) **Mohammad Moslim Haqqani Muhammadi Gul** (magħruf ukoll bħala Moslim **Haqqani**).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Viċi Ministru tal-Haj u tal-Affarijiet Reliġjużi taħt ir-reġim tat-Taliban, **(b)** Viċi Ministru tal-Edukazzjoni Għolja taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** 1965. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Gorgan, Distrett ta' Pul-e-Khumri, Provinċja ta' Baghlan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** 1136 (karta ta' identifikazzjoni nazzjonali Afgana (tazkira)). **Informazzjoni oħra:** **(a)** Pashtun Etniku mill-Provinċja ta' Baghlan, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Mohammad Moslim Haqqani kien ukoll Viċi Ministru tal-Edukazzjoni Għolja tar-reġim tat-Taliban. Din in-nomina żdiedet mal-Lista fit-18 ta' Lulju 2007.

(51) **Mohammad Salim Haqqani**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Prevenzjoni tal-Vizzji u l-Propagazzjoni tal-Virtù taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1966-1967. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Alingar, Provinċja ta' Laghman, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Viċi Kmandant ta' Ezatullah Haqqani Khan Sayyid f'Mar. 2010, **(b)** Membru tal-Kunsill Militari tat-Taliban f'Peshawar f'Ġunju 2010, **(c)** Jappartjeni għall-grupp etniku Pashai. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Fl-2006, Mohammad Salim Haqqani kien membru ta' kunsill tat-Taliban li ppjana attakki kontra l-forzi tal-gvern Afgan fil-Provinċja ta' Laghman, l-Afganistan. Huwa kien kmandant tat-Taliban għall-provinċja lejn tmiem l-2004.

(52) **Nasiruddin Haqqani** (magħruf ukoll bħala **(a)** Naseer Haqqani, **(b)** Dr. Naseer Haqqani, **(c)** Nassir Haqqani, **(d)** Nashir Haqqani, **(e)** Naseruddin, **(f)** Dr. Alim Ghair).

**Indirizz:** Pakistan. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1970-1973. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Neka, Provinċja ta' Paktika, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Mexxej tan-Netwerk ta' Haqqani, li jopera mit-Tramuntana tal-Waziristan fiż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan. Iben Jalaluddin Haqqani. Huwa vvjaġġa lejn l-Arabja Sawdija u l-Emirati Għarab Magħquda biex jiġbor fondi għat-Taliban. **Data tan-nomina min-NU:** 20.7.2010.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

In-Netwerk ta' Haqqani huwa grupp ta' militanti affiljati mat-Taliban li jopera mill-Aġenzija tat-Tramuntana tal-Waziristan fiż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan. Huwa jinsab fuq il-quddiem nett tal-attivitajiet ta' ribelljoni fl-Afganistan, responsabbli għal bosta attakki ta' profil għoli. It-tmexxija tan-Netwerk ta' Haqqani hija magħmula mit-tliet ulied subien il-kbar ta' Jalaluddin Haqqani, li wieħed minnhom huwa Nasiruddin Haqqani.

Nasiruddin Haqqani jaħdem bħala emissarju għan-Netwerk ta' Haqqani u jqatta' bosta mill-ħin tiegħu jiġbor il-fondi. Fl-2004, Haqqani vvjaġġa lejn l-Arabja Sawdija ma' assoċjat tat-Taliban biex jiġbor fondi għat-Taliban. Huwa pprovda wkoll fondi fl-2004 lil militanti fl-Afganistan sabiex jiġu mfixkla l-elezzjonijiet presidenzjali Afgani. Mill-inqas bejn l-2005 u l-2008, Nasiruddin Haqqani ġabar fondi għan-Netwerk ta' Haqqani permezz ta' diversi vjaġġi għall-ġbir ta' fondi, inkluż matul vjaġġi regolari lejn l-Emirati Għarab Magħquda fl-2007 u permezz ta' vjaġġ ieħor għall-ġbir ta' fondi lejn stat ieħor tal-Golf fl-2008. Minn nofs l-2007, Haqqani kellu allegatament tliet sorsi prinċipali ta' finanzjament: donazzjonijiet mir-reġjun tal-Golf, traffikar ta' drogi, u ħlasijiet minn Al-Qaida. Lejn tmiem l-2009, Nasiruddin Haqqani rċieva bosta mijiet ta' eluf ta' dollari minn individwi assoċjati ma' Al-Qaida fil-Peniżola Għarbija sabiex dawn jintużaw għall-attivitajiet tan-Netwerk ta' Haqqani.

(53) **Sayyed Mohammed Haqqani** (magħruf ukoll bħala Sayyed Mohammad Haqqani).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Direttur tal-Affarijiet Amministrattivi taħt ir-reġim tat-Taliban, (b) Kap tal-Informazzjoni u l-Kultura fil-Provinċja ta' Kandahar taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1965. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Chaharbagh, Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Gradwat tal-Madrrassa ta' Haqqanija f'Akora Khattak, il-Pakistan, **(b)** Maħsub li kellu relazzjonijiet mill-qrib mal-mexxej tat-Taliban Mullah Mohammad Omar, **(c)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(d)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'Ġunju 2010, **(e)** Jappartjeni għat-tribù Barakzay. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Sayyed Mohammed Haqqani huwa alleat ma' Gulbbudin Hekmatyar u ilu bosta snin jappoġġa lil Mullah Mohammad Omar. Bħala Direttur tal-Affarijiet Amministrattivi tar-reġim tat-Taliban, huwa ddistribwixxa karti tal-identità Afgani lil barranin marbuta ma' Al-Qaida li ġġieldu fl-Afganistan u ġabar ammont sinifikanti ta' fondi minn għandhom.

Sayyed Mohammed Haqqani ltaqa' diversi drabi ma' Aiman Muhammed Rabi al-Zawahiri u Farhad, is-segretarju ta' Mohammed Omar, fl-2003 u l-2004. Huwa fetaħ ħanut tal-kotba fil-bażar ta' Qissa Khwani, f'Peshawar, il-Pakistan, li kien implikat fil-finanzjament tat-Taliban. Sa Marzu 2009, hu kien għadu mexxej attiv tar-ribelli Talibani.

(54) **Sirajuddin Jallaloudine Haqqani** (magħruf ukoll bħala **(a)** Siraj Haqqani, **(b)** Serajuddin Haqani, **(c)** Siraj Haqani, **(d)** Saraj Haqani, **(e)** Khalifa).

**Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Na'ib Amir (Viċi Kmandant). **Indirizz:** **(a)** Inħawi ta' Kela/inħawi ta' Danda, Miramshah, Tramuntana tal-Waziristan, il-Pakistan; **(b)** Manba'ul uloom Madrasa, Miramshah, Tramuntana tal-Waziristan, il-Pakistan, **(c)** Dergey Manday Madrasa, Miramshah, Tramuntana tal-Waziristan, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1977/1978. **Post tat-twelid:** **(a)** Danda, Miramshah, Tramuntana tal-Waziristan, il-Pakistan, **(b)** Raħal ta' Srana, Distrett ta' Garda Saray, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan, **(c)** Distrett ta' Neka, Provinċja ta' Paktika, l-Afganistan, **(d)** Provinċja ta' Khost, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Mill-2004, kmandant prinċipali tal-operazzjonijiet fir-reġjuni tal-Lvant u n-Nofsinhar tal-Afganistan. **(b)** Iben Jallaloudine Haqani. **(c)** Jappartjeni għat-taqsima tas-Sultan Khel, it-tribù Zardan ta' Garda Saray tal-provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **(d)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 13.9.2007.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Sirajuddin Jallaloudine Haqqani huwa wieħed mill-mexxejja l-aktar prominenti, influwenti, karismatiċi u b'esperjenza fin-netwerk ta' Haqqani, grupp ta' ġellieda b'assoċjazzjoni mill-qrib kemm mat-Taliban kif ukoll ma' Al-Qaida, u kien wieħed mill-kmandanti prinċipali tal-operazzjonijiet tan-netwerk mill-2004.

Ħafna mis-setgħa u l-awtorità ta' Sirajuddin Haqqani ġejja minn missieru, Jalaluddin Haqqani, ex-Ministru tar-reġim tat-Taliban, li kien kmandant militari tat-Taliban u intermedjarju għal Al-Qaida u t-Taliban fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Matul il-kariga tiegħu bħala Ministru tar-reġim tat-Taliban, Jalaluddin Haqqani stabbilixxa rabtiet ferm mill-qrib ma' Al-Qaida.

Sirajuddin Haqqani għandu assoċjazzjonijiet qawwija mat-Taliban, li jipprovdulu finanzjament għall-operazzjonijiet tiegħu. Huwa jirċievi wkoll finanzjament minn diversi gruppi u individwi oħra, inklużi barunijiet tad-droga. Huwa intermedjarju ċentrali għall-operazzjonijiet terroristiċi fl-Afganistan u attivitajiet ta' appoġġ fiż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan. Ir-rabtiet tiegħu mat-Taliban saru pubbliċi f'Mejju 2006 minn Mullah Dadullah, f'dak iż-żmien wieħed mill-ogħla kmandanti militari tat-Taliban, li ddikjara li ħadem ma' Sirajuddin Haqqani u ppjana operazzjonijiet miegħu. Huwa għandu wkoll rabtiet ma' Jaish-i-Mohammed.

Sirajuddin Haqqani huwa attivament involut fl-ippjanar u l-eżekuzzjoni ta' attakki mmirati konta l-Forzi Internazzjonali ta' Assistenza għas-Sigurtà (ISAF), uffiċjali u pajżana Afgani, prinċipalment fir-reġjuni tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-Afganistan. Huwa jirrekluta wkoll u jibgħat regolarment ġellieda fil-Provinċji ta' Khost, Paktia u Paktika fl-Afganistan.

Sirajuddin Haqqani kien involut fl-attakk suwiċida bil-bombi kontra xarabank tal-Akkademja tal-Pulizija f'Kabul fit-18 ta' Ġunju 2007 fejn inqatlu 35 uffiċjal tal-pulizija.

(55) **Abdul Hai Hazem Abdul Qader** (magħruf ukoll bħala Abdul Hai Hazem)

**Titlu:** **(a)** Maulavi, **(b)** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** L-Ewwel Segretarju, Konsulat Ġenerali tat-Taliban, Quetta, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** 1971. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Pashawal Yargatoo, Distrett ta' Andar, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** D 0001203 (Passaport Afgan). **Indirizz:** **(a)** Raħal ta' Iltifat, Distrett ta' Shakardara, Provinċja ta' Kabul, l-Afganistan, **(b)** Żona ta' Puli Charkhi, Distrett Numru 9, Belt ta' Kabul, Provinċja ta' Kabul. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(56) **Hidayatullah** (magħruf ukoll bħala Abu Turab)

**Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Avjazzjoni Ċivili u t-Turiżmu taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Ghilzai. **Data tan-nomina min-NU:** 8.3.2001.

(57) **Abdul Rahman Ahmad Hottak** (magħruf ukoll bħala Hottak Sahib)

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Viċi Ministru (Kulturali) tal-Informazzjoni u l-Kultura taħt ir-reġim tat-Taliban; **(b)** Kap tad-Dipartiment Konsulari tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1957. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan; **(b)** Jappartjeni għat-tribù Hottak. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(58) **Najibullah Haqqani Hidayatullah** (magħruf ukoll bħala Najibullah Haqani)

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Finanzi tar-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** **(a)** Bejn wieħed u ieħor 1964, **(b)** 1969. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Moni, Distrett ta' Shigal, Provinċja ta' Kunar. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Kuġin ta' Moulavi Noor Jalal, **(b)** Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Laghman minn tard fl-2010. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Najibullah Haqqani Hydayetullah kien ukoll Viċi Ministru tal-Finanzi tar-reġim tat-Taliban. Din in-nomina żdiedet mal-Lista fit-18 ta' Lulju 2007. Fis-27 ta' Settembru 2007, dan l-isem fuq il-lista ġie aġġornat biex tneħħiet in-nomina oriġinali ta' "Viċi Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi tar-reġim tat-Taliban".

Najibullah Haqqani Hydayetullah kien membru tal-Kunsill tat-Taliban fil-Provinċja ta' Kunar, l-Afganistan, f'Mejju 2007. Huwa kuġin ta' Noor Jalal.

F'Ġunju 2008, it-tmexxija tat-Taliban ħatritu bħala l-persuna responsabbli għall-attività militari fil-Provinċja ta' Kunar.

(59) **Gul Agha Ishakzai** (magħruf ukoll bħala **(a)** Mullah Gul Agha **(b)** Mullah Gul Agha Akhund **(c)** Hidayatullah **(d)** Haji Hidayatullah **(e)** Hayadatullah)

**Indirizz:** Pakistan. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1972. **Post tat-twelid:** Band-e-Timor, Distrett ta' Maiwand, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru ta' Kunsill tat-Taliban li jikkoordina l-ġbir ta' zakat (taxxa Iżlamika) mill-Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan, **(b)** Kap tal-Kummissjoni Finanzjarja tat-Taliban, **(c)** Assoċjat ma' Mullah Mohammed Omar, **(d)** Kien l-uffiċċjal finanzjarju prinċipali ta' Omar u wieħed mill-konsulenti l-aktar qrib tiegħu, **(e)** Jappartjeni għat-tribù Ishaqzai. **Data tan-nomina min-NU:** 20.7.2010.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Gul Agha Ishakzai huwa l-kap tal-kummissjoni finanzjarja tat-Taliban u jagħmel parti minn kunsill Taliban maħluq reċentement li jikkoordina l-ġbir ta' *zakat* (taxxa Iżlamika) mill-Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan. Huwa ġabar ukoll flus għal attakki suwiċidi f'Kandahar, l-Afganistan, u kien involut fil-ħruġ ta' fondi għal ġellieda Talibani u l-familji tagħhom.

Gul Agha Ishakzai, ħabib tat-tfulija tal-mexxej tat-Taliban Mullah Mohammed Omar, kien l-uffiċjal finanzjarju prinċipali ta' Omar u wieħed mill-konsulenti l-aktar qrib tiegħu. Kien hemm żmien meta ħadd ma kellu l-permess jiltaqa' ma' Mullah Omar mingħajr l-approvazzjoni tiegħu. Huwa għex fil-palazz presidenzjali ma' Omar matul ir-reġim tat-Taliban.

F'Diċembru 2005, Gul Agha Ishakzai ffaċilita l-moviment ta' persuni u merkanzija lejn il-kampijiet ta' taħriġ tat-Taliban; lejn tmiem l-2006 huwa vvjaġġa barra mill-pajjiż biex jikseb partijiet għall-armi.

(60) **Qudratullah Jamal** (magħruf ukoll bħala Haji Sahib).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tal-Informazzjoni taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1963. **Post tat-twelid:** Gardez, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban u membru tal-Kummissjoni Kulturali tat-Taliban fl-2010; **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

F'April 2009, it-tmexxija tat-Taliban ħabbret li Qudratullah Jamal kien ġie nkarigat bħala l-Uffiċjal ta' Kollegament tagħha għas-sostenituri u l-ħbieb tagħha fid-dinja kollha.

(61) **Saleh Mohammad Kakar Akhtar Muhammad** (magħruf ukoll bħala Saleh Mohammad).

**Data tat-twelid:** **(a)** Bejn wieħed u ieħor 1962, **(b)** 1961. **Post tat-twelid:** **(a)** Raħal ta' Nulgham, Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, **(b)** Raħal ta' Sangesar, Distrett ta' Panjway, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Mexxa netwerk organizzata ta' kuntrabandu fil-provinċji ta' Kandahar u Helmand, l-Afganistan, **(b)** Qabel ħaddem laboratorji ta' pproċessar ta' eroina f'Band-e-Timor, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, **(c)** Kien proprjetarju ta' negozju tal-karozzi f'Mirwais Mena, Distrett ta' Dand fil-Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, **(d)** Arrestat fl-2008-2009 u nżamm taħt kustodja fl-Afganistan fl-2011, **(e)** Konness biż-żwieġ ma' Mullah Ubaidullah Akhund, **(f)** Jappartjeni għat-tribù Kakar. **Data tan-nomina min-NU:** 4.11.2010.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Saleh Mohammad Kakar huwa traffikant tan-narkotiċi li mexxa netwerk organizzata ta' kuntrabandu fil-Provinċji ta' Kandahar u Helmand, l-Afganistan, li kienet tissodisfa l-ħtiġijiet loġistiċi u finanzjarji tat-Taliban. Qabel ma ġie arrestat mill-awtoritajiet Afgani, Saleh Mohammad Kakar ħaddem laboratorji ta' pproċessar ta' eroina fl-inħawi ta' Band-e-Timor tal-Provinċja ta' Kandahar, li kienu protetti mit-Taliban.

Kakar kien f'kuntatt ma' mexxejja anzjani tat-Taliban, ġabar flus kontanti f'isimhom mit-traffikanti tan-narkotiċi, u amministra u ħeba flus li kienu jappartjenu lil membri anzjani tat-Taliban. Huwa kien ukoll responsabbli biex jiffaċilita l-ħlasijiet tat-taxxa lit-Taliban f'isem it-traffikanti tan-narkotiċi. Kakar kien proprjetarju ta' negozju tal-karozzi f'Kandahar u pprovda lit-Taliban b'vetturi biex jintużaw f'attakki suwiċidi.

(62) **Rahmatullah Kakazada** (magħruf ukoll bħala **(a)** Rehmatullah, **(b)** Kakazada, **(c)** Mullah Nasir).

**Titlu:** **(a)** Maulavi, **(b)** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Konslu Ġenerali, Konsulat Ġenerali tat-Taliban, Karachi, Pakistan. **Data tat-twelid:** 1968. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Zurmant, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** D 000952 (passaport Afgan maħruġ fis-7.1.1999). **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan, minn Mejju 2007, **(b)** Kap ta' netwerk tal-intelligence, **(c)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(d)** Jappartjeni għat-tribù Suleimankheil. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(63) **Abdul Rauf Khadem** (magħruf ukoll bħala Mullah Abdul Rauf Aliza).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Kmandant tal-Korp Ċentrali taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** **(a)** Bejn l-1958 u l-1963, **(b)** Bejn wieħed u ieħor 1970. **Post tat-twelid:** **(a)** Raħal ta' Azan, Distrett ta' Kajaki, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan, **(b)** Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tax-Shura tat-Taliban fi Quetta fl-2009, **(b)** Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan, fl-2011. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Il-Korpi Ċentrali ġew taħt il-Ministeru tad-Difiża tar-reġim tat-Taliban.

Abdul Rauf Khadem kien il-membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Logar fl-2009.

Abdul Rauf Khadem kien il-kmandant militari ġenerali ta' diversi provinċji fl-Afganistan.

(64) **Khairullah Khairkhwah** (magħruf ukoll bħala **(a)** Mullah Khairullah **Khairkhwah**, **(b)** Khirullah Said Wali **Khairkhwa**).

**Titlu:** **(a)** Maulavi **(b)** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Gvernatur tal-Provinċja ta' Herat (l-Afganistan) taħt ir-reġim tat-Taliban, **(b)** kelliem tar-reġim tat-Taliban, **(c)** Gvernatur tal-Provinċja ta' Kabul taħt ir-reġim tat-Taliban, **(d)** Ministru tal-Affarijiet Interni taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** **(a)** Bejn wieħed u ieħor 1963, **(b)** 1 ta' Jannar 1967. **Post tat-twelid:** **(a)** Distrett ta' Arghistan, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, **(b)** Kandahar **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Miżmum taħt kustodja mill-Istati Uniti tal-Amerika fl-2010, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Popalzai. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(65) Abdul Razaq Akhund Lala Akhund.

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Ministru tal-Affarijiet Interni taħt ir-reġim tat-Taliban, **(b)** Kap tal-pulizija ta' Kabul taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1958. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, fl-inħawi fil-fruntiera mad-Distrett ta' Chaman, Quetta, il-Pakistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'Ġunju 2008, **(b)** Viċi ta' Mullah Mohammed Omar f'Marzu 2010, **(c)** Involut fit-traffikar ta' drogi, **(d)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(66) Jan Mohmmad Madani.

**Titlu:** Sur **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Chargé d'Affaires, Ambaxxata Talibana, Abu Dhabi, l-Emirati Gharab Magħquda. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(67) **Zia-ur-Rahman Madani** (magħruf ukoll bħala **(a)** Ziaurrahman **Madani** **(b)** Zaia u Rahman **Madani** **(c)** **Madani** Saheb **(d)** Diya' al-Rahman Madani)

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Logar (l-Afganistan) taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1960. **Post tat-twelid:** Taliqan, Provinċja ta' Takhar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Involut fit-traffikar ta' drogi, **(b)** Membru tat-Taliban responsabbli għal affarijiet militari fil-provinċja ta' Takhar, l-Afganistan, minn Mejju 2007, **(c)** Iffaċilita l-ġbir ta' fondi fil-Golf f'isem it-Taliban mill-2003, **(d)** Iffaċilita wkoll laqgħat bejn uffiċċjali tat-Taliban u persuni għonja li jagħtu appoġġ u għamel arranġamenti biex aktar minn tnax-il individwu jivvjaġġaw lejn Kabul, l-Afganistan, għal attakki suwiċidi, **(e)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(68) **Abdul Latif Mansur** (magħruf ukoll bħala **(a)** Abdul Latif **Mansoor** **(b)** Wali Mohammad)

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tal-Agrikoltura taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid:** **(a)** Distrett ta' Zurmat, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan, **(b)** Distrett ta' Garda Saray, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tax-Shura tat-Taliban f'Miram Shah minn Mejju 2007, **(b)** Membru tal-Qorti Suprema tat-Taliban u Kap tal-Kummissjoni Politika tal-Kunsill fl-2009, **(c)** Kmandant tat-Taliban fil-Lvant tal-Afganistan mill-2010, **(d)** Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Nangarhar, l-Afghanistan minn tard fl-2009, **(e)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(f)** Jappartjeni għat-tribù Sahak (Ghilzai). **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Abdul Latif Mansur kien membru tal-"Kunsill Miram Shah" tat-Taliban f'Mejju 2007. Huwa kien ix-shadow governor tat-Taliban tal-provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan, fl-2009 u l-Kap tal-kummissjoni politika tat-Taliban min-nofs l-2009. F'Mejju 2010, Abdul Latif Mansur kien kmandant anzjan tat-Taliban fil-Lvant tal-Afganistan.

(69) **Mohammadullah Mati** (magħruf ukoll bħala Mawlawi Nanai).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tax-Xogħolijiet Pubbliċi taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1961. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Tilef sieq waħda fis-snin 80, **(b)** Kap interim tal-Kunsill Suprem tat-Taliban minn Frar sa April 2010, **(c)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(d)** Jappartjeni għat-tribù Isakzai. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Mohammadullah Mati kien ukoll Ministru tal-Komunikazzjoni tar-reġim tat-Taliban taħt l-isem "Ahmadullah Mutie".

(70) **Matiullah**.

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Direttur, Dwana ta' Kabul taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1973. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Daman, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan; **(b)** Jappartjeni għat-tribù Popalzai. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(71) **Abdul Quddus Mazhari** ( magħruf ukoll bħala Akhtar Mohammad Maz-hari).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Attaché tal-Edukazzjoni, Konsulat Ġenerali tat-Taliban, Peshawar, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** 1970. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Kunduz, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Indirizz:** Kushal Khan Mena, Distrett Nru 5, Kabul, l-Afganistan. **Nru tal-Passaport:** SE 012820 (passaport Afgan maħruġ fl-4.11.2000). **Informazzjoni oħra:** Jappartjeni għat-tribù Popalzai. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(72) **Fazl Mohammad Mazloom** (magħruf ukoll bħala **(a)** Molah Fazl, **(b)** Fazel Mohammad Mazloom).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Kap tal-Persunal tal-Armata tar-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1963 u l-1968. **Post tat-twelid:** Uruzgan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Fazl Mohammed Mazloom kien assoċjat qrib ta' Mohammed Omar u għenu jistabbilixxi l-Gvern tat-Taliban. Mazloom kien fil-kamp ta' taħrig ta' Al-Farouq stabbilit minn Al-Qaida. Huwa kellu għarfien li t-Taliban ipprovda għajnuna lill-Moviment Iżlamiku tal-Uzbekistan fil-forma ta' appoġġ finanzjarju, armi u appoġġ loġistiku bi skambju għall-forniment ta' suldati lit-Taliban.

Huwa kien kmandant ta' madwar 3,000 suldat Taliban front-line fil-provinċja ta' Takhar f'Ottubru 2001.

(73) **Nazar Mohammad**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-provinċja ta' Kunduz (l-Afganistan) taħt ir-reġim tat-Taliban. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(74) **Mohammad Homayoon Mohammad Yonus Kohistani** (magħruf ukoll bħala Mohammad Homayoon Kohistani).

**Titlu:** Inġinier. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Ilma u d-Dawl taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** 1 ta' Frar 1958. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Kohistan, Provinċja ta' Kapisa, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** 446963 (karta ta' identifikazzjoni nazzjonali Afgana (tazkira)). **Indirizz:** It-Tmien Triq, Żona Taymani, Distrett Nru 4, Kabul, l-Afganistan. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(75) **Mohammad Shafiq Mohammadi**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Gvernatur tal-Provinċja ta' Khost (l-Afganistan) taħt ir-reġim tat-Taliban, **(b)** Gvernatur Ġenerali tal-Provinċji ta' Paktia, Paktika, Khost u Ghazni taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1948. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Tirin Kot, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:(a)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Hottak. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(76) **Abdul Kabir Mohammad Jan** (magħruf ukoll bħala A. Kabir).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** It-Tieni Viċi, Affarijiet Ekonomiċi, il-Kunsill taħt il-Ministri tar-reġim tat-Taliban, **(b)** Gvernatur tal-Provinċja ta' Nangarhar taħt ir-reġim tat-Taliban, **(c)** Kap taż-Żona tal-Lvant taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1963. **Post tat-twelid:** **(a)** Distrett ta' Pul-e-Khumri jew Baghlan Jadid, Provinċja ta' Baghlan, l-Afganistan, **(b)** Distrett ta' Neka, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Attiv f'operazzjonijiet terroristiċi fil-Lvant tal-Afganistan, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Zadran. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Abdul Kabir Mohammad Jan kien membru tal-kunsill għoli tat-tmexxija tat-Taliban kif imħabbar minn Mohammed Omar f'Ottubru 2006, u kien maħtur kmandant militari taż-żona tal-Lvant f'Ottubru 2007

(77) **Mohammad Rasul Ayyub** (magħruf ukoll bħala Gurg).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Nimroz (l-Afganistan) taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1958 u l-1963. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Robat, Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tax-Shura tat-Taliban fi Quetta, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Nurzay. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(78) Mohammad Wali.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru fil-Ministeru tal-Prevenzjoni tal-Vizzji u l-Propagazzjoni tal-Virtù taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1965. **Post tat-twelid:** **(a)** Raħal ta' Jelawur, Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan; **(b)** Raħal ta' Siyachoy, Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Irrappurtat deċedut, **(b)** Kien jappartjeni għat-tribù Ghilzai. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Fil-pożizzjoni tiegħu fil-Ministeru tal-Prevenzjoni tal-Vizzji u l-Propagazzjoni tal-Virtù taħt ir-reġim tat-Taliban, Mohammad Wali ta' spiss uża t-tortura u mezzi oħra biex jintimida l-popolazzjoni. Mohammad Wali għadu attiv fit-Taliban fil-Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, wara l-waqgħa tar-reġim tat-Taliban.

(79) **Mohammad Yaqoub**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Kap tal-Aġenzija tal-Informazzjoni Bakhtar (BIA) taħt ir-reġim tat-Taliban. **Post tat-twelid:** **(a)** Distrett ta' Shahjoi, Provinċja ta' Zabul, l-Afganistan **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kummissjoni Kulturali tat-Taliban, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Kharoti. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Mill-2009, Mohammad Yaqoub kien membru prinċipali tat-Taliban fid-distrett ta' Yousef Khel fil-provinċja ta' Paktika.

(80) **Amir Khan Motaqi** (magħruf ukoll bħala Amir Khan Muttaqi).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Ministru tal-Edukazzjoni taħt ir-reġim tat-Taliban, **(b)** Rappreżentant tat-Taliban f'taħditiet immexxija min-NU taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid:** **(a)** Distrett ta' Zurmat, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan **(b)** Raħal ta' Shin Kalai, Distrett ta' Nad-e-Ali, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'Ġunju 2007, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Sulaimankhel. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Amir Khan Motaqi kien ukoll rappreżentant tat-Taliban f'taħditiet immexxija min-Nazzjonijiet Uniti matul ir-reġim tat-Taliban.

Amir Khan Motaqi huwa kkunsidrat bħala membru prominenti tat-Taliban u kien ukoll Ministru tal-Informazzjoni u l-Kultura matul ir-reġim tat-Taliban. Amir Khan Motaqi kien membru ta' Kunsill reġjonali tat-Taliban f'Ġunju 2007.

(81) **Abdulhai Motmaen**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Direttur tad-Dipartiment tal-Informazzjoni u l-Kultura fil-Provinċja ta' Kandahar taħt ir-reġim tat-Taliban, **(b)** Kelliem tar-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1973. **Post tat-twelid:** **(a)** Raħal ta' Shinkalai, Distrett ta' Nad-e-Ali, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan; **(b)** Provinċja ta' Zabul, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban u kelliem għal Mullah Mohammed Omar minn Ġunju 2007, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Kharoti. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Abdulhai Motmaen kien il-kelliem anzjan għat-Taliban u kien iwassal dikjarazzjonijiet tat-Talibani dwar il-politika barranija. Huwa kien ukoll assoċjat qrib ta' Mohammed Omar.

(82) **Allah Dad Tayeb Wali Muhammad** (magħruf ukoll bħala **(a)** Allah Dad Tayyab, **(b)** Allah Dad Tabeeb).

**Titlu:** **(a)** Mullah, **(b)** Haji. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru taħt Komunikazzjoni tar-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1963. **Post tat-twelid:** **(a)** Distrett ta' Ghorak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, **(b)** Distrett ta' Nesh, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Jappartjeni għat-tribù Popalzai. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(83) **Najibullah Muhammad Juma** (magħruf ukoll bħala Najib Ullah).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Konslu Ġenerali, Konsulat Ġenerali tat-Taliban, Peshawar, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** 1958. **Post tat-twelid:** Żona ta' Zere Kohi, Distrett ta' Shindand, Provinċja ta' Farah, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** 000737 (passaport Afgan maħruġ fl-20.10.1996). **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Militari tat-Taliban f'Peshawar fl-2010, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(84) **Mohammad Naim Barich** (magħruf ukoll bħala **(a)** Mullah Naeem Barech **(b)** Mullah Naeem Baraich **(c)** Mullah Naimullah **(d)** Mullah Naim Bareh **(e)** Mohammad Naim **(f)** Mullah Naim Barich **(g)** Mullah Naim Barech **(h)** Mullah Naim Barech Akhund **(i)** Mullah Naeem Baric **(j)** Naim Berich **(k)** Haji Gul Mohammed Naim Barich **(l)** Gul Mohammad **(m)** Haji Ghul Mohammad **(n)** Spen Zrae).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru taħt Avjazzjoni Ċivili tar-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1975. **Post tat-twelid:** **(a)** Raħal ta' Lakhi, Żona ta' Hazarjuft, Distrett ta' Garmsir, Provinċja ta' Helmand, l-Afghanistan, **(b)** Raħal ta' Laki, Distrett ta' Garmsir, Provinċja ta' Helmand, l-Afghanistan, **(c)** Raħal ta' Lakari, Distrett ta' Garmsir, Provinċja ta' Helmand, l-Afghanistan, **(d)** Darvishan, Distrett ta' Garmsir, Provinċja ta' Helmand, l-Afghanistan, **(e)** Raħal ta' De Luy Wiyalah, Distrett ta' Garmsir, Provinċja ta' Helmand, l-Afghanistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Gerd-e-Jangal tat-Taliban minn Gunju 2008, **(b)** Membru tal-Kummissjoni Militari tat-Taliban minn Marzu 2010, **(c)** Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Helmand, l-Afghanistan mill-2008, **(d)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(e)** Jappartjeni għat-tribù Barich. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Mohammed Naim huwa membru tal-"Kunsill Gerdi Jangal" Taliban. Huwa l-Ex-viċi ta' Akhtar Mohammad Mansour Shah Mohammed, persuna prominenti fil-bord tat-tmexxija Taliban. Mohammed Naim jikkontrolla bażi militari fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan.

(85) **Nik Mohammad**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Kummerċ taħt ir-reġim Taliban. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Zangi Abad, Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** (a) Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan, **(b)** Jappartjena għat-tribù Nurzai. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Nik Mohammad ġie inkluż fil-lista fil-31 ta' Jannar 2001 bħala Viċi Ministru tal-Kummerċ taħt ir-reġim Taliban, b'hekk jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet tar-Riżoluzzjonijiet 1267 (1999) u 1333 (2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti rigward atti u attivitajiet tal-awtoritajiet Talibani.

(86) **Hamdullah Nomani**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Ministru tal-Edukazzjoni Gholja taħt ir-reġim Taliban. **(b)** Sindku tal-Belt Kabul taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Sipayaw, Distrett ta' Andar, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban; **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(87) **Mohammad Aleem Noorani**.

**Titlu:** Mufti. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** L-ewwel Segretarju, Konsulat Ġenerali Taliban, Karachi, Pakistan. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1963. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(88) **Nurullah Nuri** (magħruf ukoll bħala Norullah Noori).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** (a) Gvernatur tal-Provinċja ta' Balkh (l-Afganistan) taħt ir-reġim Taliban, **(b)** Kap taż-Żona tat-Tramuntana taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid: (a)** Bejn wieħed u ieħor 1958, **(b)** l-1 ta' Jannar 1967. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Shahjoe, Provinċja ta' Zabul, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra: (a)** Miżmum taħt kustodja mill-Istati Uniti tal-Amerika fl-2010, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Tokhi. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(89) **Abdul Manan Nyazi** (magħruf ukoll bħala **(a)** Abdul Manan Nayazi, **(b)** Abdul Manan Niazi, **(c)** Baryaly, **(d)** Baryalai).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista: (a)** Gvernatur tal-Provinċja ta' Kabul taħt ir-reġim Taliban, **(b)** Gvernatur tal-Provinċja ta' Balk taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid: (a)**Distrett ta' Pashtoon Zarghoon, Provinċja ta' Herat, l-Afganistan, **(b)** raħal ta' Sardar, Distrett ta' Kohsan, il-Provinċja Heart, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra: (a)** Membru tat-Taliban responsabbli għall-provinċji ta' Herat, Farah u Nimroz min-nofs tal-2009, **(b)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban u s-Shura tal-Quetta, **(c)** Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntieri bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan, **(d)** Jappartjeni għat-tribù Niazi, **(e)** Involut fit-trasport ta' bombi suwiċida lejn l-l-Afganistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Abdul Manan Nyazi kien ukoll kelliem tat-Taliban u mbagħad Gvernatur Provinċjali ta' Mazar-e-Sharif u l-provinċji ta' Kabul taħt ir-reġim Taliban.

Abdul Manan Nyazi kien kmandant anzjan Taliban fil-Punent tal-l-Afganistan, li kien jopera fil-provinċji ta' Farah, Herat u Nimroz, min-nofs l-2009.

Abdul Manan Nyazi kien membru ta' kunsill reġjonali Taliban u maħtur bħala l-gvernatur Taliban tal-provinċja ta' Herat f'Mejju 2010.

Abdul Manan Nyazi huwa kmandant Taliban involut fit-trasport ta' bombi suwiċida lejn l-l-Afganistan.

(90) **Mohammed Omar**.

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Mexxej tal-Fidili ("Amir ul-Mumineen"), l-Afganistan. **Data tat-twelid: (a)** Bejn wieħed u ieħor 1966, **(b)** 1960, **(c)** 1953. **Post tat-twelid: (a)** Ir-raħal ta' Naw Deh, Distrett ta' Deh Rawud, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan, **(b)** raħal ta' Noori, Distrett ta' Maiwand, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra: (a)** L-għajn tax-xellug nieqsa, **(b)** Ħaten Ahmad Jan Akhundzada Shukoor Akhundzada, **(c)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan, **(d)** Jappartjeni għat-tribù Hotak. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Mohammad Omar għandu t-titolu ta' "Kmandant tal-Fidili tal-Emirat Islamiku tal-l-Afganistan" u huwa l-mexxej suprem tal-moviment Taliban fil-ġerarkija Talibana. Huwa ta kenn lil Usama bin Laden u lin-netwerk tal-Al-Qaida tiegħu fis-snin qabel l-attakki tal-11 ta' Settembru 2001 fl-Istati Uniti. Huwa kien ilu jidderieġi lit-Taliban kontra l-Gvern tal-l-Afganistan u l-alleati tagħhom fl-l-Afganistan mill-2001.

Mohammed Omar jikkmanda lill-alleanza ta' mexxeja prominenti militari oħra fir-reġjun, bħal Jalaluddin Haqqani. Gulbuddin Hekmatyar ikkoopera wkoll ma' Mohammed Omar u t-Taliban.

(91) **Abdul Jabbar Omari**. (magħruf ukoll bħala **(a)** Mullah Jabar **(b)** Muawin Jabbar)

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Baghlan (l-Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1958. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Zabul, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra: (a)** Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Zabul fl-2008, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Hottak. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Abdul Jabbar Omari, minn Ġunju 2008, ħadem bħala viċi għal Amir Khan Haqqani u bħala kmandant ta' grupp armat fid-distrett ta' Siuri fil-provinċja ta' Zabul. F'Ġunju 2008, bil-ħsieb li ssaħħaħ l-attività tagħhom fiż-żona, it-tmexxija Talibana ħatritu shadow Gvernatur għall-provinċja ta' Zabul.

(92) **Mohammad Ibrahim Omari**. (magħruf ukoll bħala Ibrahim Haqqani)

**Titlu:** Alhaj. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Affarijiet tal-Fruntieri taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1958. **Post tat-twelid:** Garda Saray, Provinċja ta' Waza Zadran, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Ħu Jalaluddin Haqqani. Hu maħsub li qiegħed fl-l-Afganistan jew il-Pakistan fl-inħawi tal-fruntiera. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(93) **Nooruddin Turabi Muhammad Qasim** (magħruf ukoll bħala **(a)**Noor ud Din Turabi **(b)** Haji Karim).

**Titlu:** **(a)** Mullah **(b)** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tal-Ġustizzja taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** **(a)** Bejn wieħed u ieħor 1963; **(b)** Bejn wieħed u ieħor 1955, **(c)** Bejn wieħed u ieħor 1956. **Post tat-twelid:** **(a)** Id-Distrett Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, Afgsnistan **(b)** Distrett ta' Chora, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan, **(c)** Distrett ta' Dehrawood, Provinċja ta' Uruzgan Province, l-Afganistan **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Viċi għal Mullah Mohammed Omar. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Nooruddin Turabi Muhammad Qasim kien maħtur bħala kmandant militari Taliban fl-l-Afganistan min-nofs l-2009. Huwa kien maħtur bħala viċi għall-mexxej suprem Taliban Mohammed Omar u pparteċipa fil-laqgħat Talibani tax-shura sa mill-bidu tal-2009.

(94) **Abdul Salam Hanafi Ali Mardan Qul** (magħruf ukoll bħala **(a)** Abdussalam Hanifi, **(b)** Hanafi Saheb).

**Titlu:** **(a)** Mullah, **(b)** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Edukazzjoni taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid:** **(a)** Id-Distrett ta' Darzab, Provinċja ta' Faryab, l-Afganistan, **(b)** Id-Distrett ta' Qush Tepa, Provinċja ta' Jawzjan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Jawzjan fl-l-Afganistan tat-Tramuntana sal-2008, **(b)** Involut fit-traffikar tad-drogi, **(c)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Minn Mejju 2007, it-tmexxija Talibana poġġiet lil Abdul Salam Hanafi Ali Mardan Qul responsabbli mill-provinċja ta' Jawzujan. Huwa kien ukoll il-membru Taliban responsabbli mill-l-Afganistan tat-Tramuntana minn Mejju 2007. Huwa maħsub li huwa involut fit-traffikar tad-drogi.

(95) **Abdul Ghafar Qurishi Abdul Ghani** (magħruf ukoll bħala Abdul Ghaffar Qureshi).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Attaché tar-Ripatriazzjoni, fl-Ambaxxata tat-Taliban f'Islamabad, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** **(a)** 1970, **(b)** 1967. **Post tat-twelid:** Ir-raħal ta' Turshut, Distrett ta' Warduj, Provinċja ta' Takhar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** D 000933 (passaport Afgan maħruġ f'Kabul fit-13 ta' Settembru 1998). **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** 55130 (karta ta' identifikazzjoni nazzjonali Afgana (tazkira)). **Indirizz:** It-Taqsima Khairkhana Numru 3, Kabul, l-Afganistan. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Involut fit-traffikar tad-drogi, **(b)** Jappartjeni għall-grupp etniku Tajik. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(96) **Yar Mohammad Rahimi**.

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tal-Komunikazzjoni taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1953. **Post tat-twelid:** Ir-raħal ta' Talugan, Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'Ġunju 2009, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Nurzai. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(97) **Mohammad Hasan Rahmani** (magħruf ukoll bħala Gud Mullah Mohammad **Hassan**).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Kandahar (l-Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1963. **Post tat-twelid:(a)** Id-Distrett Deh Rawud, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan, **(b)** Id-Distrett ta' Chora, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Għandu riġlejh tal-lemin prostetika, (b) Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban u viċi tal-Mullah Mohammed Omar **minn** Marzu 2010, **(c)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan **(d)** Jappartjeni għat-tribù Achakzai. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(98) **Habibullah Reshad**.

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Kap tad-Dipartiment tal-Investigazzjoni, Ministeru tas-Sigurtà (Intelligence) taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1968 u l-1973. **Post tat-twelid:** Id-Distrett ta' Waghaz, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Viċi Kap (Intelligence) tal-Kunsill Militari Quetta mill-2009, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(99) **Abdulhai Salek**

**Titlu:** Maulavi Raġuni għall-inklużjoni fil-lista: Gvernatur tal-Provinċja ta' Uruzgan taħt ir-reġim Taliban. **Post tat-twelid:** Id-Distrett ta' Chaki Wardak, Provinċja ta' Maidan Wardak, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Irrappurtat deċedut, **(b)** Kien jappartjeni għat-tribù Wardak. Data tan-nomina min-NU: 23.2.2001.

(100) **Hamdullah Sunani** (magħruf ukoll bħala Sanani)

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Kap tad-Dar-ul-Efta (Dipatiment tal-Fatwa) tal-Qorti Suprema taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u l-ieħor 1923. **Post tat-twelid:** Id-Distrett ta' Dai Chopan, Provinċja ta' Zabul, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Irrappurtat deċedut f'Diċembru 2001, **(b)** Kien jappartjeni għat-tribù Kakar. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Il-pożizzjoni ta' Sanani bħala Kap tad-Dar-ul-Efta ġiet taħt il-Qorti Għolja taħt ir-reġim Taliban.

(101) **Noor Mohammad Saqib**.

**Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Prim Imħallef tal-Qorti Suprema taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1958. **Post tat-twelid:** **(a)** Id-Distrett ta' Bagrami, Provinċja ta' Kabul, l-Afganistan, **(b)** Iż-żona Tarakhel, Distrett ta' Deh Sabz, Provinċja ta' Kabul, l-Afganistan **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Noord Mohammed Saqib huwa membru tat-tmexxija Talibana u kap tal-Kumitat Reliġjuż tagħha, li jaġixxi bħala fergħa ġudizzjarja tat-Taliban.

(102) **Ehsanullah Sarfida Hesamuddin Akhundzada** (magħruf ukoll bħala **(a)** Ehsanullah Sarfadi (**b**) Ehsanullah Sarfida)

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tas-Sigurtà (Intelligence) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1962-1963. **Post tat-twelid:** Id-Distrett ta' Gelan, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Min-nofs l-2007, huwa pprovda appoġġ lit-Taliban fil-forma ta' armi u flus, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Taraki. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Ehsanullah Sarfida kien ukoll President tal-Bank Ċentrali tat-Taliban. Aktar tard, huwa nħatar bħala l-Amministratur Taliban tal-Provinċji Maħtufa. Ehsanullah Sarfida kien membru tax-Shura Interna Talibana.

Ehsanullah Sarfida kien affiljat tal-Al-Qaida li pprovda appoġġ lit-Taliban fil-forma ta' armi u flus. Huwa kien il-kap tad-distrett ta' Marja, il-provinċja ta' Helmand, l-l-Afganistan, f'nofs l-2007.

(103) **Saduddin Sayyed** (magħruf ukoll bħala **(a)** Sadudin Sayed, **(b)** Sadruddin).

**Titlu:** **(a)** Maulavi, **(b)** Alhaj, **(c)** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Viċi Ministru tal-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali taħt ir-reġim Taliban, **(b)** Sindku tal-Belt ta' Kabul taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid:** **(a)** Distrett ta' Chaman, Pakistan. **(b)** Id-Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Barakzai **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Saduddin Sayyed serva wkoll bħala Viċi Ministru tal-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali taħt ir-reġim Taliban. Il-Lista ġiet aġġornata fit-8 ta' Marzu 2001 biex tirrifletti dan.

(104) **Abdul Wali Seddiqi**.

**Titlu:** Qari. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** It-Tielet Segretarju, Konsulat Ġenerali Taliban, Peshawar, Pakistan. **Data tat-twelid:** 1974. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Zilzilay, Distrett ta' Andar, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** D 000769 (passaport Afgan maħruġ fit-2.2.1997). **Informazzjoni oħra:** Maħsub li jinsab fl-l-Afganistan jew il-Pakistan fl-inħawi tal-fruntiera. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(105) **Abdul Wahed Shafiq**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Gvernatur tal-Provinċja ta' Kabul (l-Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(106) **Said Ahmed Shahidkhel**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Edukazzjoni taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1975. **Post tat-twelid:** Id-Distrett ta' Andar, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** F'Lulju 2003 kien miżmum taħt kustodja f'Kabul, l-Afganistan, **(b)** Rilaxxat minn taħt il-kustodja fl-2007, **(c)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(d)** Jappartjeni għat-tribù Andar. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(107) **Akhtar Mohammad Mansour Shah Mohammed** (magħruf ukoll bħala **(a)** Akhtar Mohammad Mansour Khan Muhammad, **(b)** Akhtar Muhammad Mansoor, **(c)** Akhtar Mohammad Mansoor, **(d)** Naib Imam).

**Titlu:** **(a)** Maulavi, **(b)** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tal-Avjazzjoni Ċivili u t-Trasport taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** **(a)** Bejn wieħed u l-ieħor 1960, **(b)** 1966. **Post tat-twelid:** **(a)** Raħal ta' Band-e-Timor, Distrett ta' Maiwand, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** SE-011697 (numru tal-passaport Afgan maħruġ fil-25 ta' Jannar 1988 f'Kabul, skada fit-23 ta' Frar 2000). **Informazzjoni oħra:** **(a)** Involut fit-traffikar tad-drogi mill-2011, primarjament permezz tal-Gerd-e- Jangal, l-Afganistan, **(b)** Attiv fil-provinċji ta' Khost, Paktia u Paktika, l-Afganistan minn Mejju 2007, **(c)** "Gvernatur" tat-Taliban ta' Kandaharas minn Mejju 2007, **(d)** Viċi għall-Mullah Abdul Ghani Baradar fil-Kunsill Suprem tat-Taliban mill-2009, **(e)** uffiċjal tat-Taliban responsabbli għal erba' provinċji fin-nofsinhar tal-l-Afganistan, **(f)** Wara l-arrest tal-Mullah Baradar fi Frar 2010 hu kien temporanjament - responsabbli għall-Kunsill Suprem tat-Taliban, **(g)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(h)** Jappartjeni għat-tribù Ishagzay. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Akhtar Mohammad Mansour Shah Mohammed huwa membru prominenti tat-tmexxija Talibana. Huwa kien ripatrijat lejn l-l-Afganistan f'Settembru 2006 wara detenzjoni fil-Pakistan. Huwa involut fit-traffikar tad-drogi u kien attivi fil-provinċji ta' Khost, Paktia u Paktika fl-l-Afganistan minn Mejju 2007. Huwa kien ukoll il-"Gvernatur" Taliban ta' Kandahar minn Mejju 2007.

Huwa kien b'mod attiv involut f'attività antigovernattiva, b'mod partikolari, kien jirrekluta individwi mat-Taliban biex jiġġieldu kontra l-Gvern Afgan u l-Forza Internazzjonali ta' Assistenza għas-Sigurtà.

Akhtar Mohammad Mansour Shah Mohammed kien il-viċi kap tax-shura Talibana suprema min-nofs l-2009. Huwa membru tal-kunsill tat-tmexxija Taliban u kien assenjat ir-rwol ta' Kap tal-Affarijiet Militari tal-"Kunsill Gerdi Jangal" Taliban qabel ma nħatar bħala viċi għal Mohammed Omar f'Marzu 2010. Fl-2010, Akhtar Mohammad Mansour Shah Mohammed kien direttament responsabbli mill-attivitajiet Talibani f'erba' provinċji fin-Nofsinhar tal-Afganistan u kien maħtur bħala kap tax-shura ċivili Talibana mill-bidu tal-2010.

(108) **Shamsuddin** (magħruf ukoll bħala Pahlawan Shamsuddin).

**Titlu:** **(a)** Maulavi; **(b)** Qari. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Wardak (Maidan) (l-Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid:** Id-Distrett ta' Keshim, Provinċja ta' Badakhshan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Maħsub li jinsab fl-Afganistan jew il-Pakistan fl-inħawi tal-fruntiera. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(109) **Mohammad Sharif Masood Mohammad Akbar**.

**Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Kap tal-Akkademja tal-Pulizija, Ministru tal-Affarijiet Interni taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** 1958. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Uzba, id-Distrett Jaghatu, Provinċja ta' Maidan Wardak, l-Afganistan. **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** 4156 (Karta ta' identifikazzjoni nazzjonali (tazkira) maħruġa fit-13 ta' Awwissu 1996). **Indirizz:** Kushal Khan Mena, id-Distrett Nru 5, Kabul, l-l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Kap tal-Persunal għall-Viċi tal-Affarijiet Amministrattivi tal-Ministeru tal-Akkademja Interna tal-Pulizija tar-Repubblika Iżlamika tal-l-Afganistan f'Kabul mill-2011, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Masud. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(110) **Shams Ur-Rahman Abdurahman** (magħruf ukoll bħala **(a)** Shamsurrahman **(b)** Shams-u-Rahman **(c)** Shamsurrahman Abdurahman).

**Titlu:** **(a)** Mullah **(b)** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Agrikoltura taħt ir-reġim Taliban. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Waka Uzbin, Distrett ta' Sarobi, Provinċja ta' Kabul, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(b)** Involut fit-traffikar tad-drogi, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Ghilzai. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

F'Ġunju 2007, Shams ur-Rahman Sher Alam kien il-membru Taliban responsabbli mill-provinċja ta' Kabul. Huwa kien responsabbli mill-operazzjonijiet militari tat-Taliban f'Kabul u fil-madwar tiegħu u kien involut f'ħafna attakki.

(111) **Abdul Ghafar Shinwari**

**Titlu:** Haji. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** It-Tielet Segretarju, Konsulat Ġenerali tat-Taliban, Karachi, Pakistan. **Data tat-twelid:** 29.3.1965. **Post tat-twelid:** Il-Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** D 000763 (maħruġ fid-9.1.1997). **Informazzjoni oħra:** **(a)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Safi. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(112) **Mohammad Sarwar Siddiqmal Mohammad Masood** (magħruf ukoll bħala Mohammad Sarwar Siddiqmal)

**Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** It-Tielet Segretarju, Ambaxxata Talibana, Islamabad, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** 1963. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Jani Khel, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** 19657 (karta ta' identifikazzjoni Afgana (tazkira)). **Informazzjoni oħra:** Jappartjeni għat-tribù Mangal. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(113) **Sher Mohammad Abbas Stanekzai Padshah Khan**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Viċi Ministru tas-Saħħa Pubblika taħt ir-reġim Taliban. **(b)** Viċi Ministru tal-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1963. **Post tat-twelid:** Qala-e-Abbas, iż-żona Shah Mazar, Distrett ta' Baraki Barak, Provinċja ta' Logar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Hu maħsub li jinsab fl-Afganistan jew il-Pakistan fl-inħawi tal-fruntiera. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(114) **Ahmad Taha Khalid Abdul Qadir**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Paktia (l-Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1963. **Post tat-twelid:** **(a)** Il-Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan, **(b)** Provinċja ta' Khost, l-Afganistan, **(c)** Raħal ta' Siddiq Khel, Distrett ta' Naka, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Nangarhar mill-2011, **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Jappartjeni għat-tribù Zadran. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Taha kien ukoll Gvernatur taħt ir-reġim Taliban fil-provinċja ta' Kunar fl-aħħar tal-2001. Huwa kien responsabbli mill-Provinċja ta' Wardak għat-Taliban f'Settembru 2009.

(115) **Tahis** (magħruf ukoll bħala Tahib).

**Titlu:** Haji. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Avjazzjoni Ċivili taħt ir-reġim Taliban. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

(116) **Abdul Raqib Takhari**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tar-Ripatrijazzjoni taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1968 u l-1973. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Takhar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban responsabbli għall-provinċji ta' Takhar u Badakhshan f'Diċembru 2009 **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Jappartjeni għall-grupp etniku Tajik. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(117) **Walijan**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista**: Gvernatur tal-Provinċja ta' Jawzjan (l-Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid:** **(a)** Quetta, Pakistan; **(b)** Provinċja ta' Nimroz, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tas-Shura Talibana Gerd-e-Jangal u Kap tal-Kumitat Taliban tal-Ħabsin u r-Refuġjati, **(b)** Jappartjeni għat-tribù Ishaqzai. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(118) **Nazirullah Hanafi Waliullah** (magħruf ukoll bħala Nazirullah Aanafi Waliullah).

**Titlu:** **(a)** Maulavi, **(b)** Haji. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Attaché Kummerċjali, Ambaxxata Talibana, Islamabad, Pakistan. **Data tat-twelid:** 1962. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** D 000912 (passaport Afgan maħruġ fit-30.6.1998). **Informazzjoni oħra:** Maħsub li jinsab fl-Afganistan jew il-Pakistan fl-inħawi tal-fruntiera. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(119) **Abdul-Haq Wassiq** (magħruf ukoll bħala Abdul-Haq Wasseq).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tas-Sigurtà (Intelligence) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** **(a)** Bejn wieħed u ieħor 1975, **(b)** 1971. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Miżmum taħt kustodja fl-Istati Uniti tal-Amerika mill-2011. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Abdul-Haq Wassiq huwa alleat ma' Gulbuddin Hekmatyar. Taħt ir-reġim Taliban, huwa kellu pożizzjonijiet suċċessivi bħala kmandant lokali fil-provinċji ta' Nimroz u ta' Kandahar. Huwa mbagħad sar Viċi Direttur Ġenerali tal-Intelligence u rrapporta lil Qari Ahmadullah. F'din il-funzjoni, huwa kien responsabbli għall-ġestjoni tar-relazzjonijiet ma' ġellieda barranin marbuta ma' Al-Qaida u l-kampijiet ta' taħriġ tagħhom fl-Afganistan. Huwa kien ukoll magħruf għall-metodi repressivi tiegħu kontra l-oppożituri tat-Taliban fin-Nofsinhar tal-Afganistan.

(120) **Mohammad Jawad Waziri**.

**Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Dipartiment tan-NU, Ministeru tal-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim Taliban. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **(b)** Jappartjeni għat-tribù Wazir. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(121) **Sangeen Zadran** (magħruf ukoll bħala **(a)** Sangin **(b)** Sangin Zadran **(c)** Sangeen Khan Zadran **(d)** Sangeen **(e)** Fateh)

**Titlu: a)** Maulavi (tinkiteb ukoll: Maulvi) **b)** Mullah. **Data tat-twelid: a)** Bejn wieħed u ieħor 1976 **b)** Bejn wieħed u ieħor 1979. **Post tat-twelid:** Tang Stor Khel, Distrett ta' Ziruk, Provinċja ta' Paktika, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Shadow Gvernatur għall-provinċja ta' Paktika, l-l-Afganistan, u kmandant tan-Netwerk Haqqani, grupp ta' militanti affiljati mat-Taliban li jopera fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afgansitan u l-Pakistan. Logutenent Anzjan għal Sirajuddin Lallaloudine Haqqani. **Data tan-nomina min-NU:** 16.08.2011.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Sangeen Zadran huwa mexxej tar-ribelljoni fil-provinċja ta' Paktika, l-Afganistan u kmandant tan-Netwerk ta' Haqqani. In-Netwerk ta' Haqqani, grupp ta' militanti affiljati mat-Taliban li jopera fir-reġjun tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan, kien fuq quddiem tal-attività tar-ribelljoni fl-l-Afganistan, responsabbli għal ħafna attakki ta' profil għoli. Zadran jaġixxi bħala logutenent anzjan għall-mexxej tan-Netwerk ta' Haqqani Sirajuddin Haqqani.

Sangeen Zadran jgħin fit-tmexxija ta' ġellieda f'attakki fix-Xlokk kollu tal-Afganistan, u huwa maħsub li ppjana u kkoordina il-moviment ta' ġellieda barranin fl-Afganistan. Sangeen Zadran kien ukoll involut f'bosta attakki fejn intuża apparat splussiv improvizzat (IED).

Barra mir-rwol tiegħu f'dawn l-attakki, Sangeen Zadran kien ukoll involut fil-ħtif ta' Afgani u ċittadini barrani fir-reġjun tal-Fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan.

(122) **Abdul Rahman Zahed** (magħruf ukoll bħala Abdul Rehman Zahid).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1963. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Kharwar, Provinċja ta' Logar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(123) **Mohammad Zahid**.

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** It-Tielet Segretarju, Ambaxxata Talibana, Islamabad, Pakistan. **Data tat-twelid:** 1971. **Post tat-twelid:** Il-Provinċja ta' Logar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** D 001206 (maħruġ fis-17.7.2000). **Informazzjoni oħra:** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(124) **Faizullah Khan Noorzai** (magħruf ukoll bħala **(a)** Hajji Faizullah Khan Noorzai, **(b)** Haji Faizuulah Khan Norezai, **(c)** Haji Faizullah Khan, **(d)** Haji Fiazullah, **(e)** Haji Faizullah Noori, **(f)** Haji Faizullah Noor, **(g)** Faizullah Noorzai Akhtar Mohammed Mira Khan **(h)** Haji Pazullah Noorzai, **(i)** Haji Mullah Faizullah).

**Titlu:** Haji. **Indirizz:** Triq Boghra, Rahal ta' Miralzei, Chaman, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** **(a)** 1962, **(b)** 1961, **(c)** bejn1968 u1970. **Post tat-twelid:** **(a)** Lowy Kariz, Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, **(b)** Kadanay, Distrett ta' Spin Boldak Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. Ċittadinanza: Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Finanzier prominenti Taliban. **(b)** Minn nofs l-2009, ipprovda armi, munizzjon, splussivi u tagħmir mediku lill-ġellieda Talibani; ġabar fondi għat-Taliban, u pprovda taħriġ għalihom, fir-reġjun tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan/Pakistan. **(c)** Qabel organizza u ffinanzja operazzjonijiet Talibani fil-Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **(d)** Mill-2010, ivvjaġġa lejn u kellu negozji f'Dubai, l-Emirati Gharab Magħquda, u l-Ġappun. (e) Jappartjeni għat-tribù Noorzai, is-sottotribù Miralzai. **(f)** Ħu Malik Noorzai. **(g)** Isem il-missier huwa Akhtar Mohammed (magħruf bħala: Haji Mira Khan). **Data tan-nomina min-NU:** 04.10.2011.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet**:

Faizullah Noorzai Akhtar Mohammed Mira Khan serva bħala finanzier prominenti Taliban li miegħu investew fondi l-mexxejja kbar Talibani. Huwa ġabar aktar minn USD 100,000 għat-Taliban mid-donaturi fil-Golf u fl-2009 ta somma mill-flus tiegħu stess. Huwa appoġġa finanzjarjament ukoll lill-kmandant Taliban fil-Provinċja ta' Kandahar u pprovda fondi biex jgħin fit-taħriġ tal-ġellieda Talibani u tal-Al-Qaida li kellhom imexxu l-attakki kontra l-Koalizzjoni u l-forzi militari Afgani. Minn nofs l-2005, Faizullah organizza u ffinanzja operazzjonijiet tat-Taliban fil-Provinċja ta' Kandahar, fl-Afganistan. Minbarra l-appoġġ finanzjarju tiegħu, Faizullah iffaċilita b'mod ieħor it-taħriġ u l-operazzjonijiet Talibani. Min-nofs l-2009, Faizullah ipprovda armi, munizzjon, splussivi u tagħmir mediku għall-ġellieda Talibani min-Nofsinhar tal-Afganistan. Minn nofs l-2008, Faizullah kien responsabbli għall-akkomodazzjoni ta' qattiela suwiċidi bil-bombi Talibani u li jittrasferihom mill-Pakistan għall-Afganistan. Faizullah ipprovda wkoll missili kontra inġenji tal-ajru għat-Taliban, għen biex imexxi lill-ġellieda Talibani madwar Provinċja ta' Helmand, fl-Afganistan, iffaċilita l-operazzjonijiet suwiċida bil-bombi Talibani, u ta radji u vetturi lill-membri Talibani fil-Pakistan.

Min-nofs l-2009, Faizullah mexxa madrassa (skola reliġjuża) fir-reġjun tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan/Pakistan, fejn inġabru għexieren ta' eluf ta' dollari għat-Taliban. L-artijiet tal-madrassa ta' Faizullah intużaw biex jipprovdu taħriġ għall-ġellieda tat-Taliban fil-bini u l-użu ta' apparat splussiv improvizzat (IEDs). Tard fl-2007, il-madrassa ta' Faizullah serviet biex tħarreġ lill-ġellieda tal-Al-Qaida li iktar tard intbagħtu fil-Provinċja ta' Kandahar, fl-l-Afganistan.

Fl-2010, Faizullah kellu uffiċini u possibbilment proprjetajiet, inklużi lukandi, f'Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda. Faizullah ivvjaġġa regolarment lejn id-Dubai u l-Ġappun ma' ħuh, Malik Noorzai, biex jimporta karozzi, partijiet tal-karozzi, u ħwejjeġ. Mill-bidu tal-2006, Faizullah kellu negozji fid-Dubai u fil-Ġappun.

(125) **Malik Noorzai** (magħruf ukoll bħala: **(a)** Hajji Malik Noorzai, **(b)** Hajji Malak Noorzai, **(c)** Haji Malek Noorzai, **(d)** Haji Maluk, **(e)** Haji Aminullah).

**Titlu:** Haji. **Data tat-Twelid:** **(a)** 1957, **(b)** 1960. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Finanzier Taliban. **(b)** Għandu negozji fil-Ġappun u jivvjaġġa spiss lejn id-Dubai, l-Emirati Għarab Maqgħuda, u l-Ġappun. **(c)** Mill-2009, iffaċilita l-attivitajiet Talibani, inkluż permezz tar-reklutaġġ u l-forniment ta' appoġġ loġistiku. **(d)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **(e)** Jappartjeni għat-tribù Noorzai. **(f)** Ħu Faizullah Khan Noorzai. **Data tan-nomina min-NU:** 04.10.2011.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet**:

Malik Noorzai huwa negozjant ibbażat fil-Pakistan li pprovda appoġġ finanzjarju lit-Taliban. Malik u ħuh, Faizullah Noorzai Akhtar Mohammed Mira Khan, investew miljuni ta' dollari f'diversi negozji għat-Taliban. Tard f-2008, ir-rappreżentanti tat-Taliban ikkuntattjaw lil Malik bħala negozjant li miegħu jinvestu fondi Talibani. Sa mill-inqas l-2005, Malik ikkontribwixxa personalment ukoll għexieren ta' eluf ta' dollari u qassam mijiet ta' eluf ta' dollari lit-Taliban, li uħud minnhom inġabru minn donaturi fir-reġjun tal-Golf u l-Pakistan u uħud minnhom kienu l-flus ta' Malik stess. Malik kien responsabbli għal kont hawala fil-Pakistan li rċieva għexieren ta' eluf ta' dollari trasferiti mill-Golf kull ftit xhur biex jiġu appoġġati l-attivitajiet Talibani. Malik iffaċilita wkoll attivitajiet Talibani. Mill-2009, Malik kien serva bħala l-kap gwardjan ta' madrassa (skola reliġjuża), għal 16-il sena fir-reġjun tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan/Pakistan, li ntużat mit-Taliban għall-indottrinazzjoni u t-taħriġ ta' rekluti. Fost affarijiet oħra, Malik ta l-fondi li appoġġaw il-madrassa. Malik, flimkien ma' ħuh, kellu rwol fil-ħżin ta' vetturi li jintużaw fl-operazzjonijiet suwiċida bil-bombi Talibani u għen biex imexxi ġellieda Talibani madwar Provinċja ta' Helmand, fl-l-Afganistan. Malik għandu negozji fil-Ġappun u ta' spiss iżur id-Dubai u l-Ġappun għan-negozju. Sa mill-bidu tal-2005, Malik kellu negozju tal-importazzjoni tal-vetturi fl-l-Afganistan li importa vetturi minn Dubai u l-Ġappun. Huwa importa karozzi, parts tal-karozzi u ħwejjeġ minn Dubai u l-Ġappun għan-negozji tiegħu, li fihom investew żewġ kmandanti Talibani. F'nofs l-2010, Malik u ħuh assiguraw ir-rilaxx ta' mijiet ta' kontejners tal-merkanzija, irrappurtati li jiswew miljuni ta' dollari, li l-awtoritajiet Pakistani ssekwestraw iktar kmieni dik is-sena għax kienu tal-fehma li r-riċevituri kellhom konnessjoni mat-terroriżmu.

(126) **Abdul Aziz Abbasin** (magħruf ukoll bħala: Abdul Aziz Mahsud).

**Data tat-Twelid**: 1969. **Post tat-Twelid**: Ir-Raħal ta' Sheykhan Village, iż-Żona Pirkowti, Distrett ta' Orgun, Provinċja ta' Paktika, l-Afganistan. **Informazzjoni oħra:** (a) Kmandant ewlieni fin-Netwerk Haqqani taħt Sirajuddin Jallaloudine Haqqani. **(b)** Shadow Governor Taliban mDistrett ta' Orgun, Provinċja ta' Paktika, fl-Afganistan mill-bidu tal-2010. **(c)** Opera kamp ta' taħriġ għal ġellieda mhux Afgani fil-Provinċja ta' Paktika. **(d)** Kien Involut fit-trasport ta' armi lejn l-l-Afganistan. **Data tan-nomina min-NU:** 04.10.2011.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet**:

Abdul Aziz Abbasin huwa kmandant ewlieni fin-Netwerk ta' Haqqani, grupp ta' militanti affiljati mat-Taliban li jopera mil-Lvant tal-l-Afganistan u l-Aġenzija tat-Tramuntana tal-Waziristan fiż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan. Sa minn kmieni fl-2010, Abbasin irċieva ordnijiet minn Sirajuddin Haqqani u nħatar minnu biex iservi bħala shadow governor Taliban tad-Distrett Orgun, Provinċja ta' Paktika, fl-Afganistan. Abbasin huwa kmandant ta' grupp ta' ġellieda Talibani u għen fit-tmexxija ta' kamp ta' taħriġ għall-ġellieda barranin ibbażati fProvinċja ta' Paktika. Abbasin kien involut ukoll fl-attakk b'imbuskata ta' vetturi li jfornu l-forzi tal-gvern Afgan u fit-trasport ta' armi lejn l-l-Afganistan.

(127) **Ahmad Zia Agha** (magħruf ukoll bħala **(a)** Zia Agha **(b)** Noor Ahmad **(c)** Noor Ahmed **(d)** Sia Agha Sayeed)

**Titlu:** Haji. **Data tat-twelid:** 1974. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Maiwand, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Uffiċċjal Anzjan Taliban b'responsabbiltajiet militari u finanzjarji mill-2011, **(b)** Mexxej tal-Kunsill Militari tat-Taliban mill-2010, **(c)** Fl-2008 u l-2009 serva bħala uffiċċjal finanzjarju u qassam l-flus lil-kmandanti Talibani fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 6.1.2012.

(128) **Fazl Rabi** (magħruf ukoll bħala **(a)** Fazl Rabbi **(b)** Fazal Rabi **(c)** Faisal Rabbi)

**Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Uffiċċjal Anzjan fProvinċja ta' Konar matul ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** **(a)** 1972, **(b)** 1975. **Post tat-twelid:** **(a)** Distrett ta' Kohe Safi, Provinċja ta' Parwan, l-Afganistan, **(b)** Provinċja ta' Kapisa, l-Afganistan, **(c)** Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan, **(d)** Provinċja ta' Kabul, l-Afganistan. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Jirrappreżenta u jipprovdi appoġġ finanzjarju u loġistiku liln-Netwerk ta' Haqqani, li hu bbażat fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan, **(b)** Membru tal-Kunsill Finanzjarju Taliban, **(c)** Ivvjaġġa barra mill-pajjiż f'isem Sirajuddin Jallaloudine Haqqani, Jalaluddin Haqqani, in-netwerk ta' Haqqani u t-Taliban, **(d)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 6.1.2012.

(129) **Mohammad Aman Akhund** (magħruf ukoll bħala **(a)** Mohammed Aman **(b)** Mullah Mohammed Oman **(c)** Mullah Mad Aman Ustad Noorzai **(d)** Sanaullah)

**Data tat-twelid:** 1970. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Band Tumur, Distrett ta' Maiwand, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru Anzjan tat-Taliban mill-2011 b'dmirijiet finanzjarji, inkluż il-ġbir ta' fondi f'isem it-tmexxija, **(b)** Ipprovda appoġġ loġistiku għall-operazjonijiet tat-Taliban u kkanalizza r-rikavati mit-traffikar tad-drogi għax-xiri tal-armi, **(c)** Aġixxa bħala sebgretarju tal-mexxej Taliban il-Mullah Mohammed Omar u bħala ll-messaġġier tiegħu fil-laqgħat tal-livell għoli tat-Taliban, **(d)** Assoċjat ukoll ma' Gul Agha Ishakzai, **(e)** Membru taċ-ċirklu ristrett tal-Mullah Mohammed Omar matul ir-reġim Taliban. **Data tan-nomina min-NU:** 6.1.2012.

(130) **Ahmed Jan Wazir** (magħruf ukoll bħala **(a)** Ahmed Jan Kuchi **(b)** Ahmed Jan Zadran)

**Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Uffiċċjal tal-Ministeru tal-Finanzi matul ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** 1963. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Barlach, Distrett ta' Qareh Bagh, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Kmandant ewlieni tal-Haqqani Network, li hu bbażat fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan, **(b)** Jaġixxi bħala viċi, kelliemi u kunsillier għall-mexxej anzjan Sirajuddin Jallaloudine Haqqani, tan-Netwerk ta' Haqqani, **(c)** Jikkoordina mall-Kunsill Suprem tat-Taliban, **(d)** Ivvjaġġa barra mill-pajjiż, **(e)** Jikkoordina ma' u jipprovdi flus, armi, tagħmir u fornimenti ta' komunikazzjoni lill-kmandanti Talibani fProvinċja ta' Ghazni, l-Afganistan **Data tan-nomina min-NU:** 6.1.2012.

(131) **Abdul Samad Achekzai** (magħruf ukoll bħala **(a)** Abdul Samad)

**Data tat-twelid:** 1970. **Post tat-twelid:** Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru anzjan tat-Taliban responsabbli mill-fabbrikazzjoni ta' apparat splussiv improvizzat (IED). **(b)** Involut fir-reklutaġġ u l-iskjerament ta' qattiela suwiċidi bil-bombi biex iwettqu attakki fl-Afganistan. **Data tan-nomina min-NU:** 2.3.2012.

B. *Entitajiet u gruppi u impriżi oħra assoċjati mat-Taliban*"

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2012/168/PESK

## tat-23 ta' Marzu 2012

## li temenda d-Deċiżjoni 2011/235/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fit-12 ta' April 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/235/PESK [1].

(2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2011/235/PESK, il-miżuri restrittivi għandhom jiġġeddu sat-13 ta' April 2013.

(3) Barra minn hekk, fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran, aktar persuni għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness għad-Deċiżjoni 2011/235/PESK.

(4) F'dan il-kuntest, għandu jiġi nnutat li, f'konformità mal-premessa (4) tad-Deċiżjoni 2011/235/PESK, il-persuni fil-mira tal-miżuri restrittivi jistgħu jinkludu wkoll membri tar-Revolutionary Guard Corps Iranjan (IRGC), il-Basij u l-Ansar-e Hezbollah.

(5) B'żieda, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir jew software intenzjonat primarjament biex jintuża mir-reġim Iranjan fil-monitoraġġ jew l-interċettazzjoni tal-Internet u tal-komunikazzjoni bit-telefon fuq networks mobbli jew fissi fl-Iran għandhom jiġu pprojbiti.

(6) Barra minn hekk, b'konsiderazzjoni tal-objettivi tagħha, il-projbizzjoni fuq il-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna għandhom jiġu inklużi fid-Deċiżjoni 2011/235/PESK. Fl-istess waqt, id-Deċiżjoni 2010/413/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi diretti kontra l-Iran [2] għandha tiġi emendata sabiex ma tinkludix aktar dik il-projbizzjoni.

(7) Id-Deċiżjoni 2011/235/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2011/235/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

(1) Jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 2a*

Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir jew software intenzjonati primarjament biex jintuża fil-monitoraġġ jew l-interċettazzjoni mir-Reġim Iranjan, jew għan-nom tiegħu, tal-Internet u tal-komunikazzjoni bit-telefon fuq networks mobbli jew fissi fl-Iran u l-provvediment ta' assistenza għall-installazzjoni, it-tħaddim jew l-aġġornament ta' tali tagħmir jew software għandhom jiġu pprojbiti.

L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-elementi rilevanti li għandhom ikunu koperti b'dan l-Artikolu.

*Artikolu 2b*

1. Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir li jista' jintuża għar-ripressjoni interna lill-Iran minn ċittadini ta' Stati Membri jew mit-territorji tal-Istati Membri jew bl-użu tal-bastimenti jew tal-ajruplani li jtajru l-bandiera tagħhom, għandhom ikunu pprojbiti, kemm jekk joriġinaw u kif ukoll jekk ma joriġinawx fit-territorji tagħhom.

2. Huwa wkoll ipprojbit:

(a) il-forniment, dirett jew indirett, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 jew relatati mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' tali oġġetti, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu, fl-Iran.

(b) il-forniment, dirett jew indirett, ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja, relatata mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1, inklużi b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' tali oġġetti, jew għall-forniment ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu, fl-Iran.".

(2) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 4a*

Il-parteċipazzjoni, konxjament u bi ħsieb, f'attivitajiet li għandhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-miżuri msemmija fl-Artikoli 2a u 2b għandha tiġi pprojbita.".

(3) L-Artikolu 6 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 6*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-13 ta' April 2013. Hija għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Għandha tiġġedded, jew tiġi emendata kif adatt, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma ntlaħqux."

[1] ĠU L 100, 14.4.2011, p. 51.
[2] ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39.

*Artikolu 2*

Il-persuni elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni għandhom jinżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2011/235/PESK.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

*ANNESS*

**Lista ta' persuni msemmija fl-Artikolu 2**

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1. | ZARGHAMI Ezzatollah | | Bħala Kap tal-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB), huwa responsabbli mid-deċiżjonijiet kollha dwar l-ipprogrammar. IRIB xandar konfessjonijiet furzati ta' priġunieri u serje ta' "simulazzjonijiet ta' proċessi" f'Awwissu 2009 u f'Diċembru 2011. Dawn jikkostitwixxu ksur ċar tad-dispożizzjonijiet internazzjonali dwar proċess ġust u d-dritt għal proċess legali. | 23.3.2012 |
| 2. | TAGHIPOUR Reza | Post tat-Twelid: Maragheh (Iran)<br>Data tat-Twelid: 1957 | Ministru tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni. Bħala Ministru tal-informazzjoni, huwa wieħed mill-ogħla uffiċjali responsabbli miċ-ċensura u l-kontroll tal-attivitajiet fuq l-internet u anke kwalunkwe tip ta' komunikazzjoni (partikolarment it-telefons ċellulari). Matul l-interrogazzjonijiet ta' priġunieri politiċi, l-interrogaturi jużaw id-data, l-emails u l-komunikazzjonijiet personali tagħhom.<br>F'diversi okkażjonijiet mill-aħħar elezzjoni presidenzjali u matul id-dimostrazzjonijiet fit-toroq, il-linji tat-telefons ċellulari u s-servizzi tal-sms inqatgħu, il-kanali tat-televiżjoni satellitari ġew iġġamjati, l-internet ġie sospiż lokalment jew mill-anqas, tnaqqsitlu r-rapidità tiegħu. | 23.3.2012 |
| 3. | KAZEMI Toraj | | Kurunell tal-pulizija tat-teknoloġija u l-komunikazzjoni, dan l-aħħar nieda kampanja ta' reklutaġġ ta' hackers tal-gvern sabiex jikkontrolla aħjar l-informazzjoni fuq l-internet u jkun ta' preġudizzju għal siti elettroniċi "li jagħmlu ħsara". | 23.3.2012 |
| 4. | LARIJANI Sadeq | Post tat-Twelid: Najaf (Iraq)<br>Data tat-Twelid: 1960 jew Awwissu 1961 | Kap tal-Ġudikatura. Il-Kap tal-Ġudikatura huwa mitlub li jagħti l-kunsens tiegħu għal u jirreġistra kull kastig għal qisas (retribut), hodoud (reat kontra Alla) u ta'zirat (reat kontra l-istat). Dan jinkludi sentenzi li jġibu magħhom il-piena tal-mewt, is-swat u l-amputazzjonijiet. F'dan ir-rigward, hu personalment awtorizza bosta sentenzi ta' piena tal-mewt, bi ksur tal-istandards internazzjonali, inkluż bi tħaġġir (attwalment 16-il persuna qegħdin taħt sentenza ta' tħaġġir), eżekuzzjonijiet bit-tgħalliq, eżekuzzjonijiet ta' minuri, u eżekuzzjonijiet pubbliċi bħal dawk fejn il-priġunieri kienu mgħallqa mill-pontijiet quddiem folol ta' eluf ta' nies. Huwa ppermetta wkoll sentenzi ta' kastigi korporali bħal amputazzjonijiet u t-taqtir tal-aċtu f'għajnejn l-ikkundanati. Minn meta Sadeq Larijani ħa l-kariga, l-arresti arbitrarji ta' priġunieri politiċi, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-minoranzi żdiedu konsiderevolment. L-eżekuzzjonijiet żdiedu ferm mill-2009. Sadeq Larijani huwa responsabbli wkoll mill-fallimenti sistemiċi fil-proċess ġudizzjarju Iranjan għar-rispett tad-dritt għal proċess ġust. | 23.3.2012 |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 5. | MIRHEJAZI Ali | | Viċi Kap tal-Uffiċċju tal-Mexxej Suprem u Kap tas-Sigurtà. Parti miċ-ċirku intern tal-Mexxej Suprem responsabbli mit-tfassil tas-supressjoni tal-protesti li ilha tkun implimentata mill-2009. | 23.3.2012 |
| 6. | SAEEDI Ali | | Rappreżentant tal-Mexxej fost il-Pasdaran mill-1995 wara li żvolġa l-karriera kollha tiegħu fl-istituzzjoni militari, eżattament fis-Servizzi tal-Informazzjoni tal-Pasdaran. Permezz ta' din il-funzjoni uffiċjali huwa ċ-ċinga ta' trasmissjoni indispensabbli bejn l-ordnijiet ġejjin mill-Uffiċċju tal-Mexxej u l-apparat ta' repressjoni tal-Pasdaran. | 23.3.2012 |
| 7. | RAMIN Mohammad-Ali | Post tat-Twelid: Dezful (Iran)<br>Data tat-Twelid: 1954 | Responsabbli ewlieni miċ-ċensura bħala Viċi Ministru responsabbli mill-Istampa sa Diċembru 2010, kien direttament responsabbli mill-għeluq ta' bosta fergħat tal-istampa riformaturi (Etemad, Etemad-e Melli, Shargh, etc), mill-għeluq tal-Union Indipendenti tal-Istampa, u mill-intimidazzjoni u l-arrest tal-ġurnalisti. | 23.3.2012 |
| 8. | MORTAZAVI Seyyed Solat | Post tat-Twelid: Meibod (Iran)<br>Data tat-Twelid: 1967 | Viċi Ministru tal-Intern għall-Affarijiet Politiċi. Responsabbli mill-istruzzjoni ta' ripressjoni ta' persuni li jitkellmu biex jiddefendu d-drittijiet leġittimi tagħhom, inkluża l-libertà tal-espressjoni. | 23.3.2012 |
| 9. | REZVANI Gholomani | | Viċi Gvernatur ta' Rasht. Responsabbli minn ksur gravi tad-dritt għal proċess legali. | 23.3.2012 |
| 10. | SHARIFI Malek Ajdar | | Kap tal-ġudikatura fil-Lvant tal-Ażerbajġan. Responsabbli minn ksur gravi tad-dritt għal proċess legali. | 23.3.2012 |
| 11. | ELAHI Mousa Khalil | | Prosekutur ta' Tabriz. Responsabbli mill-istruzzjoni ta' ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem tad-dritt għal proċess legali. | 23.3.2012 |
| 12. | FAHRADI Ali | | Prosekutur ta' Karaj. Responsabbli mill-ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem billi talab il-piena tal-mewt għal minuri. | 23.3.2012 |
| 13. | REZVANMANESH Ali | | Prosekutur. Responsabbli mill-ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem billi talab il-piena tal-mewt għal minuri. | 23.3.2012 |
| 14. | RAMEZANI Gholamhosein | | Kmandant tal-IRGC Intelligence. Responsabbli mill-ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem fuq persuni li jitkellmu biex jiddefendu d-drittijiet leġittimi tagħhom, inkluża l-libertà tal-espressjoni. Imexxi d-Dipartiment responsabbli għall-arrest u t-tortura ta' bloggers/ġurnalisti. | 23.3.2012 |
| 15. | SADEGHI Mohamed | | Kurunell u Deputat tal-intelligence teknika u ċibernetika tal-IRGC. Responsabbli għall-arresti u t-tortura ta' bloggers/ġurnalisti. | 23.3.2012 |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 16. | JAFARI Reza | | Kap tal-prosekuzzjoni speċjali taċ-ċiberkriminalità. Responsabbli mill-arresti, id-detenzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet ta' bloggers u ġurnalisti. | 23.3.2012 |
| 17. | RESHTE-AHMADI Bahram | | Viċi Prosekutur f'Tehran. Imexxi ċ-ċentru ta' prosekuzzjoni ta' Evin. Responsabbli miċ-ċaħda ta' drittijiet, inklużi drittijiet ta' żjara u drittijiet oħrajn tal-priġunieri, ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u priġunieri politiċi oħrajn. | 23.3.2012 |

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2012/169/PESK

## tat-23 ta' Marzu 2012

## li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/413/PESK ([1]).

(2) Fit-12 ta' April 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/235/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran ([2]).

(3) Il-miżuri stabbiliti fid-Deċiżjoni 2010/413/PESK jirriflettu t-tħassib tal-Kunsill dwar in-natura tal-programm nukleari tal-Iran, filwaqt li l-miżuri stabbiliti fid-Deċiżjoni 2011/235/PESK jirriflettu t-tħassib tal-Kunsill rigward id-deterjorazzjoni tas-sitwazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.

(4) B'konsiderazzjoni tal-objettivi tagħha, il-projbizzjoni dwar il-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' tagħmir li jista' jintuża għal ripressjoni interna ser tkun inkluża fid-Deċiżjoni 2011/235/PESK. Dik id-Deċiżjoni, għalhekk, ser tiġi emendata kif meħtieġ.

(5) Fl-istess ħin, id-Deċiżjoni 2011/235/PESK ma għandhiex tkompli tinkludi l-projbizzjoni dwar il-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' tagħmir li jista' jintuża għal ripressjoni interna u għandha tiġi emendata kif meħtieġ.

(6) Barra minn hekk, għandu jiġi speċifikat li r-restrizzjonijiet fuq l-ammissjoni u l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi japplikaw għal persuni li jaġixxu f'iseml-IRGC jew l-IRSL,

([1]) ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39.
([2]) ĠU L 100, 14.4.2011, p. 51

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċizjoni 2010/413/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1(1), il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) armi u materjal relatat ta' kull tip, inklużi armamenti u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari u spare parts għal tali armi u materjal relatat. Din il-projbizzjoni m'għandhiex tapplika għal vetturi mhux tal-kumbattiment li nbnew jew li ġew mgħammra b'materjal biex jipprovdu protezzjoni ballistika, maħsuba biss għall-użu protettiv tal-persunal tal-UE u l-Istati Membri tagħha fl-Iran;".

(2) Fl-Artikolu 19(1), il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) persuni oħrajn mhux koperti mill-Anness I li jkunu impenjati fi, assoċjati direttament ma', jew jipprovdu appoġġ għall-attivitajiet nukleari sensittivi f'termini ta' proliferazzjoni tal-Iran jew għall-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari, anke permezz ta' involviment fl-akkwist tal-oġġetti, merkanzija, tagħmir, materjal u teknoloġija pprojbita, jew persuni li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, jew persuni li għenu lil persuni jew entitajiet indikati biex jevadu jew jiksru d-dispożizzjonijiet ta' UNSCR 1737 (2006), UNSCR 1747 (2007), UNSCR 1803 (2008) u UNSCR 1929 (2010) jew din id-Deċiżjoni, kif ukoll membri oħra tal-IRGC u persuni li jaġixxu f'isem l-IRGC jew l-IRISL, kif elenkati fl-Anness II.".

(3) Fl-Artikolu 20(1), il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) persuni u entitajiet mhux koperti mill-Anness I li jkunu impenjati fi, assoċjati direttament ma', jew jipprovdu appoġġ għal, attivitajiet nukleari sensittivi f'termini ta' proliferazzjoni tal-Iran jew għall-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari, inkluż permezz ta' involviment fl-akkwist tal-oġġetti, merkanzija, tagħmir, materjal u teknoloġija pprojbita, jew persuni jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, jew entitajiet tagħhom jew ikkontrollati minnhom, inkluż permezz ta' mezzi illeċti, jew persuni u entitajiet li għenu lil persuni jew entitajiet indikati biex jevadu jew jiksru d-dispożizzjonijiet tal-UNSCR 1737 (2006), UNSCR 1747 (2007), UNSCR 1803 (2008) u UNSCR 1929 (2010) jew din id-Deċiżjoni, kif ukoll membri oħra u entitajiet tal-IRGC u l-IRISL u entitajiet tagħhom jew ikkontrollati minnhom jew persuni u entitajiet li jaġixxu f'isimhom, kif elenkati fl-Anness II.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
C. ASHTON

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2012/170/PESK

## tat-23 ta' Marzu 2012

## li temenda d-Deċiżjoni 2010/573/PESK li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldova

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Settembru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/573/PESK ([1]).

(2) Sabiex jitħeġġeġ il-progress fil-kisba ta' ftehim politiku għall-konflitt Transnistrijan u r-restawr tal-libertà ta' moviment tal-persuni matul il-konfini amministrattivi tar-reġjun Transnistrijan, il-miżuri restrittivi li japplikaw fir-rigward tal-Anness I għad-Deċiżjoni 2010/573/PESK għandhom jibqgħu sospiżi sat-30 ta' Settembru 2012. Fi tmiem dak il-perijodu, il-Kunsill għandu jirrevedi dawk il-miżuri restrittivi fid-dawl tal-iżviluppi fiż-żewġ oqsma msemmija hawn fuq.

(3) Sabiex jitħeġġeġ il-progress fl-indirizzar tal-problemi pendenti tal-iskejjel li jgħallmu bl-alfabett Latin, il-miżuri restrittivi li japplikaw fir-rigward tal-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/573/PESK għandhom jibqgħu sospiżi sat-30 ta' Settembru 2012. Fit-tmien dak il-perijodu, il-Kunsill għandu jirrevedi dawk il-miżuri restrittivi bil-ħsieb li jiġi żgurat l-issodisfar tal-kondizzjonijiet għal ritorn effettiv u sostenibbli tal-funzjonament normali tal-iskejjel li jgħallmu bl-alfabett Latin fir-reġjun Transnistrijan, jiġifieri permezz tat-tneħħija tar-restrizzjonijiet fuq ir-reġistrazzjoni tagħhom mill-amministrazzjoni de facto Transnistrijana, id-dispożizzjoni għall-kondizzjonijiet ta' funzjonament deċenti għalihom kollha, u s-sostenibbiltà ta' tali kondizzjonijiet ta' funzjonament matul iż-żmien.

(4) L-informazzjoni marbuta ma' ċerti persuni inklużi fil-listi fl-Annessi I u II għad-Deċiżjoni 2010/573/PESK għandha tiġi aġġornata.

(5) Id-Deċiżjoni 2010/573/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2010/573/PESK, paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-miżuri restrittivi previsti f'din id-Deċiżjoni għandhom ikunu sospiżi sat-30 ta' Settembru 2012. Fi tmiem dak il-perijodu, il-Kunsill għandu jirrevedi dawk il-miżuri restrittivi."

*Artikolu 2*

1. L-Anness I għad-Deċiżjoni 2010/573/PESK għandu jiġi emendat kif jinsab fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni.

2. L-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/573/PESK għandhu jiġi emendat kif jinsab fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

([1]) ĠU L 253, 28.9.2010, p. 54.

*ANNESS I*

L-entrati għall-persuni msemmija hawn taħt għandhom jiġu sostitwiti bl-entrati li jidhru hawn taħt:

1. SMIRNOV, Igor Nikolayevich, dak li qabel kien "President", imwieled fit-23 ta' Ottubru 1941 f'Khabarovsk, il-Federazzjoni Russa, passaport Russu Nru 50No0337530.

2. SMIRNOV, Vladimir Igorevich, iben in-Nru 1 u dak li qabel kien "President tal-Kumitat Doganali tal-Istat", imwieled fit-3 ta' April 1961 f'Kupiansk, Kharkovskaya oblast jew Novaya Kakhovka, Khersonskaya oblast, l-Ukraina, passaport Russu Nru 50No00337016.

3. KHAZHEYEV, Stanislav Galimovich, dak li qabel kien "Ministru tad-Difiża", imwieled fit-28 ta' Diċembru 1941 f'Chelyabinsk, il-Federazzjoni Russa.

4. ANTYUFEYEV, Vladimir Yuryevich, magħruf ukoll bħala SHEVTSOV, Vadim, dak li qabel kien "Ministru għas-Sigurtà tal-Istat", imwieled fl-1951 f'Novosibirsk, il-Federazzjoni Russa, passaport Russu.

5. KOROLYOV, Alexandr Ivanovich, dak li qabel kien "Viċi-President", imwieled fl-24 ta' Ottubru 1958 f' Wroclaw, il-Polonja, passaport Russu.

6. KRASNOSELSKY, Vadim Nikolayevich, dak li qabel kien "Ministru tal-Affarijiet Interni", imwieled fl-14 ta' April 1970, f'Dauriya, Zabaykalskyi rayon, Chitinskaya oblast, il-Federazzjoni Russa.

7. ATAMANIUK, Vladimir, dak li qabel kien "Viċi Ministru tad-Difiża".

*ANNESS II*

L-entrati għall-persuni msemmija hawn taħt għandhom jiġu sostitwiti bl-entrati li jidhru hawn taħt:

1. MAZUR, Igor Leonidovich, dak li qabel kien "Kap tal-Amministrazzjoni tal-Istat f'Dubossary Rayon", imwieled fid-29 ta' Jannar 1967 f'Dubossary, ir-Repubblika tal-Moldova.

2. PLATONOV, Yuri Mikhailovich, magħruf bħala Yury PLATONOV, dak li qabel kien "Kap tal-Amministrazzjoni tal-Istat fi Rybnitsa Rayon u Rybnitsa City" imwieled fis-16 ta' Jannar 1948 fi Klimkovo, Poddorsky rayon, Novgorodskaya oblast, passaport Russu Nru 51No0527002, maħruġ mill-Ambaxxata Russa f'Chisinau fl-4 ta' Mejju 2001.

3. KOGUT, Vecheslav Vasyilevich, dak li qabel kien "Kap tal-Amministrazzjoni tal-Istat f'Bender", imwieled fis-16 ta' Frar 1950 f'Taraclia, Chadir-Lunga rayon, Repubblika tal-Moldova.

4. KOSTIRKO, Viktor Ivanovich, dak li qabel kien "Kap tal-Amministrazzjoni tal-Istat f'Tiraspol", imwieled fl-24 ta' Mejju 1948, Komsomolsk na Amure, Habarovsky kray, il-Federazzjoni Russa.

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL 2012/171/PESK

## tat-23 ta' Marzu 2012

## li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/639/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2010/639/PESK ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tagħha,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Ottubru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/639/PESK.

(2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fil-Bjelorussja, persuni u entitajiet oħra għandhom jiġu inklużi mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi kif tinsab fl-Anness V għad-Deċiżjoni 2010/639/PESK.

(3) L-informazzjoni marbuta ma' persuna waħda fuq il-lista fl-Anness V għad-Deċiżjoni 2010/639/PESK għandha tiġi aġġornata.

(4) Għalhekk, l-Anness V għad-Deċiżjoni 2010/639/PESK għandu jiġi emendat kif adatt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness V għad-Deċiżjoni 2010/639/PESK għandu jiġi emendat kif jinsab fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-persuni u l-entitajiet elenkati fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni għandhom jiżdiedu mal-Anness V għad-Deċiżjoni 2010/639/PESK.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

([1]) ĠU L 280, 26.10.2010, p. 18.

*ANNESS I*

L-entrata għall-persuna msemmija hawn taħt għandha tiġi sostitwita bl-entrata li tidher hawn taħt:

| | Ismijiet<br>Traskrizzjonijiet tal-ortografija Bjelorussa<br>Traskrizzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet<br>(ortografija Bjelorussa) | Ismijiet<br>(ortografija Russa) | Post u data tat-twelid | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Mazouka Anzhalika Mikhailauna<br>Mazovko, Anzhelika Mikhailovna<br>(Mazovka Anzhelika Mikhailovna) | Мазоўка Анжаліка Міхайлаўна | Мазовко Анжелика Михайловна<br>(Мазовка Анжелика Михайловна) | | Imħallef fil-Qorti tad-Distrett ta' Sovetski ta' Minsk. Fl-2010-2011 hija mmultata jew ikkundannata lil rappreżentanti tas-soċjetà ċivili għall-protesti paċifiċi tagħhom għal sentenzi ta' ħabs fil-każijiet li ġejjin:<br>a) 2011. 07. 14, Bussel Alyaksandr, 10 ijiem ħabs;<br>b) 2011. 07. 14, Krukowski Syarhey, 8 ijiem ħabs;<br>c) 2011. 07. 14, Kantsin Yahor, 10 ijiem ħabs;<br>d) 2011. 07. 07, Sukhanossik Vyachaslaw, 8 ijiem ħabs;<br>e) 2010. 12. 21, Nyanakhaw Andrey, 15-il jum ħabs;<br>f) 2010. 12. 20, Myslivets Ihar, 15-il jum ħabs;<br>g) 2010. 12. 20, Vilkin Alyaksey, 12-il jum ħabs;<br>h) 2010. 12. 20, Kharitonaw Paval, 12-il jum ħabs.<br>Ripetutament imponiet sentenzi ta' priġunerija kontra dawk involuti fi protesti paċifiċi u konsegwentement hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Bjelorussja. |

*ANNESS II*

## Persuni u entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 2

### Persuni

| | Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (ortografija Bjelorussa) | Ismijiet (ortografija Russa) | Post u data tat-twelid | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Chyzh, Iury Aliaksandravich<br>(Chyzh, Yury Aliaksandravich)<br>Chizh, Iuri Aleksandrovich<br>(Chizh, Yuri Aleksandrovich) | ЧЫЖ, Юрый Аляксандравіч | ЧИЖ, Юрий Александрович | Post tat-twelid: Soboli, Bierezowskij Rajon, Brestkaja Oblast (Соболи, Березовский район, Брестская область)<br>Data tat-twelid 28.03.1963<br>Nru tal-passaport: SP 0008543 (il-validità attwali hija dubjuża). | Iury Chyzh jipprovdi appoġġ finanzjarju lir-reġim ta' Lukashenko permezz tal-kumpannija holding tiegħu LLC Triple li hija attiva f'għadd ta' setturi tal-ekonomija tal-Bjelorussja, inklużi attivitajiet li jirriżultaw minn għotjiet pubbliċi u konċessjonijiet mir-reġim. Il-pożizzjonijiet li huwa għandu fil-qasam sportiv, speċjalment bħala President tal-Bord tal-Klabb tal-Futbol FC Dynamo Minsk u President tal-Federazzjoni tal-Bjelorussja tal-Lotta, jikkonfermaw l-assoċjazzjoni tiegħu mar-reġim. |
| 2. | Anatoly Ternavsky | Анатолий Тернавский | | Twieled fl-1950 | Persuna qrib membri tal-familja tal-President Lukashenko; sponsor tal-Klabb tal-Isports tal-President.<br>L-attivitajiet kummerċjali ta' Ternavsky fiż-żejt u prodotti taż-żejt juru r-relazzjoni mill-qrib tiegħu mar-reġim, b'kont meħud tal-monopolju tal-Istat fuq is-settur tal-irfinar taż-żejt u l-fatt li ftit individwi huma intitolati li joperaw fis-settur taż-żejt. Il-kumpannija tiegħu Univest-M hija waħda mill-akbar żewġ kumpanniji privati tal-esportazzjoni taż-żejt fil-Bjelorussja. |
| 3. | Zhuk Alena Siamionauna<br>(Zhuk Alena Syamionauna)<br>Zhuk Elena Semenovna<br>(Zhuk Yelena Semyonovna) | Жук Алена Сямёнаўна | Жук Елена Семеновна | | Imħallef tal-qorti distrettwali ta' Pervomayskij f'Vitsebsk. Fl-24 ta' Frar 2012, hija kkundannat lil Syarhei Kavalenka, li ilu jitqies bħala priġunier politiku mill-bidu ta' Frar 2012, għal sentejn u xahar il-ħabs talli kiser il-probation. Hija kienet responsabbli direttament għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem ta' persuna għaliex hija ċaħdet lil Syarhei Kavalenka mid-dritt ta' proċess ġust. Preċedentement Syarhei Kavalenka kien ingħata sentenza sospiża talli dendel barra f'Vitsebsk bandiera bajda-ħamra-bajda storika li kienet ġiet ipprojbita. Is-sentenza |

| | Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (ortografija Bjelorussa) | Ismijiet (ortografija Russa) | Post u data tat-twelid | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | sussegwenti mogħtija minn Alena Zhuk kienet ħarxa b'mod sproporzjonat meta mqabbla man-natura tar-reat u mhux konformi mal-kodiċi kriminali tal-Bjelorussja. L-azzjonijiet tagħha jikkostitwixxu ksur dirett tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. |
| 4. | Lutau Dzmitry Mikhailavich<br>Lutov Dmitri Mikhailovich<br>(Lutov Dmitry Mikhailovich) | Лутаў Дзмітрый Міхайлавіч | Лутов Дмитрий Михайлович | | Prosekutur fil-proċess ta' Syarhei Kavalenka li ngħata sentenza ta' sentejn u xahar il-ħabs talli kiser il-probation. Preċedentement Syarhei Kavalenka kien ingħata sentenza sospiża li dendel barra bandiera bajda-ħamra-bajda, simbolu tal-moviment tal-oppożizzjoni, fuq siġra tal-Milied f'Vitsebsk. Is-sentenza sussegwenti mogħtija mill-imħallef li ppresjeda l-kawża kienet ħarxa b'mod sproporzjonat meta mqabbla man-natura tar-reat u mhux konformi mal-kodiċi kriminali tal-Bjelorussja. L-azzjonijiet ta' Lutau jikkostitwixxu ksur dirett tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. |
| 5. | Atabekau Khazalbek Bakhtibekavich<br>Atabekov Khazalbek Bakhtibekovich | Атабекаў Хазалбек Бактібекавіч | Атабеков Хазалбек Бахтибекович<br>(Атабеков Кхазалбек Бахтибекович) | | Kurunell, kmandant ta' brigata speċjali tat-Truppi Interni fis-subborg ta' Uruchie f'Minsk. Huwa kkmanda l-unità tiegħu matul ir-repressjoni tad-dimostrazzjoni ta' protesta wara l-elezzjoni f'Minsk fid-19 ta' Diċembru 2010 fejn intużat forza eċċessiva. L-azzjonijiet tiegħu kienu jikkostitwixxu ksur dirett tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. |
| 6. | Charnyshou Aleh<br>Chernyshev Oleg A. | Чарнышоў Алег | Черышев Олег А | | Kurunell, kap tal-unità ta' kontra t-terroriżmu tal-KGB - unità "Alpha". Huwa pparteċipa personalment fi trattament inuman u degradanti tal-attivisti tal-oppożizzjoni fiċ-ċentru ta' detenzjoni tal-KGB f'Minsk wara r-repressjoni tad-dimostrazzjoni ta' protesta wara l-elezzjoni f'Minsk fid-19 ta' Diċembru 2010. L-azzjonijiet tiegħu kienu |

| | Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (ortografija Bjelorussa) | Ismijiet (ortografija Russa) | Post u data tat-twelid | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | jikkostitwixxu ksur dirett tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. |
| 7. | Arlau Aliaksey<br>(Arlau Aliaksei)<br>Arlau Aliaksandr Uladzimiravich<br>Orlov Aleksei<br>(Orlov Alexey)<br>Orlov Aleksandr Vladimirovich<br>(Orlov Alexandr Vladimirovich) | Арлаў Аляксей<br>Арлаў Аляксандр Уладзіміравіч | Орлов Алексей<br>Орлов Александр Владимирович | | Kurunell, kap taċ-ċentru ta' detenzjoni tal-KGB f'Minsk. Huwa kien personalment responsabbli għal trattament jew kastigi krudili, inumani jew degradanti ta' dawk li kienu miżmuma matul il-ġimgħat u x-xhur wara r-repressjoni tad-dimostrazzjoni ta' protesta wara l-elezzjoni f'Minsk fid-19 ta' Diċembru 2010. L-azzjonijiet tiegħu kienu jikkostitwixxu ksur dirett tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. |
| 8. | Sanko Ivan Ivanavich<br>Sanko Ivan Ivanovich | Санько Іван Іванавіч | Санько Иван Иванович | | Maġġur, investigatur anzjan tal-KGB. Huwa wettaq investigazzjonijiet li inkludew l-użu ta' provi ffalsifikati kontra l-attivisti tal-oppożizzjoni fiċ-ċentru ta' detenzjoni tal-KGB f'Minsk wara r-repressjoni tad-dimostrazzjoni ta' protesta wara l-elezzjoni f'Minsk fid-19 ta' Diċembru 2010. L-azzjonijiet tiegħu kienu jikkostitwixxu ksur ċar tad-drittijiet tal-bniedem billi ċaħħad id-dritt ta' proċess ġust u l-ksur tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. |
| 9. | Traulka Pavel<br>Traulko Pavel | Траулька Павел | Траулько Павел | | Tenent Kurunell, ex operattiv tal-counter-intelligence militari tal-KGB (attwalment kap tas-servizz tal-istampa tal-Kumitat Investigattiv tal-Bjelorussja li għadu kif ġie ffurmat). Huwa ffalsifika provi kontra attivisti tal-oppożizzjoni u uża theddid sabiex jikseb konfessjonijiet mingħandhom fiċ-ċentru ta' detenzjoni tal-KGB f'Minsk wara r-repressjoni tad-dimostrazzjoni ta' protesta wara l-elezzjoni f'Minsk fid-19 ta' Diċembru 2010. Huwa kien direttament responsabbli għall-użu ta' trattament jew kastigi krudili, inumani jew degradanti u ċaħħad id-dritt għal proċess ġust. L-azzjonijiet tiegħu kienu jikkostitwixxu |

| | Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (ortografija Bjelorussa) | Ismijiet (ortografija Russa) | Post u data tat-twelid | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | ksur dirett tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. |
| 10. | Sukhau Dzmitri Viachaslavavich<br>(Sukhau Dzimitry Vyachyaslavavich)<br>Sukhov Dmitri Vyacheslavovich<br>(Sukhov Dmitry Viacheslavovich) | Сухаў Дзмітрі Вячаслававіч | Сухов Дмитрий Вячеславович | | Tenent Kurunell, operattiv tal-counter-intelligence militari tal-KGB. Huwa ffalsifika provi kontra attivisti tal-oppożizzjoni u uża theddid sabiex jikseb konfessjonijiet mingħandhom fiċ-ċentru ta' detenzjoni tal-KGB f'Minsk wara r-repressjoni tad-dimostrazzjoni ta' protesta wara l-elezzjoni f'Minsk fid-19 ta' Diċembru 2010. Huwa kien responsabbli direttament għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ta' priġunieri politiċi u attivisti tal-oppożizzjoni bl-użu ta' forza eċċessiva kontrihom. L-azzjonijiet tiegħu kienu jikkostitwixxu ksur dirett tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. |
| 11. | Alinikau Siarhei Aliaksandravich<br>(Alinikau Siarhey Alyaksandravich)<br>Aleinikov Sergei Aleksandrovich | Алиникаў Сяргей Аляксандравич | Алейников Сергей Александрович | | Maġġur, kap tal-unità operattiva tal-kolonja penali IK-17 fi Shklov, tefa' pressjoni fuq priġunieri politiċi billi ċaħħadhom mid-drittijiet tagħhom ta' korrispondenza u żjarat, ħareġ ordnijiet biex jiġu soġġetti għal reġim penali aktar strett, tiftix u heddidhom sabiex jikseb konfessjonijiet. Huwa kien responsabbli direttament għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem ta' priġunieri politiċi u attivisti tal-oppożizzjoni bl-użu ta' forza eċċessiva kontrihom. L-azzjonijiet tiegħu kienu jikkostitwixxu ksur dirett tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. |
| 12. | Shamionau Vadzim Iharavich<br>Shamenov Vadim Igorevich<br>(Shamyonov Vadim Igorevich) | Шамёнаў Вадзім Ігаравіч | Шамёнов Вадим Игоревич | | Kaptan, kap tal-unità operattiva tal-Kolonja Penali IK-17 fi Shklov. Huwa tefa' pressjoni fuq il-priġunieri politiċi, ċaħħadhom mid-drittijiet tagħhom ta' korrispondenza u heddidhom sabiex jikseb konfessjonijiet. Huwa kien responsabbli direttament għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem ta' priġunieri politiċi u attivisti tal-oppożizzjoni bl-użu ta' trattament jew kastigi krudili, inumani jew degradanti. L-azzjonijiet tiegħu kienu |

| | Ismijiet Traskrizzjoni tal-orto-grafija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-orto-grafija Russa | Ismijiet (ortografija Bjelorussa) | Ismijiet (ortografija Russa) | Post u data tat-twelid | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | jikkostitwixxu ksur dirett tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. |

**Entitajiet**

| | Ismijiet Traskrizzjoni tal-orto-grafija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (ortografija Bjelorussa) | Ismijiet (ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | LLC Delovaya Set | ООО Деловая сеть | | | Entità kkontrollata minn Vladimir Peftiyev. |
| 2. | CJSC Sistema investicii i inovacii | ЗАО Системы инвестиций и инноваций | | | Entità kkontrollata minn Vladimir Peftiyev. |
| 3. | PUC Sen-Ko | ЧУП Сен-Ко | | | Entità kkontrollata minn Vladimir Peftiyev. |
| 4. | PUC BT Invest | ЧУП БТ Инвест | | | Entità kkontrollata minn Vladimir Peftiyev. |
| 5. | The Spirit and Vodka Company Aquadiv | Малиновщизненский спиртоводочный завод Аквадив | | | Entità kkontrollata minn Vladimir Peftiyev. |
| 6. | Beltekh Holding | Белтех Холдинг | | | Entità kkontrollata minn Vladimir Peftiyev. |
| 7. | Spetspriborservice | Спецприборсервис | | | Entità kkontrollata minn Vladimir Peftiyev. |
| 8. | Tekhnosoyuzpribor | Техносоюзприбор | | | Entità kkontrollata minn Vladimir Peftiyev. |
| 9. | LLC Triple | ООО ТРАЙПЛ | | Pobediteley Vjal 51/2, Kamra 15 220035 Minsk Республика Беларусь, 220035 Минск, проспект Победителей, дом 51, корпус 2, помещение 15 | Kumpannija holding ta' Iury Chyzh. Iury Chyzh jipprovdi appoġġ finanzjarju lir-reġim ta' Lukashenko speċjalment permezz tal-kumpannija holding tiegħu LLC Triple. |
| 10. | JLLC Neftekhimtrading | СООО НефтеХимТрейдинг | | Irreġistrata fl-2002, Minsk | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 11. | CJSC Askargoterminal | ЗАО Аскарготерминал | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |

| | Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet (ortografija Bjelorussa) | Ismijiet (ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|---|
| 12. | LLC Triple Metal Trade | ООО Трайплметаллтрейд | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 13. | JSC Berezovsky KSI | ОАО Березовский комбинат силикатных изделий | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 14. | JV LLC Triple-Techno | СП ООО Трайпл-Техно | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 15. | JLLC Variant | СООО Вариант | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 16. | JLLC Triple-Dekor | СООО Трайпл-Декор | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 17. | JCJSC QuartzMelProm | СЗАО Кварцмелпром | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 18. | JCJSC Altersolutions | СЗАО Альтерсолюшнс | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 19. | JCJSC Prostoremarket | СЗАО Простомаркет | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 20. | JLLC AquaTriple | СП ООО Акватрайпл | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 21. | LLC Rakowski browar | ООО Ракаўскі бровар | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 22. | MSSFC Logoysk | ГСОК Логойск | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 23. | Triple-Agro ACC | Трайпл-Агро | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 24. | CJCS Dinamo-Minsk | ЗАО ФК Динамо-Минск | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 25. | JLLC Triplepharm | СООО Трайплфарм | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 26. | LLC Triple-Veles | ООО Трайплфарм | | | Sussidjarja ta' LLC Triple. |
| 27. | Univest-M | Юнивест | | | Entità kkontrollata minn Anatoly Ternavsky |
| 28. | FLLC Unis Oil | ИООО Юнис Ойл | | | Sussidjarja ta' Univest-M. |
| 29. | JLLC UnivestStroyInvest | СООО Юнивест-СтройИнвест | | | Sussidjarja ta' Univest-M. |

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL 2012/172/PESK

## tat-23 ta' Marzu 2012

## li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/782/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2011/782/PESK tal-1 ta' Diċembru 2011 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 21(1) tagħha,

Billi:

(1) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/782/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja.

(2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fis-Sirja, għandhom jiġu inklużi aktar persuni u entitajiet fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi kif tinsab fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2011/782/PESK.

(3) L-entrati li jikkonċernaw ċerti persuni u entità inklużi fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2011/782/PESK għandhom jiġu emendati,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-persuni u entitajiet elenkati fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni għandhom jiżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2011/782/PESK.

*Artikolu 2*

Fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2011/782/PESK, l-entrati għall-persuni u entitajiet elenkati fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni għandhom jiġu sostitwiti bl-entrati kif jinsabu fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

[1] ĠU L 319, 2.12.2011, p. 56.

*ANNESS I*

**Persuni u entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 1**

A. **Persuni**

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data ta' meta nżdiedu mal-lista |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Anisa Al Assad (a.k.a. Anisah Al Assad) | Data tat-twelid: 1934<br>Kunjom tax-xbubija: Makhlouf | Omm il-President Al-Assad. Minħabba r-relazzjoni personali mill-qrib u r-relazzjoni finanzjarja intrinsika mal-President Sirjan, Bashar Al Assad, hija tibbenefika mir-reġim Sirjan u hija assoċjata miegħu. | 23.3.2012 |
| 2. | Bushra Al Assad (magħrufa wkoll bħala Bushra Shawkat) | Data tat-twelid: 24.10.1960 | Oħt Bashar al Assad, u mart Asif Shawkat, Deputat Kap tal-Persunal għas-Sigurtà u t-Tkixxif.<br>Minħabba r-relazzjoni mill-qrib u r-relazzjoni finanzjarja intrinsika mal-President Sirjan Bashar Al Assad u persuni oħra fil-qalba tar-reġim Sirjan, hija tibbenefika mir-reġim Sirjan u hija assoċjata miegħu. | 23.3.2012 |
| 3. | Asma Al Assad (magħrufa wkoll bħala Asma Fawaz Al Akhras) | Data tat-twelid: 11.08.1975<br>Post tat-twelid: Londra, Renju Unit<br>Numru tal-passaport: 707512830 jiskadi fit-22/9/2020<br>Kunjom tax-xbubija: Al Akhras | Mart Bashar Al Assad. Minħabba r-relazzjoni personali mill-qrib u r-relazzjoni finanzjarja intrinsika mal-President Sirjan Bashar Al Assad, hija tibbenefika mir-Reġim Sirjan u hija assoċjata miegħu. | 23.3.2012 |
| 4. | Manal Al Assad (magħrufa wkoll bħala Manal Al Ahmad) | Data tat-twelid: 02.02.1970<br>Post tat-twelid: Damasku<br>Numru tal-passaport (Sirjan): 0000000914<br>Kunjom tax-xbubija: Al Akhras | Mart Maher Al Assad, u bħala tali tibbenefika mir-reġim u hija assoċjata mill-qrib miegħu. | 23.3.2012 |
| 5. | Imad Mohammad Deeb Khamis | Data tat-twelid: 1 ta' Awwissu 1961<br>Post tat-twelid: viċin Damasku | Minister of Electricity. Responsabbli għall-użu tal-qtugħ tad-dawl bħala metodu ta' repressjoni. | 23.3.2012 |
| 6. | Omar Ibrahim Ghalawanji | Data tat-twelid: 1954<br>Post tat-twelid: Tartus | Ministru tal-Amministrazzjoni Lokali. Responsabbli għall-awtoritajiet tal-gvern lokali u għalhekk responsabbli għar-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili mill-gvernijiet lokali. | 23.3.2012 |
| 7. | Joseph Suwaid | Data tat-twelid: 1958<br>Post tat-twelid: Damasku | Ministru tal-Istat u għalhekk assoċjat mill-qrib mal-politika tar-reġim. | 23.3.2012 |
| 8. | Ghiath Jeraatli | Data tat-twelid: 1950<br>Post tat-twelid: Salamiya | Ministru tal-Istat u għalhekk assoċjat mill-qrib mal-politika tar-reġim. | 23.3.2012 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data ta' meta nżdiedu mal-lista |
|---|---|---|---|---|
| 9. | Hussein Mahmoud Farzat | Data tat-twelid: 1957<br>Post tat-twelid: Hama | Ministru tal-Istat u għalhekk assoċjat mill-qrib mal-politika tar-reġim. | 23.3.2012 |
| 10. | Yousef Suleiman Al-Ahmad | Data tat-twelid: 1956<br>Post tat-twelid: Hasaka | Ministru tal-Istat u għalhekk assoċjat mill-qrib mal-politika tar-reġim. | 23.3.2012 |
| 11. | Hassan al-Sari | Data tat-twelid: 1953<br>Post tat-twelid: Hama | Ministru tal-Istat u għalhekk assoċjat mill-qrib mal-politika tar-reġim. | 23.3.2012 |
| 12. | Mazen al-Tabba | Data tat-twelid: 01.01.1958<br>Post tat-twelid: Damasku<br>Numru tal-Passaport (Sirjan): 004415063 jiskadi fis-06.05.2015 | Sħab fin-negozju ma' Ihab Makhlouf u Nizar al-Assad (sanzjonati fit-23/08/2011); kopropjetarju, ma' Rami Makhlouf, tas-soċjetà ta' kambju Al-Diyar lil Saraafa li jappoġġa l-politika tal-Bank Ċentrali tas-Sirja. | 23.3.2012 |

B. **Entitajiet**

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data ta' meta nżdiedu mal-lista |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Syrian Petroleum company | Indirizz: Dummar Province, Expansion Square, Island 19-Building 32<br>P.O. BOX: 2849 jew 3378<br>Tel: 00963-11-3137935 jew 3137913<br>Fax: 00963-11-3137979 jew 3137977<br>Posta elettronika: spccom2@scs-net.org or spccom1@scs-net.org<br>Website: www.spc.com.sy<br>Website: www.spc-sy.com | Kumpannija taż-żejt statali. Tipprovdi appoġġ finanzjarju lir-reġim Sirjan. | 23.3.2012 |
| 2. | Mahrukat Company (Il-Kumpannija Sirjana għall-Ħażna u d-Distribuzzjoni ta' Prodotti ta' Żejt mhux maħdum) | Kwartieri Ġenerali: Damascus - Al Adawi st., Petroleum building<br>Fax: 00963-11/4445796<br>Tel: 00963-11/44451348 - 4451349<br>Posta elettronika: mahrukat@net.sy<br>Website:http://www.mahrukat.gov.sy/indexeng.php> | Kumpannija taż-żejt statali. Tipprovdi appoġġ finanzjarju lir-reġim Sirjan. | 23.3.2012 |

*ANNESS II*

**Persuni u entità msemmija fl-Artikolu 2**

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Tarif Akhras | Twieled fit-02 ta' Ġunju 1951 f'Homs, is-Sirja<br>Passaport Sirjan nru 0000092405 | Negozjant prominenti li jibbenefika minn u jappoġġa lir-reġim. Fundatur tal-Akhras Group (prodotti, kummerċ, ipproċessar u loġistika) u ex President għall-Kamra tal-Kummerċ ta' Homs. Relazzjonijiet ta' negozju mill-qrib mal-familja tal-President Al-Assad. Membru tal-Bord tal-Federazzjoni tal-Kamra tal-Kummerċ Sirjana. Ipprovda bini industrijali u residenzjali għal kampijiet ta' detenzjoni improviżati, kif ukoll appoġġ loġistiku għar-reġim (xarabanks u tankijiet tat-tagħbija) | 2.9.2011 |
| 2. | Issam Anbouba | Twieled fl-1952 f'Homs, is-Sirja | President ta' Anbouba għal Agricultural Industries Co. Jipprovdi appoġġ finanzjarju lir-reġim Sirjan. | 2.9.2011 |
| 3. | Ra'if Al-Quwatly (magħruf ukoll bħala Ri'af Al-Quwatli magħruf ukoll bħala Raeef Al-Kouatly) | | Assoċjat fin-negozju ma' Maher Al-Assad u responsabbli għall-ġestjoni ta' xi wħud mill-interessi tan-negozju tiegħu; jipprovdi finanzjament lir-reġim | 23.6.2011 |
| 4. | Bassam Sabbagh | Twieled fl-24 ta' Awwissu fl-1959 f'Damasku. Indirizz: Kasaa, Anwar al Attar Street, al Midani building, Damascus.<br>Passaport Sirjan nru 004326765 maħruġ fit-2 ta' Novembru 2008, validu sa Novembru 2014. | Kunsillier legali u finanzjarju u jiġġestixxi l-affarijiet ta' Rami Makhlouf u ta' Khaldoun Makhlouf. Involut ma' Bashar al-Assad fil-finanzjament ta' proġett ta' bini f' Latakia. Jipprovdi appoġġ finanzjarju lir-reġim. | 14.11.2011 |
| 5. | Mohamed Hamcho | Twieled fl-20 ta' Mejju 1966;<br>Nru tal-passaport 002954347 | Negozjant Sirjan u aġent lokali għal diversi kumpanniji barranin; assoċjat ta' Maher al-Assad, jiġġestixxi parti mill-interessi finanzjarji u ekonomiċi tiegħu u jipprovdi finanzjament lir-reġim. | 23.5.2011 |
| 6. | El-Tel Co. (El-Tel Middle East Company) | Indirizz: Dair Ali Jordan Highway, P.O.Box 13052, Damascus – Syria<br>Tel.: +963-11-2212345<br>Fax: +963-11-44694450<br>Indirizz elettroniku: sales@eltelme.com<br>Website: www.eltelme.com | Manifattura u forniment ta' torrijiet ta' komunikazzjoni u trasmissjoni u tagħmir ieħor għall-armata Sirjana. | 23.9.2011 |
| 7. | Rami Makhlouf | Twieled fl-10 ta' Lulju 1969 f'Damasku,<br>Nru tal-passaport 454224 | Negozjant Sirjan; kuġin tal-President Bashar Al-Assad; jikkontrolla l-fondi ta' investiment Al Mahreq, Bena Properties, Cham Holding Syriatel, Souruh Company u jipprovdi finanzjament u appoġġ lir-reġim. | 9.5.2011 |
| 8. | Ihab (magħruf ukoll bħala Ehab, Iehab) Makhlouf | Twieled fil-21 ta' Jannar 1973 f'Damasku;<br>Nru tal-passaport N002848852 | President ta' Syriatel, li jħallas 50 % tal-profitti tiegħu lill-gvern Sirjan permezz tal-kuntratt ta' liċenzja tiegħu. | 23.5.2011 |

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 310 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 840 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT